



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 24.2.2021  
COM(2021) 85 final

2021/0045 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar ir-roaming fuq networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni  
(riformulazzjoni)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2021) 90 final} - {SWD(2021) 27 final} - {SWD(2021) 28 final} -  
{SWD(2021) 29 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### **Raġunijiet għall-proposta u l-oġġettivi tagħha**

##### **Introduzzjoni**

Ir-Regolament (UE) Nru 531/2012<sup>1</sup> jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2022, u għalhekk din il-proposta għandha l-għan li testendi l-iskadenza u fl-istess ħin taġġusta t-tariffi massimi bl-ingrossa biex tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-forniment ta' servizzi tar-roaming bl-imnut bi prezzijiet domestiċi, tintroduċi miżuri ġodda li jżidu t-trasparenza, u tiżgura esperjenza ġenwina ta' "roaming daqslikieku f'pajjiżek" mil-lat ta' kwalità tas-servizz u aċċess għas-servizzi ta' emerġenza waqt ir-roaming.

Ir-Regolament (UE) Nru 531/2012 ġie emendat kemm-il darba u għalhekk din il-proposta għandha l-għan li tirriformula r-Regolament biex ittejjeb iċ-ċarezza u tissostitwixxi l-bosta atti emendatorji li fih<sup>2</sup>.

##### **Kuntest**

L-intervent regolatorju tal-UE fis-swieq tar-roaming bl-imnut u bl-ingrossa kien meħtieġ fl-aħħar 14-il sena biex jitjiebu l-kundizzjonijiet għall-funzjonament tas-suq intern għas-servizzi tar-roaming fl-Unjoni.

Bl-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 717/2007<sup>3</sup>, l-UE adottat l-ewwel dispożizzjonijiet biex toħloq approċċ konġunt għar-regolamentazzjoni tar-roaming fuq in-networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli fl-UE. Fl-2009, wara rieżami ta' dawk id-dispożizzjonijiet, ġie estiż it-tul taż-żmien tagħhom u twessa' l-kamp ta' applikazzjoni<sup>4</sup>. Wara rieżami ulterjuri tar-regoli, ġie adottat ir-Regolament (UE) Nru 531/2012. Dak ir-Regolament emenda r-regoli preċedenti billi raħħas il-prezzijiet tar-roaming għat-telefonati u l-messaġġi SMS u stabbilixxa limitu massimu għall-prezzijiet tar-roaming tad-*data* fl-UE kollha.

Ir-Regolament (UE) 2015/2120<sup>5</sup> emenda r-Regolament (UE) Nru 531/2012 u eżiġa t-tneħħija tat-tariffi supplimentari tar-roaming bl-imnut fl-UE mill-15 ta' Ġunju 2017, soġġetti għal użu ġust tas-servizzi tar-roaming u l-opzjoni li jiġi applikat mekkaniżmu tad-deroga għas-sostenibbiltà. F'dan il-Memorandum ta' Spjegazzjoni, dawn ir-regoli għas-servizzi tar-roaming bl-imnut fl-Unjoni jissejħu r-regoli dwar "roaming daqslikieku f'pajjiżek" (jew RLAH).

Għalkemm bżonjuża, regolamentazzjoni fil-livell bl-imnut waħedha mhix biżżejjed għall-implimentazzjoni tal-RLAH. Biex it-tneħħija tat-tariffi supplimentari tar-roaming bl-imnut tkun sostenibbli fl-UE kollha u ma toħloqx distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-swieq domestiċi,

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 531/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar roaming fuq networks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 172, 30.6.2012, p. 10).

<sup>2</sup> Ara l-Anness II tal-proposta.

<sup>3</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 717/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2007 dwar roaming fuq networks pubbliċi tat-telefonija mobbli fi ħdan il-Komunità u li jemenda d-Direttiva 2002/21/KE (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 32).

<sup>4</sup> Ir-Regolament (KE) 544/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 717/2007 dwar roaming fuq networks pubbliċi tat-telefonija mobbli fi ħdan il-Komunità u d-Direttiva 2002/21/KE dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (ĠU L 167, 29.6.2009, p. 12).

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li jstabbilixxi miżuri dwar aċċess għal Internet miftuħ u tariffi bl-imnut għal komunikazzjonijiet intra-UE regolati u li jemenda d-Direttiva 2002/22/KE u r-Regolament (UE) Nru 531/2012 dwar roaming fuq networks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 310, 26.11.2015, p. 1).

is-swieq nazzjonali tar-roaming bl-ingrossa jeħtieġu inċentivi biex jaġixxu b'mod kompetittiv u jipprovdu prezzijiet tar-roaming bl-ingrossa li jippermettu lill-operaturi joffru servizzi tar-roaming bl-imnut b'mod sostenibbli mingħajr tariffi addizzjonali.

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni wettqet rieżami tas-suq tar-roaming bl-ingrossa biex tivvaluta l-ħtieġa ta' miżuri li jippermettu t-tneħħija tat-tariffi supplimentari tar-roaming bl-imnut. Ir-rapport tagħha dwar ir-rieżami tas-suq tar-roaming bl-ingrossa ġie adottat fil-15 ta' Ġunju 2016<sup>6</sup>. Wara r-rieżami, fis-17 ta' Mejju 2017 il-Kummissjoni adottat ir-Regolament (UE) 2017/920<sup>7</sup> li jemenda r-Regolament (UE) Nru 531/2012 fir-rigward tar-regoli għas-swieq tar-roaming bl-ingrossa, biex sal-15 ta' Ġunju 2017 jitneħħew it-tariffi supplimentari tar-roaming bl-imnut mingħajr distorsjoni tas-swieq domestiċi miżjura u tal-pajjiż tal-oriġini.

Fid-29 ta' Novembru 2019, il-Kummissjoni ppubblikat l-ewwel rieżami sħiħ tagħha tas-suq tar-roaming (ir-“Rapport ta' Rieżami tal-Kummissjoni”) li juri li l-vjaġġaturi fl-UE kollha bbenefikaw b'mod sinifikanti mit-tmiem tat-tariffi tar-roaming f'Ġunju 2017<sup>8</sup>. L-użu tas-servizzi mobbli (ta' *data*, bil-vuċi, ta' SMS) waqt l-ivvjaġġar fl-UE żdied malajr u bil-qawwa, u dan jixhed l-impatt pożittiv tar-regoli dwar ir-roaming.

Fil-livell bl-ingrossa, it-tnaqqis qawwi fil-limiti massimi tal-prezzijiet ikkontribwixxa għal aktar tnaqqis fil-prezzijiet tar-roaming bl-ingrossa, ħafna drabi ferm inqas mil-livell tal-limiti massimi regolati, u dan min-naħa tiegħu jagħmel it-tmiem tat-tariffi tar-roaming sostenibbli għal kważi l-fornituri kollha tar-roaming.

Għalkemm ir-Rapport ta' Rieżami tal-Kummissjoni jikkonferma li minn naħa, ir-regoli dwar “roaming daqslikeku f'pajjiżek” kienu suċċess u li b'mod ġenerali s-suq tar-roaming jaħdem sew b'dawn ir-regoli, min-naħa l-oħra dan jikkonkludi li minkejja sinjali ta' xi dinamiċi tal-kompetizzjoni fis-swieq tar-roaming bl-imnut kif ukoll bl-ingrossa, il-kundizzjonijiet bażiċi tal-kompetizzjoni sottostanti ma nbidlux u aktarx mhux se jinbidlu fil-futur prevedibbli. Għaldaqstant, ir-regolamentazzjoni attwali fil-livell bl-imnut u bl-ingrossa għadha meħtieġa u ma tistax titneħħa.

### **Raġunijiet u l-oġettiv tal-proposta, l-emendi ewlenin u d-dispożizzjonijiet li ma nbidlux**

Il-proposta għandha l-għan li testendi r-regoli li jirregolaw is-suq tar-roaming fl-UE kollha lil hinn mill-2022, u fl-istess ħin temenda t-tariffi massimi bl-ingrossa, tintroduċi miżuri ġodda li jiżguraw esperjenza ġenwina tal-RLAH waqt ir-roaming, u tirrevoka miżuri oħra li jidher li m'għadhomx meħtieġa.

L-emendi proposti għar-regoli huma deskritti fid-dettall hawn taħt<sup>9</sup>.

Fi ftit kliem, l-emendi ewlenin proposti għandhom l-għan li jiżguraw li l-operaturi jkunu jistgħu jipprovdu l-RLAH u jirkupraw il-kostijiet b'mod sostenibbli fil-livell bl-ingrossa. Il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi t-tariffi massimi tar-roaming bl-ingrossa fl-UE kollha għat-telefonati magħmula, għall-messaġġi SMS mibgħuta u għad-*data* użata, f'livelli aktar baxxi minn dawk validi sat-30 ta' Ġunju 2022. Biex tirrikonċilja ż-żewġ oġettivi msemmija hawn fuq, li jiżguraw is-sostenibbiltà u l-irkupru tal-kostijiet, il-proposta tistabbilixxi tnaqqis gradwali (*glide path*) f'żewġ stadji għat-tariffi massimi bl-ingrossa applikabbli għad-*data*, il-vuċi u l-messaġġi SMS. F'konformità mal-għażla politika li saret fir-Regolament (UE)

<sup>6</sup> Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-rieżami tas-suq tar-roaming bl-ingrossa, COM(2016) 0398 final.

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/920 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 531/2012 fir-rigward tar-regoli għas-swieq tar-roaming bl-ingrossa (ĠU L 147, 9.6.2017, p. 1).

<sup>8</sup> Ir-rapport dwar ir-rieżami tas-suq tar-roaming, COM(2019) 616 final, jinsab [hawn](#).

<sup>9</sup> Ara t-taqsima “Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta”.

Nru 531/2012, it-tariffi massimi bl-ingrossa l-ġodda jenħtieġ jaġixxu bħala livell ta' salvagwardja u jenħtieġ jiżguraw li l-operaturi jkunu jistgħu jirkupraw il-kostijiet tagħhom. Jenħtieġ jippermettu wkoll il-forniment mifruw u sostenibbli tal-RLAH, u fl-istess ħin iħallu marġini għal negozjati kummerċjali bejn l-operaturi. B'kuntrast ma' dan, id-dispożizzjonijiet ftit li xejn se jinbidlu fejn jidħlu l-politika ta' użu ġust u s-sostenibbiltà (l-Artikolu 6b u 6c tar-Regolament (UE) Nru 531/2012) u l-att ta' implimentazzjoni relatat (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2286) għax ir-regoli ta' salvagwardja fil-livell bl-imnut għadhom jiffunzjonaw sew. Madankollu, bi tnaqqis fit-tariffi massimi bl-ingrossa applikabbli, titjeb ukoll is-sitwazzjoni għall-utenti finali għax dan jaffettwa l-komponenti tal-prezz li jiġu kkalkulati skont il-livell tagħhom, b'mod partikolari l-limitu massimu għat-tariffi supplimentari skont il-mekkaniżmu tal-politika ta' użu ġust, id-derogi għas-sostenibbiltà u l-volum ta' *data* awtorizzat tal-politika ta' użu ġust fuq raggruppamenti ta' *data* miftuħa u limiti ta' kreditu mħallas minn qabel.

Barra minn hekk, il-proposta tintroduċi miżuri ġodda dwar it-trasparenza, il-kwalità tas-servizz u l-aċċess għall-komunikazzjonijiet ta' emerġenza.

B'mod partikolari, din tinkludi emendi bil-għan li jiżguraw esperjenza ġenwina tal-RLAH lill-utenti finali u jiffaċilitaw l-innovazzjoni u l-aċċess għan-networks, filwaqt li jistabbilixxu qafas regolatorju li jibqa' validu fil-futur għall-konsumaturi u l-operaturi. B'mod speċifiku, il-proposta għandha l-għan li:

- (i) Iżżid it-trasparenza fil-livell bl-imnut rigward (a) il-kwalità tas-servizz (billi tintroduċi obbligu għall-operaturi biex fil-kuntratti tagħhom mal-klijenti jiċċaraw il-kwalità tas-servizz li jistgħu raġonevolment jistennew waqt ir-roaming fl-UE); (b) il-komunikazzjonijiet dwar servizzi ta' valur miżjud (billi tintroduċi obbligu li l-operaturi fil-kuntratti tagħhom mal-klijenti jipprovdu informazzjoni dwar it-tip ta' servizzi li jistgħu jkunu soġġetti għal tariffi ogħla u informazzjoni simili fl-“SMS ta' merħba”); (c) l-aċċess għas-servizzi ta' emerġenza (billi tintroduċi obbligu li l-operaturi jinkludu informazzjoni dwar il-possibiltajiet differenti ta' aċċess għas-servizzi ta' emerġenza waqt ir-roaming fl-“SMS ta' merħba”).
- (ii) Tagħti esperjenza ġenwina tal-RLAH lill-klijenti tar-roaming fejn tidħol il-kwalità tas-servizz (billi tintroduċi obbligu li meta jkun fattibbli teknikament, il-fornituri tar-roaming jiżguraw li s-servizzi tar-roaming jingħataw bl-istess kundizzjonijiet daqslikieku ġew ikkonsmati domestikament, u obbligu li l-operaturi tan-networks mobbli jipprovdu aċċess għat-teknoloġiji u l-ġenerazzjonijiet kollha tan-network disponibbli).
- (iii) Iżżid il-livell tat-trasparenza fil-livell bl-ingrossa fir-rigward tal-meded tan-numri għas-servizzi ta' valur miżjud bil-ħolqien ta' bażi tad-*data* ċentralizzata tal-UE għall-meded tan-numri għas-servizzi ta' valur miżjud. Il-bażi tad-*data* għandha l-għan li tipprovdi għodda tat-trasparenza li tagħti aċċess dirett lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (NRAs) u lill-operaturi għal informazzjoni dwar il-meded tan-numri li jistgħu jiġġeneraw kostijiet ogħla fl-Istati Membri.
- (iv) Tiżgura aċċess mingħajr ħlas għas-servizzi ta' emerġenza lill-klijenti waqt ir-roaming billi tieħu miżuri specifichi fil-livell bl-ingrossa bħal (a) l-obbligu li fil-ftehim bl-ingrossa, l-operaturi jipprovdu kull informazzjoni regolatorja u teknika meħtieġa biex jitwettaq aċċess mingħajr ħlas għas-servizzi ta' emerġenza u għal lokalizzazzjoni mingħajr ħlas ta' min jagħmel it-telefonata; (b) l-obbligu li l-fornitur tar-roaming ma jimponi l-ebda tariffa relatata mal-komunikazzjonijiet ta' emerġenza u mat-trażmissjoni tal-informazzjoni dwar il-lokalizzazzjoni ta' min jagħmel it-telefonata.

Finalment, il-proposta tneħħi l-obbligi regolatorji li ma għadhomx meħtieġa u tinkludi diversi emendi biex tissimplifika u tnaqqas il-piż regolatorju<sup>10</sup>.

- **Konsistenza ma' dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

It-tneħħija tat-tariffi supplimentari tar-roaming bl-imnut kienet pass biex jinħoloq suq uniku fl-UE kollha, u biex dan ikun jiffunzjona sew.

B'mod partikolari, ir-regolamentazzjoni tas-suq tar-roaming li tistabbilixxi l-RLAH fl-UE kollha se tgħin biex jintlaħaq l-oġġettiv ta' politika li jkun żgurati swieq li jiffunzjonaw sew u li jagħtu aċċess għal infrastruttura tal-broadband mingħajr fili ta' prestazzjoni għolja bi prezzijiet affordabbli fl-UE kollha.

Fl-2015, meta adottaw ir-regoli dwar l-RLAH, il-koleġiżlaturi għarfu l-importanza ta' dan l-oġġettiv għas-suq uniku diġitali ġenerali.

Għaldaqstant fit-30 ta' Ġunju 2022, meta jiskadi r-Regolament (UE) Nru 531/2012, jeħtieġ ikun evitat li jiġu mminati l-kisbiet li saru. Għalhekk il-proposta ta' rieżami tar-regoli eżistenti dwar ir-roaming ġiet inkluża fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2020 taħt l-ambizzjoni l-kbira "Ewropa lesta għall-Era Diġitali" u l-oġġettiv speċifiku "Diġitali għall-konsumaturi".

Il-proposta tikkumplimenta d-Direttiva (UE) 2018/1972 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (EECC)<sup>11</sup>, li l-Istati Membri kellhom jittrasponu sal-21 ta' Diċembru 2020. B'mod partikolari, filwaqt li tippromwovi l-forniment sostenibbli tal-RLAH, l-irkupru tal-kostijiet u ż-żamma tal-inċentivi għal investimenti fin-networks miżjura, il-proposta tikkumplimenta l-miżuri tal-EECC li jippermettu konnettività għolja u l-iskjerament tal-5G għall-benefiċċju tal-Ewropej kollha, filwaqt li tippromwovi l-kompetizzjoni fl-infrastruttura u tippermetti lill-operaturi jiżguraw redditu fuq l-investment. Billi tippromwovi esperjenza ġenwina tal-RLAH lill-utenti finali, il-proposta tikkumplimenta d-dispożizzjonijiet tal-EECC li jipprovdu protezzjoni effettiva lill-konsumaturi fil-kuntest tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, li jsaħħu l-għażla tagħhom billi jżidu l-livell tat-trasparenza tal-informazzjoni, u b'regoli speċifiċi dwar it-tul massimu tal-kuntratti u l-portabbiltà tan-numri. L-EECC għandu l-għan ukoll li jipprovdi aċċess mingħajr ħlas lill-utenti finali għas-servizzi ta' emerġenza permezz ta' komunikazzjonijiet ta' emerġenza, u li jiżgura d-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar il-lokalizzazzjoni ta' min jagħmel it-telefonata.

Fost l-oġġettivi ewlenin li stabbiliet il-Kummissjoni hemm li tirreaġixxi għaż-żieda fil-ħtiġijiet tal-pubbliku u tan-negozji għall-konnettività<sup>12</sup>, u tisfrutta l-benefiċċji tat-trasformazzjoni diġitali biex issaħħaħ ir-reżiljenza soċjali u ekonomika tal-UE u tal-Istati Membri, il-potenzjal ta' tkabbir sostenibbli tagħhom u l-ħolqien tal-impjiegi. Il-konnettività tal-Gigabits, imħaddma b'infrastrutturi siguri tal-fibra u tal-5G, hija essenzjali biex jinħataf il-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir diġitali. Dawn l-oġġettivi politiċi, li ġew inklużi fil-Komunikazzjoni "Insawru l-Futur Diġitali tal-Ewropa", huma stabbiliti wkoll fl-Istrateġija tal-UE "Lejn Soċjetà Ewropea tal-Gigabits", fil-Pjan ta' Azzjoni tal-5G għall-Ewropa u kkonfermati bil-politika ewlenija dwar il-konnettività inkluża fl-Istrateġija Annwali tal-2021 għat-Tkabbir Sostenibbli<sup>13</sup> u marbuta mal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza<sup>14</sup>. Għal dan il-għan, din il-proposta tippermetti l-użu bla xkiel ta' dawn l-infrastrutturi bejn il-fruntieri.

<sup>10</sup> Ara t-taqsima dwar ir-REFIT.

<sup>11</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (riformulazzjoni) (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36).

<sup>12</sup> Il-Komunikazzjoni "Insawru l-Futur Diġitali tal-Ewropa" (COM(2020) 67 final).

<sup>13</sup> Il-Komunikazzjoni "Strateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli" (COM(2020) 575 final).

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Ir-regoli tal-UE dwar ir-roaming għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern ħalli jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi u tinżamm il-kompetizzjoni fost l-operaturi tan-networks mobbli. Għalkemm din il-proposta tindirizza l-kwistjonijiet regolatorji li jirriżultaw mid-dettalji speċifiċi tar-regoli tal-UE dwar ir-roaming, din tikkumplimenta wkoll politiki u liġijiet oħra tal-UE f'diversi oqsma.

B'mod partikolari, il-proposta tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' "Ewropa Lesta għall-Era Diġitali" u għall-ambizzjoni li jsir l-aqwa użu mit-tranżizzjoni diġitali ħalli ċ-ċittadini jkollhom opportunitajiet akbar li jikkollegaw, jikkomunikaw u jagħmlu n-negozju.

Il-proposta għandha l-oġġettiv li tiżgura li ma jergħux jinħolqu l-ostakli għas-suq uniku<sup>15</sup> li kienu tneħħew meta twaqqfu t-tariffi supplimentari tar-roaming bl-imnut. L-"Istrateġija l-Ġdida għall-Industrija għall-Ewropa"<sup>16</sup> tisħaq li suq uniku sod u integrat hu xprun u prekundizzjoni għal industrija tal-UE kompetittiva. Biex is-suq uniku jaħdem għal kulħadd, il-liġi tal-UE ddaħħal fis-seħħ regoli komuni li jeliminaw l-ostakli, jiffaċilitaw iċ-ċirkolazzjoni tal-merkanzija u tas-servizzi fl-UE kollha, u jiproteġu wkoll lill-konsumaturi.

Pereżempju, il-proposta tikkumplimenta l-portabbiltà transfruntiera tal-kontenut online<sup>17</sup>. B'dawn iż-żewġ inizjattivi, l-Ewropej issa jistgħu jivvjaġġaw fl-UE mingħajr ma jinkwetaw fuq it-tariffi tar-roaming mobbli jew jitolfu l-aċċess għal mużika, loġħob, films, programmi ta' divertiment jew avvenimenti sportivi li jkunu diġà ħallsu għalihom. Il-proposta tiffaċilita wkoll l-aċċess għall-kultura diġitali Ewropea<sup>18</sup>, l-għodod tat-tagħlim, il-pjattaformi tax-xogħol u l-applikazzjonijiet tas-saħħa.

## 2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-Artikolu 114. Din hija l-bażi ġuridika għall-miżuri adottati skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja li għandhom l-għan jistabbilixxu jew itejbu l-funzjonament tas-suq intern, kif previst fl-Artikolu 26 tat-TFUE.

Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, l-oġġettiv tal-miżuri adottati skont l-Artikolu 114 (l-ex Artikolu 95 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea) għandu jkun li jitjebu l-kundizzjonijiet għall-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern<sup>19</sup>. Il-leġiżlatur tal-Unjoni jista' juża din il-bażi ġuridika b'mod partikolari meta jkun hemm differenzi bejn ir-regoli nazzjonali li jxekklu l-libertajiet fundamentali u b'hekk ikollhom effett dirett fuq il-funzjonament tas-suq intern<sup>20</sup> jew jikkawżaw distorsjonijiet sinifikanti tal-kompetizzjoni<sup>21</sup>.

- **Sussidjarjetà**

---

<sup>14</sup> Ir-Regolament li jistabbilixxi Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (COM(2020) 408 final).

<sup>15</sup> Ir-Rapport dwar l-Ostakoli għas-Suq Uniku, COM(2020) 93 final, jikkonferma li meta s-suq uniku ma jirnexxilux jisfrutta l-potenzjal kollu tiegħu, l-SMEs u ċ-ċittadini huma l-aktar probabbli li jbatu.

<sup>16</sup> Ara [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip\\_20\\_416](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_20_416)

<sup>17</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/1128 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar l-iżgurar tal-portabbiltà transkonfinali tas-servizzi tal-kontenut online fis-suq intern (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 1).

<sup>18</sup> Ara <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/digitalyou-digital-culture>.

<sup>19</sup> Il-Kawża C-491/01 *British American Tobacco (Investments) u Imperial Tobacco* [2002] ECR I-11453, il-paragrafu 60, u l-kawża C-217/04 *Ir-Renju Unit v Il-Parlament u l-Kunsill* [2006] ECR I-3771, il-paragrafu 42.

<sup>20</sup> Il-Kawża C-380/03 *Il-Ġermanja v Il-Parlament u l-Kunsill* [2006] ECR I-11573, il-paragrafu 37 u l-ġurisprudenza ċċitata.

<sup>21</sup> Il-Kawża C-376/98 *Il-Ġermanja v Il-Parlament u l-Kunsill* [2000] ECR I-8419, il-paragrafi 84 u 106.

Fejn jidħlu r-regoli tal-UE dwar ir-roaming, bħala parti mill-qasam ta' politika tas-suq intern u f'konformità mal-Artikolu 4(2) tat-TFUE, l-UE għandha kompetenza kondiviża mal-Istati Membri.

F'dan is-settur, il-problemi ma jistgħux jissolvew fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, u għalhekk azzjoni min-naħa tal-UE biss tista' tkun effettiva. Għalhekk hemm bżonn tittieħed azzjoni mill-UE biex jitjieb is-suq uniku għall-komunikazzjonijiet elettroniċi.

Kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-Kawża storika C-58/08 Vodafone, id-differenzi fil-prezz bejn it-telefonati li jsiru fl-Istat Membru proprju u t-telefonati li jsiru waqt ir-roaming jistgħu raġonevolment jitqiesu li jiskoraġġixxu l-użu ta' servizzi transfruntieri bħar-roaming. Dan l-iskoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri għandu l-potenzjal li jimpedixxi l-istabbiliment ta' suq intern li jiżgura l-moviment liberu tal-oġġetti, tas-servizzi u tal-kapital. Fil-fatt, fis-settur tat-telekomunikazzjoni mobbli ma hemm l-ebda attività transfruntiera aktar ċara mir-roaming innifsu<sup>22</sup>.

Il-fatt li s-servizzi huma transfruntieri jiġġustifika azzjoni meħuda fil-livell tal-UE għax l-Istati Membri waħedhom ma jistgħux jindirizzaw il-kwistjoni b'mod effettiv u l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali ma setgħux jindirizzaw il-problemi b'mod awtonomu<sup>23</sup>.

Fis-sentenza tagħha tal-Kawża C-58/08 Vodafone imsemmija hawn fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja sabet li fil-passat, "il-livell għoli ta' prezzijiet bl-imnut ġie kkunsidrat bħala problema persistenti mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (NRAs), mill-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll mill-għaqdiet ta' difiża tal-konsumaturi fil-Komunità kollha u t-tentattivi biex din il-problema tissolva abbażi tal-kuntest ġuridiku eżistenti ma kellhomx bħala effett li jnaqqsu l-prezzijiet"<sup>24</sup>.

Il-proposta tinkludi miżuri fil-livell bl-ingrossa u fil-livell bl-imnut. Fis-sentenza ta' hawn fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja sabet ukoll li r-regolamentazzjoni fil-livell bl-ingrossa fis-suq tar-roaming tikkonforma mal-prinċipji tas-sussidjarjetà (u tal-proporzjonalità) peress li "l-interdipendenza bejn it-tariffi bl-imnut u t-tariffi bl-ingrossa tas-servizzi tar-roaming tgawdi importanza sinifikattiva, b'mod li kull miżura intiża biex tnaqqas it-tariffi bl-imnut biss, mingħajr ma taffettwa l-livell tal-kostijiet għall-forniment bl-ingrossa tas-servizzi tar-roaming madwar il-Komunità, kellha natura ta' tfixkil fil-funzjonament tajjeb tas-suq tar-roaming madwar il-Komunità"<sup>25</sup>.

Bl-istess mod, il-kwistjonijiet indirizzati mill-miżuri l-ġodda inklużi fil-proposta huma wkoll relatati strettament man-natura transfruntiera tar-roaming, u huma affettwati minnha. Għalhekk dawn ma jistgħux jiġu indirizzati b'mod adegwat mill-Istati Membri b'mod awtonomu, u azzjoni fil-livell tal-UE tkun aktar effettiva minn azzjoni fil-livell nazzjonali<sup>26</sup>. Fil-fatt, il-problemi sottostanti li l-proposta tipprova ssolvi jistgħu potenzjalment iwasslu biex jiskoraġġixxu l-użu tar-roaming, joħolqu ostakli fl-użu tas-servizzi u l-applikazzjonijiet mobbli waqt l-ivvjaġġar fis-suq uniku, jew b'mod ġenerali jfixklu l-funzjonament bla xkiel

<sup>22</sup> Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro datata l-1 ta' Ottubru 2009 fil-Kawża C-58/08 ECLI:EU:C:2009:596.

<sup>23</sup> Kif indikat mill-ERG f'ittra mibgħuta f'Diċembru 2005 lid-Direttorat Ġenerali tad-DĠ Soċjetà tal-Infurmazzjoni tal-Kummissjoni.

<sup>24</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Ġunju 2010, Vodafone, C-58/08, ECLI:EU:C:2010:321, il-paragrafu 40.

<sup>25</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Ġunju 2010, Vodafone, C-58/08, ECLI:EU:C:2010:321, il-paragrafu 77.

<sup>26</sup> Valutazzjoni aktar dettaljata tar-rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà bl-approċċ propost tinsab fil-grilja tas-sussidjarjetà mehmuża ma' din il-proposta.

tas-suq tar-roaming fl-UE kollha. Skont il-ġurisprudenza applikabbli, dan huwa objettiv li jrid jiġi segwit u li jintlaħaq l-aħjar fil-livell tal-UE<sup>27</sup>.

- **Proporzjonalità**

Ir-regoli tal-UE dwar ir-roaming għandhom l-objettiv li jintroduċu approċċ konġunt li jiżgura li l-utenti tan-networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli, waqt l-ivvjaġġar fl-UE kollha, ma jħallsux prezzijiet eċċessivi għal servizzi tar-roaming fl-UE kollha, meta mqabbla ma' prezzijiet nazzjonali kompetittivi, meta jagħmlu u jirċievu telefonati, meta jibagħtu u jirċievu messaġġi SMS, u meta jagħmlu komunikazzjonijiet ta' *data* bil-kommutazzjoni ta' pakketti. Dan jikkontribwixxi għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern, u fl-istess ħin jikseb livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi, irawwem il-kompetizzjoni u t-trasparenza fis-suq, u joffri inċentivi għall-innovazzjoni u għażla lill-konsumaturi. Barra minn hekk, din il-proposta tintroduċi miżuri addizzjonali bil-għan li jneħħu l-ostakli persistenti għal esperjenza ġenwina ta' "roaming daqslikieku f'pajjiżek".

Peress li dawn l-objettivi ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri b'mod sigur, armonizzat u fil-ħin, iżda jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit ukoll f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament propost ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.

B'mod partikolari, ir-Regolament jissodisfa l-kriterju tal-proporzjonalità wkoll għax hu previst għal żmien limitat u għandu skadenza (it-30 ta' Ġunju 2032, jiġifieri tul taż-żmien ġenerali ta' 10 snin).

Għar-regoli l-ġodda proposti, intgħażel perjodu ta' 10 snin għax normalment ikun hemm bżonn deċennju għal skjerament wiesa' ta' ġenerazzjoni ġdida tal-komunikazzjoni mobbli u biex jinħolqu mudelli tan-negozju ġodda. Meta tħares 'il quddiem, il-Kummissjoni ma tistennix li l-kompetizzjoni se tinbidel b'mod sinifikanti fis-suq tul l-10 snin li ġejjin<sup>28</sup>. Dan il-perjodu ta' 10 snin għandu l-għan ukoll li jipprovdi ċertezza fis-suq u jnaqqas kemm jista' jkun il-piż regolatorju.

Il-proposta tinkludi wkoll approċċ flessibbli għal reviżjoni tat-tariffi massimi bl-ingrossa li, jekk ikun meħtieġ, se jitwettagħ bl-adozzjoni ta' att delegat. Dan jiżgura li wieħed mill-aspetti ewlenin tal-funzjonament tas-suq tar-roaming ikun jista' jiġi rivedut abbażi ta' *data* affidabbli u aġġornata. Fil-Kawża C-58/08 Vodafone, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE rrikonoxxiet li, fid-dawl tal-importanza tal-objettiv tal-protezzjoni tal-konsumaturi fil-kuntest tal-Artikolu 95(3) KE (issa l-Artikolu 114 tat-TFUE), intervent limitat fiż-żmien f'suq soġġett għall-kompetizzjoni, li fil-futur immedjat ikun jippermetti l-protezzjoni tal-konsumaturi minn prezzijiet eċċessivi, bħal dak inkwistjoni, anke jekk jaf ikun iħalli konsegwenzi ekonomiċi negattivi fuq ċerti operatori, huwa wieħed proporzjonat mal-għan segwit. L-obbligi regolatorji dwar it-tariffi bl-ingrossa u bl-imnut għas-servizzi tar-roaming tat-telefonati, tal-messaġġi SMS u tad-*data* jenħtieġ jibqgħu applikati biex jissalvagwardjaw lill-konsumaturi meta l-kompetizzjoni fil-livelli bl-imnut jew bl-ingrossa ma tkunx żviluppata għalkollox.

---

<sup>27</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Ġunju 2010, Vodafone, C-58/08, ECLI:EU:C:2010:321, il-paragrafi 76 sa 78.

<sup>28</sup> Ara wkoll il-valutazzjoni tal-impatt potenzjali tal-bidliet teknoloġiċi fuq is-servizzi tar-roaming, li saret fl-istudju dwar l-Iżviluppi Teknoloġiċi u r-Roaming (SMART 2018/0012) disponibbli [hawn](#) u ppreżentat fil-valutazzjoni tal-impatt mehmuża ma' din il-proposta.



Il-valutazzjoni tal-impatt mehmuża ma' din il-proposta<sup>29</sup> tiddiskuti l-proporzjonalità fid-dettall fit-Taqsima 7.3 – Koerenza u proporzjonalità.

- **Għażla tal-istrument**

Kif imsemmi hawn fuq, ir-Regolament il-ġdid propost huwa riformulazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 li jieħu post id-diversi atti li jinkludi u jżid aktar emendi. Għaldaqstant qed titħaddem l-istess forma leġiżlattiva. Ir-rieżami hu opportunità biex jiġu ssimplifikati l-istruttura u l-kontenut attwali tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 bil-għan li jittejbu l-koerenza u l-konsistenza mal-objettiv tal-idoneità regolatorja.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Il-kwistjonijiet indirizzati b'din il-proposta ġew identifikati fir-Rapport ta' Rieżami tal-Kummissjoni tal-2019. Issejset fuq firxa wiesgħa ta' *data*<sup>30</sup> li tevalwa l-prestazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 u tas-suq tar-roaming wara li daħlu fis-seħħ ir-regoli dwar l-RLAH.

Barra minn hekk, il-mistoqsijiet li jħarsu lura tal-konsultazzjoni pubblika li saret fl-2020<sup>31</sup>, u s-sejbiet tal-istħarriġiet konġunti online tal-Kummissjoni u tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) (fl-2018, fl-2019 u fl-2020), jikkompletaw u jikkumplimentaw<sup>32</sup> il-konklużjonijiet tar-Rapport ta' Rieżami tal-Kummissjoni.

Ir-Rapport ta' Rieżami tal-Kummissjoni jikkonferma li, b'mod ġenerali, is-suq tar-roaming qed jaħdem sew bir-regoli dwar l-RLAH, u li r-regoli kienu suċċess. Ir-rapport jikkonkludi li, minkejja sinjali ta' xi dinamiki tal-kompetizzjoni fis-swieq tar-roaming bl-imnut u bl-ingrossa, il-kundizzjonijiet bażiċi sottostanti tal-kompetizzjoni ma nbidlux u aktarx li fil-futur qrib mhux se jinbidlu tant li jkun hemm bżonn titneħħa r-regolamentazzjoni fil-livell bl-imnut jew bl-ingrossa tas-suq tar-roaming.

Barra minn hekk, is-sejbiet tar-Rapport ta' Rieżami tal-Kummissjoni u evidenza oħra miġbura waqt ir-rieżami jidentifikaw għadd ta' kwistjonijiet mhux solvuti fis-servizzi tar-roaming, mil-lat ta' kwalità tas-servizz, komunikazzjonijiet għal servizzi ta' valur miżjud, u aċċess għas-servizzi ta' emerġenza. Din il-proposta tindirizza dawn il-kwistjonijiet kollha fil-miżuri l-ġodda li tipproponi.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta u l-valutazzjoni tal-impatt mehmuża magħha kienu mirfuda b'konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet ikkonċernati. B'mod partikolari, inġabru l-fehmiet tal-pubbliku u ta' assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (NRAs), tal-BEREC, ta' operaturi tan-networks mobbli (MNOs), operaturi tan-networks virtwali mobbli (MVNOs),

<sup>29</sup> Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni – Valutazzjoni tal-impatt mehmuża mal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-roaming fuq networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (riformulazzjoni).

<sup>30</sup> Għal aktar dettalji, ara l-Anness 1 – (Bażi tal-evidenza) u l-Anness 6 (Sejbiet tal-evalwazzjoni) tal-valutazzjoni tal-impatt mehmuża ma' din il-proposta.

<sup>31</sup> Ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika jinsabu [hawn](#).

<sup>32</sup> Għal aktar dettalji, ara l-Anness 2 (Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati) u l-Anness 6 (Sejbiet tal-evalwazzjoni) tal-valutazzjoni tal-impatt mehmuża ma' din il-proposta.

partijiet ikkonċernati tan-negozju (inkluż l-SMEs), awtoritajiet governattivi, assoċjazzjonijiet tal-industrija u ta' partijiet ikkonċernati oħra.

Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni pubblika ta' 12-il ġimgħa mid-19 ta' Ġunju sal-11 ta' Settembru 2020. Il-konsultazzjoni kellha l-għan li tikseb fehmiet (1) dwar is-servizzi tar-roaming bl-imnut, b'mod partikolari dwar l-impatt tal-introduzzjoni potenzjali ta' kjarifiki u miżuri relatati mal-kwalità tas-servizz, is-servizzi ta' valur miżjud u l-komunikazzjonijiet ta' emerġenza f'xenarju tar-roaming; (2) dwar il-forniment ta' servizzi tar-roaming bl-ingrossa; (3) dwar il-piż amministrattiv marbut mar-Regolament (UE) Nru 531/2012 u l-impatt ta' miżuri potenzjali ta' simplifikazzjoni. B'kollox waslu 175 tweġiba permezz tal-kwestjonarju online.

Ġew organizzati wkoll xi attivitajiet oħra ta' konsultazzjoni waqt dawn il-flussi li ġejjin, deskritti aktar 'il quddiem fit-Taqsima “Ġbir u użu tal-għarfien espert”:

1. il-pubblikazzjoni tal-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu biex jinġabar rispons fuq erba' ġimgħat<sup>33</sup>.
2. Stħarriġ konġunt online tal-Kummissjoni u l-BEREC. Il-kontribut tas-suq inġabar bi stħarriġiet annwali online tal-MNOs, l-MVNOs u l-NRAs. F'Ġunju 2018 u f'Marzu 2019, l-istħarriġiet ġabru informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-politika ta' użu ġust, id-derogi għas-sostenibbiltà, u aspetti oħra marbuta mal-implimentazzjoni tar-regoli tal-UE dwar ir-roaming. F'Marzu 2020, l-istħarriġ kopra aspetti oħra bħall-kwalità tas-servizz, is-servizzi ta' valur miżjud, il-komunikazzjoni ta' emerġenza, il-bidliet teknoloġiċi u minn magna għal magna, il-kost tal-implimentazzjoni, u l-piż amministrattiv.
3. Il-BEREC ġie kkonsultat u pprovda kontribut estensiv, inkluż dwar aspetti li jħarsu 'l quddiem. Jeħtieġ tingħata attenzjoni partikolari lill-opinjoni formali tal-BEREC dwar il-funzjonament tas-suq tar-roaming<sup>34</sup>, l-analiżi supplimentari tal-kostijiet<sup>35</sup>, u l-kontribut addizzjonali għall-valutazzjoni tal-impatt, li ntalab mill-Kummissjoni<sup>36</sup>. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkunsidrat il-konsultazzjonijiet u r-rapporti ta' monitoraġġ tas-suq tal-BEREC: ir-rapporti semianwali ta' referenza tal-BEREC dwar ir-roaming internazzjonali<sup>37</sup>, abbażi ta' ġbir tad-data apposta u r-rapport annwali tal-BEREC dwar it-trasparenza u l-komparabbiltà tat-tariffi tar-roaming<sup>38</sup>.
4. Intervisti mmirati dwar l-iżviluppi tas-suq tar-roaming bħala parti mill-istudju tal-Kummissjoni dwar l-iżviluppi teknoloġiċi u r-roaming<sup>39</sup>. Il-kuntrattur għamel diversi intervisti ma' operaturi involuti fil-katina tal-valur tal-konnettività globali u wettaq stħarriġ online immirat dwar l-impatt potenzjali ta' bidla teknoloġika fuq is-suq tar-roaming.

<sup>33</sup> Ara din il-[paġna web](#) għal aktar informazzjoni.

<sup>34</sup> L-opinjoni tal-BEREC dwar il-funzjonament tas-suq tar-roaming bħala kontribut għall-evalwazzjoni tal-Kummissjoni, BoR(19)101, id-19 ta' Ġunju 2019, tinsab [hawn](#).

<sup>35</sup> L-analiżi addizzjonali tal-BEREC dwar il-kostijiet tar-roaming bl-ingrossa, BoR(19)168, l-20 ta' Settembru 2019, tinsab [hawn](#).

<sup>36</sup> Il-kontribut tal-BEREC dwar it-talba tal-Kummissjoni għat-tħejjija tal-proposta leġiżlattiva għar-regolamenti l-ġodda dwar ir-roaming, BoR (20) 131, it-30 ta' Ġunju 2020, jinsab [hawn](#).

<sup>37</sup> L-aħħar ħames rapporti ta' referenza (minn April 2017 sa Settembru 2019) jinsabu hawn: l-[20 rapport ta' referenza](#) (April 2017 sa Settembru 2017), il-[21 rapport ta' referenza](#) (Ottubru 2017 sa Marzu 2018), it-[22 rapport ta' referenza](#) (April 2018 sa Settembru 2018), it-[23 rapport ta' referenza](#) (Ottubru 2018 sa Marzu 2019) u l-[24 rapport ta' referenza](#) (April 2019 sa Settembru 2019).

<sup>38</sup> Ir-rapporti tal-BEREC dwar it-trasparenza u l-komparabbiltà tat-tariffi tar-roaming internazzjonali jinsabu hawn: għall-[2017](#), għall-[2018](#) u għall-[2019](#).

<sup>39</sup> “Żviluppi Teknoloġiċi u r-Roaming” (SMART 2018/0012), ara r-rapport finali tal-istudju [hawn](#).

5. Stħarriġ Flash tal-Ewrobarometru<sup>40</sup> li sar sena wara li tneħħew it-tariffi tar-roaming. Dan jinkludi mistoqsijiet dwar l-użu tar-roaming waqt l-ivvjaġġar fl-UE, dwar il-livell tal-għarfien fost il-klijenti fuq it-tneħħija tat-tariffi tar-roaming, il-benefiċċji perċepiti, il-kostijiet perċepiti tar-roaming fost dawk li ma jivvjaġġawx, u l-użu tas-servizzi mobbli f'pajjiżi oħra tal-UE.

L-informazzjoni u l-fehmiet miġbura ġew ikkunsidrati fl-abbozzar tal-valutazzjoni tal-impatt meħmuża ma' din il-proposta. Id-*data* ntużat biex jiġi evalwat ir-Regolament (UE) Nru 531/2012, biex jiġu mistħarrġa l-problemi mhux solvuti f'xenarju tar-roaming, u biex jiġu żviluppanti l-għażliet ta' politika ppreżentati fil-valutazzjoni tal-impatt.

Il-konsultazzjoni pubblika kkonfermat il-benefiċċji li r-Regolament dwar ir-Roaming għandu l-għan li joħloq, u l-ħtieġa kontinwa ta' regoli tal-UE dwar ir-roaming għall-konsumaturi u n-negozji tal-UE. Skont il-maġġoranza l-kbira tar-rispondenti tal-konsultazzjoni pubblika, fil-gruppi kollha, ir-regoli tal-UE dwar ir-roaming ippromwovew ferm l-interessi tal-konsumaturi u tan-negozji fl-UE/fiż-ŻEE.

#### • **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Minbarra l-forom ta' konsultazzjoni ta' hawn fuq, il-Kummissjoni analizzat b'mod indipendenti d-*data* miġbura mill-BEREC u wettqet din l-analiżi li ġejja permezz ta' dik id-*data*:

1. Ir-rapport dwar ir-rieżami tas-suq tar-roaming, u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal<sup>41</sup> meħmuż miegħu (imsejjaħ ir-Rapport ta' Rieżami tal-Kummissjoni), jiġbru u jippreżentaw evidenza dwar il-prestazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 meta mqabbla mal-objettivi mistennija;
2. Ir-rapport interim lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-regoli dwar "roaming daqslikieku f'pajjiżek" tul l-ewwel 18-il xahar<sup>42</sup>;
3. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal dwar is-sejbiet tar-rieżami tar-regoli dwar il-politika ta' użu ġust u d-deroga għas-sostenibbiltà<sup>43</sup>.

Il-Kummissjoni talbet għarfien espert estern ieħor permezz tal-flussi ta' ħidma li ġejjin:

1. Mudell tal-kost għall-valutazzjoni tal-kostijiet għall-forniment ta' servizzi tar-roaming bl-ingrossa fiż-ŻEE<sup>44</sup>;
2. Studju tal-Kummissjoni dwar l-Iżviluppi Teknoloġiċi u r-Roaming<sup>45</sup> imwettaq bejn Diċembru 2018 u Ġunju 2019;

<sup>40</sup> L-Istharriġ [Flash tal-Ewrobarometru Nru 468](#) "The end of roaming charges one year later", Ġunju 2018.

<sup>41</sup> Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-rieżami tas-suq tar-roaming (COM(2019) 616 final) u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni meħmuż mar-Rapport mill-Kummissjoni dwar ir-rieżami tas-suq tar-roaming (SWD(2019) 416 final), jinsab [hawn](#).

<sup>42</sup> Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar roaming fuq networks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni, kif emendat bir-Regolament (UE) 2015/2120 u bir-Regolament (UE) 2017/920 (COM(2018) 822 final), jinsab [hawn](#).

<sup>43</sup> Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar is-sejbiet tar-rieżami tar-regoli dwar il-politika tal-użu ġust tar-roaming u d-deroga għas-sostenibbiltà stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2286 (SWD(2019) 288 final), jinsab [hawn](#).

<sup>44</sup> Il-Mudell tal-Kost (SMART 2017/0091), Valutazzjoni tal-kost għall-forniment ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni mobbli fl-UE/fiż-ŻEE, jinsab [hawn](#).

3. L-analiżi taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) tal-Kummissjoni. Il-JRC ipprova appoġġ estensiv fit-thejjja tal-valutazzjoni tal-impatt, b'mod partikolari billi (a) żviluppa l-mudell tas-sostenibbiltà<sup>46</sup> u l-analiżi kontrofattwali għal valutazzjoni tal-benefiċċji għall-konsumaturi, u billi (b) kejjel il-kwalità tas-servizzi tar-roaming, permezz ta' testijiet fuq il-post<sup>47</sup>.

• **Valutazzjonijiet tal-impatt**

Il-valutazzjoni tal-impatt mehmuża ma' din il-proposta ġiet ippreżentata lill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju, li ħareġ opinjoni pożittiva fl-20 ta' Novembru 2020.

Ġew ikkunsidrati erba' għażliet:

**L-Għażla 1 – Xenarju bażi.** Ir-regoli tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 jiġu estiżi lil hinn mill-2022, filwaqt li d-dispożizzjonijiet tiegħu jibqgħu kif inhuma, kemm fil-livell bl-imnut kif ukoll fil-livell bl-ingrossa. B'mod partikolari, jibqa' japplika l-livell tat-tariffi massimi bl-ingrossa applikabbli fit-30 ta' Ġunju 2022 u jibqgħu japplikaw ukoll iż-żewġ mekkaniżmi ta' salvagwardja (użu ġust u sostenibbiltà). Ma tittieħed l-ebda miżura bħala rimedju għall-problemi mhux solvuti fejn jidhru l-kwalità tas-servizz, is-servizzi ta' valur miżjud jew l-aċċess għas-servizzi ta' emerġenza waqt ir-roaming.

**L-Għażla 2 – Kontinwità b'aktar trasparenza.** Ir-regoli tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 jiġu estiżi lil hinn mill-2022 bi kjarifiki, u jittieħdu miżuri addizzjonali biex tiżdied it-trasparenza u tissaħħaħ il-kompetizzjoni. It-tariffi massimi bl-ingrossa applikabbli fit-30 ta' Ġunju 2022 jibqgħu japplikaw. Tiġi żgurata esperjenza ġenwina ta' "roaming daqslikieku f'pajjiżek" billi jittieħdu miżuri li jżidu t-trasparenza dwar il-kwalità tas-servizz, is-servizzi ta' valur miżjud, u l-aċċess għas-servizzi ta' emerġenza. Jittieħdu wkoll miżuri li jiżguraw il-konformità mal-obbligu ta' aċċess teknoloġikament newtrali (mil-lat ta' teknoloġija u ġenerazzjonijiet tan-network) għal servizzi tar-roaming bl-ingrossa, u jinkiseb livell minimu ta' simplifikazzjoni u tnaqqis tal-piż amministrattiv.

**L-Għażla 3 – RLAH sostenibbli u ġenwini.** Din kienet l-għażla ppreferuta u għalhekk il-miżuri proposti f'din l-għażla huma deskritti fid-dettall hawn fuq<sup>48</sup>.

**L-Għażla 4 – Obbligi estensivi fil-livell bl-ingrossa u bl-imnut għal esperjenza mtejba tal-RLAH.** Minbarra l-miżuri meħuda fl-Għażla 3, din l-għażla żżid is-sostenibbiltà tal-RLAH u l-irkupru tal-kostijiet fil-livell bl-ingrossa. Tapplika obbligi ġodda dwar il-kwalità tas-servizz anki fuq l-operaturi miżjura, biex tiżgura esperjenza ġenwina tal-RLAH u fuq l-operatur tal-pajjiż tal-orijini fil-livell bl-ingrossa biex teżiġi l-istess kwalità tas-servizz kif offrut domestikament, għall-ftehimiet kollha bl-ingrossa, jiġifieri l-ebda network preferut. Tinkludi funzjonalità opt-in għall-klijenti biex jirċievu informazzjoni addizzjonali dwar il-possibbiltajiet differenti tal-aċċess għas-servizzi ta' emerġenza. Tippededi wkoll il-ħolqien ta' bażi tad-*data* ċentralizzata tal-UE għall-meded tan-numri għas-servizzi ta' valur miżjud, inkluż informazzjoni dwar it-tariffi, biex l-utenti finali jingħataw aċċess għal informazzjoni dwar il-meded tan-numri għas-servizzi ta' valur miżjud u t-tariffi applikabbli.

L-għażla li r-regoli attwali dwar ir-roaming jitħallew jiskadu, **twarrbet fi stadju bikri.**

<sup>45</sup> L-Iżviluppi Teknoloġiċi u r-Roaming (SMART 2018/0012), jinsab [hawn](#).

<sup>46</sup> L-analiżi tas-sostenibbiltà użat *data* mid-19-il rapport ta' referenza sal-25 rapport ta' referenza dwar ir-roaming internazzjonali mwettqa mill-BEREC. Għal aktar dettalji, ara l-Anness 4 tal-valutazzjoni tal-impatt mehmuża ma' din il-proposta.

<sup>47</sup> SMART 2018-011.

<sup>48</sup> Ara t-Taqsima "Raġunijiet u l-oġettiv tal-proposta, l-emendi ewlenin u d-dispożizzjonijiet li ma nbidlux".

Abbażi tal-analiżi mwettqa fil-valutazzjoni tal-impatt, l-Għażla 3 hija l-aktar adegwata biex titjeb b'mod konsiderevoli s-sostenibbiltà u jonqos l-għadd ta' operaturi b'marġini tar-roaming negattiv li jaqbeż it-3 % tal-marġini domestiku tagħhom<sup>49</sup>. Din mistennija tħalli impatt pożittiv fejn jidħlu l-benefiċċji għall-konsumaturi għax tnaqqas il-ħtieġa li l-operaturi jitolbu deroga biex japplikaw tariffa supplimentari skont il-mekkaniżmu tas-sostenibbiltà, u b'hekk aktar utenti finali jkunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-RLAH. L-għan hu li jinħolqu l-prekundizzjonijiet biex l-operaturi jipprovdu l-istess kwalità tas-servizz waqt ir-roaming daqslikieku domestikament u biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jieħdu vantaġġ sħiħ mill-bidliet teknoloġiċi futuri u mill-innovazzjoni xprunata mill-5G. Din għandha l-għan li tindirizza n-nuqqas ta' ċarezza fil-livell bl-innut dwar l-aċċess għas-servizzi ta' emerġenza waqt ir-roaming, u tipprovdi għodod utli bħala rimedju għall-problemi mhux solvuti rigward l-użu tas-servizzi ta' valur miżjud waqt ir-roaming. Din l-għażla għandha l-għan li żżid l-għarfien tal-konsumaturi fuq (i) il-possibbiltà li jintalbu prezzijiet għaljin għall-użu tas-servizzi ta' valur miżjud, u (ii) kif jinkiseb aċċess għas-servizzi ta' emerġenza waqt ir-roaming. Għaldaqstant, din tista' tikkontribwixxi b'mod sostanzjali biex tingħata esperjenza ġenwina tal-RLAH lill-klijenti u jitħalla impatt soċjali ġenerali pożittiv. Il-miżuri proposti huma limitati għall-aspetti li wrew li mhumiex indirizzati biżżejjed fil-livell nazzjonali u li għalihom hemm bżonn approċċ armonizzat.

B'kuntrast ma' dan, il-miżuri inklużi fl-Għażla 1 (ix-xenarju bażi) u fl-Għażla 2 ma tqisux effettivi biex jintlaħqu l-oġettivi tar-rieżami tar-regoli dwar ir-roaming.

Fl-aħħar nett, il-miżuri inklużi fl-Għażla 4 tqiesu intrużivi żżejjed, peżanti u sproporzjonati. Kwalunkwe salvagwardja regolatorja addizzjonali potenzjali fl-Għażla 4 ma tisboqx il-kumplessità tal-implimentazzjoni tal-miżuri proposti.

#### • **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni (REFIT)**

Il-proposta tinkludi dawn il-miżuri li ġejjin biex tissimplifika r-regoli u tnaqqas il-piż:

(i) Reviżjoni tat-tariffi massimi bl-ingrossa bl-adozzjoni ta' att delegat. Din il-proposta tipprevedi proċedura simplifikata għal reviżjoni tat-tariffi massimi bl-ingrossa billi tiddefinixxi fid-dettall il-kriterji għall-iffissar ta' dawn it-tariffi u tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex sussegwentement temendahom b'att delegat. B'hekk jiġi ssimplifikat u jitnaqqas il-piż regolatorju għall-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u, sa ċertu punt, il-BEREC u partijiet ikkonċernati oħra.

(ii) Revoka tal-obbligu għal bejgħ separat ta' servizzi tar-roaming bl-innut regolati. Tiġi revokata d-dispożizzjoni li tobbliga lill-operaturi jipprovdu bejgħ separat ta' servizzi tar-roaming bl-innut regolati, inkluż l-att ta' implimentazzjoni relatat<sup>50</sup>. Din il-miżura strutturali tressqet biex ittejjeb il-kompetizzjoni fis-suq tar-roaming bl-innut. Din il-miżura qed tiġi revokata għax id-dispożizzjonijiet saru ineffettivi meta ddaħħlu r-regoli dwar "roaming daqslikieku f'pajjiżek", u għax ma jkunx għadu proporzjonat li l-fornituri domestiċi jiġu

<sup>49</sup> L-introduzzjoni tal-RLAH ġiet ikkumplimentata b'miżuri li għandhom l-għan jiżguraw li l-operaturi jkunu jistgħu jipprovdu servizzi tar-roaming bl-innut regolati b'mod sostenibbli. Il-marġini negattiv tar-roaming ta' 3 % jintuża fir-regoli attwali dwar ir-roaming bħala limitu li jiġġustifika talba għal deroga għas-sostenibbiltà. Permezz tad-deroga, li jagħtu l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali meta jintalbu mill-operatur, l-operaturi jkunu jistgħu japplikaw tariffa supplimentari żgħira li tkun limitata skont ir-Regolament.

<sup>50</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1203/2012 tal-14 ta' Diċembru 2012 dwar il-bejgħ separat ta' servizzi rregolati tar-roaming bl-innut fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 347, 15.12.2012, p. 1).

obbligati jimplimentaw dan it-tip ta' servizz. Ir-revoka ta' dawn id-dispożizzjonijiet tħalli impatt pożittiv fuq l-operaturi billi tnaqqas il-kostijiet tal-manutenzjoni relatati u l-piż taż-żamma ta' offerti (fil-biċċa l-kbira skaduti) għal bejgħ separat ta' servizzi tar-roaming tad-*data*.

(iii) Revoka tal-att ta' implimentazzjoni dwar il-medja ponderata tar-rati massimi tat-terminazzjoni mobbli. Skont ir-Regolament (UE) Nru 531/2012, it-tariffa supplimentari applikata f'każijiet eċċezzjonali għat-telefonati tar-roaming regolati riċevuti ma għandhiex taqbeż ir-rati massimi tat-terminazzjoni mobbli fl-UE kollha stabbiliti f'att ta' implimentazzjoni adottat kull sena mill-Kummissjoni Ewropea, abbażi ta' kontribut mill-BEREC. Bid-definizzjoni ta' rata massima unika tat-terminazzjoni tat-telefonati mobbli fl-UE kollha<sup>51</sup>, dan l-att ta' implimentazzjoni ma jibqax meħtieġ u l-proċess tal-adozzjoni jsir piż regolatorju bla bżonn. Għalhekk, kwalunkwe tariffa supplimentari applikata għat-telefonati tar-roaming regolati riċevuti jenħtieġ ma tkunx taqbeż ir-rata massima unika tat-terminazzjoni tat-telefonati mobbli fl-UE kollha. Din il-bidla tnaqqas ukoll il-piż fuq il-BEREC milli jipprovdi kontribut lill-Kummissjoni, meta wieħed iquis ir-responsabilitajiet diġà estensivi tar-rappurtar u tal-ġbir tad-*data* li għandu skont ir-Regolament (UE) Nru 531/2012.

(iv) Allinjament tad-dispożizzjonijiet attwali dwar l-iffissar tat-tariffi massimi f'muniti oħra għajr l-ewro. Ir-Regolament (UE) Nru 531/2012 jistabbilixxi regoli li jobbligaw lill-fornituri tas-servizzi fl-Istati Membri li l-munita tagħhom mhix l-ewro biex kull sena jirvedu t-tariffi massimi bl-ingrossa u t-tariffi supplimentari bl-imnut għas-servizzi tar-roaming regolati. Ir-regola applikata għall-komunikazzjonijiet intra-UE, skont ir-Regolament (UE) 2015/2120 kif emendat bir-Regolament (UE) 2018/1971, tistipula li t-tariffi massimi b'muniti oħra għajr l-ewro għandhom jiġu riveduti kull sena u japplikaw mill-15 ta' Mejju, bl-użu tal-medja tar-rati tal-kambju ta' referenza ppubblikati fil-15 ta' Jannar, fil-15 ta' Frar u fil-15 ta' Marzu tal-istess sena. Bil-proposta, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 jiġu allinjati mad-dispożizzjonijiet dwar il-komunikazzjonijiet intra-UE li jiddefinixxu l-istess data għar-reviżjoni tat-tariffa supplimentari għas-servizzi tar-roaming (il-15 ta' Mejju minflok l-1 ta' Mejju), u l-istess metodu għall-kalkolu ta' dawk il-muniti. Il-miżura proposta ġġib ċarezza u tnaqqas il-piż amministrattiv tal-operaturi barra miż-żona tal-ewro li jridu jipubblikaw it-tariffi tagħhom darbtejn meta jiġu riveduti t-tariffi supplimentari tar-roaming jew it-tariffi tal-komunikazzjonijiet intra-UE. Din tnaqqas ukoll il-piż tal-monitoraġġ għall-NRAs inkarigati mill-monitoraġġ tar-rati tal-kambju riveduti. Din il-miżura mistennija tħalli effetti pożittivi fil-livell bl-imnut għax il-prezzijiet bl-imnut jiġu aġġornati biss darba fis-sena, minflok darbtejn kif inhu l-każ bħalissa. Dan jista' jnaqqas b'mod konsiderevoli l-obbligu ta' informazzjoni tal-operaturi għall-kundizzjonijiet emendati tal-kuntratt.

(v) Simplifikazzjoni tal-obbligi ta' monitoraġġ u rappurtar mill-BEREC. Biex jitnaqqas il-piż regolatorju tal-operaturi, tal-NRAs u tal-BEREC, il-Kummissjoni tipproponi l-amalgamazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-proċess ta' monitoraġġ u tal-obbligi ta' rappurtar tal-BEREC. Is-simplifikazzjoni tal-proċess ta' rappurtar tal-BEREC mistennija tnaqqas il-piż amministrattiv għall-operaturi, għall-NRAs u għall-BEREC.

#### • **Drittijiet fundamentali**

Ġie analizzat l-impatt tal-proposta fuq id-drittijiet fundamentali, bħal-libertà ta' intrapriża. F'dan ir-rigward, jekk jitqies li l-limiti massimi proposti għandhom l-għan li jindirizzaw falliment tas-suq u jiżguraw l-irkupru tal-kostijiet, dawn ma jikkonstitwixxu l-ebda miżura sproporzjonata b'rabta mal-objettiv segwit jew l-ebda interferenza intollerabbli li tagħmel ħsara lis-sustanza nnifisha ta' din il-libertà. Il-possibbiltà ta' opt-out hija maħsuba wkoll biex iżżid il-libertà tal-partijiet li jikkonkludu ftehim bl-ingrossa.

<sup>51</sup> Ara l-Artikolu 75 tad-Direttiva (UE) 2018/1972.

#### 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-implikazzjonijiet baġitarji tal-proposta, kif ukoll ir-riżorsi umani u amministrattivi meħtieġa huma deskritti fid-dettall fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva.

#### 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rappurtar**

Il-proposta se tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2022 u d-dispożizzjonijiet tagħha se japplikaw minn dakinhar, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'artikoli speċifiċi.

Mil-lat tal-kontenut tal-proċess ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, il-klawżola ta' rieżami fl-Artikolu 21 ta' din il-proposta tindika l-kriterji għall-valutazzjoni ta' kull miżura speċifika ta' din l-inizjattiva.

L-Artikolu 21 jiddikjara li se jsiru żewġ rapporti ta' rieżami, li l-ewwel wieħed minnhom irid jiġi ppreżentat sat-30 ta' Ġunju 2025 u t-tieni wieħed sat-30 ta' Ġunju 2029.

Il-BEREC se jibqa' jaqdi rwol essenzjali fil-ġbir tad-*data* mingħand l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali biex iwettaq monitoraġġ tal-iżviluppi fis-suq tar-roaming u tal-impatt tal-implimentazzjoni tal-miżuri fuq ir-roaming tal-UE. Il-BEREC se jibqa' jipprovdi wkoll l-opinjoni meħtieġa lill-Kummissjoni, inkluż għar-rieżami tar-regoli eżistenti.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta temenda r-Regolament attwali biex isiru l-bidliet sostantivi li ġejjin:

**L-Artikolu 1** jiddefinixxi s-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. Dan l-Artikolu jemenda r-Regolament preċedenti biex isiru l-bidliet sostantivi li ġejjin:

- (i) jirrevoka r-referenza għad-dispożizzjonijiet li jippermettu l-bejgħ separat ta' servizzi tar-roaming regolati għax dawn saru ineffettivi meta daħlu fis-seħħ ir-regoli dwar "roaming daqslikeku f'pajjiżek";
- (ii) jirrevoka r-referenza għar-regoli tranżitorji dwar it-tariffi li jstgħu jintalbu mill-fornituri tar-roaming għax dawn saru skaduti meta tnehew it-tariffi tar-roaming bl-innut fl-UE mill-15 ta' Ġunju 2017;
- (iii) jirrevoka r-referenza għad-Direttiva Kwadru<sup>52</sup> wara r-riformulazzjoni orizzontali tal-qafas regolatorju għall-komunikazzjonijiet elettroniċi bid-Direttiva (UE) 2018/1972;
- (iv) jipproponi bidliet fit-tariffi massimi denominati b'muniti oħra għajr l-ewro biex id-dispożizzjonijiet attwali jiġu allinjati mad-dispożizzjonijiet dwar il-komunikazzjonijiet intra-UE.

**L-Artikolu 2** dwar id-definizzjonijiet jemenda r-Regolament attwali billi jirrevoka żewġ definizzjonijiet, jiġifieri "fornitur alternattiv tar-roaming" u "bejgħ separat ta' servizzi tar-

<sup>52</sup> Id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33).

roaming bl-imnut regolati tad-*data*” għax dawn ma baqgħux meħtieġa meta ġew revokati d-dispożizzjonijiet li jippermettu l-bejgħ separat tas-servizzi tar-roaming regolati.

**L-Artikolu 3** jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għar-roaming bl-ingrossa, dwar l-offerta ta’ referenza u dwar it-terminazzjoni tal-ftehimiet tar-roaming bl-ingrossa. Dan l-Artikolu jemenda r-Regolament attwali biex isiru l-bidliet sostantivi li ġejjin:

- (i) jagħmel referenza espliċita għall-ħtieġa li l-aċċess għar-roaming bl-ingrossa jkopri wkoll kull teknoloġija u ġenerazzjoni tan-network disponibbli u jiżgura li l-fornitur tar-roaming ikun jista’ tal-anqas jirreplika fir-roaming is-servizzi mobbli bl-imnut offruti domestikament;
- (ii) jispeċifika li l-offerta ta’ referenza trid tinkludi l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-fornituri tar-roaming biex jipprovdu aċċess mingħajr ħlas lill-klijenti tagħhom għas-servizzi ta’ emerġenza permezz ta’ komunikazzjonijiet ta’ emerġenza u trażmissjoni mingħajr ħlas ta’ informazzjoni dwar il-lokalizzazzjoni ta’ min jagħmel it-telefonata waqt is-servizzi tar-roaming.

**L-Artikolu 5** dwar il-forniment ta’ servizzi tar-roaming bl-imnut regolati issa jinkludi wkoll l-obbligu espliċitu li l-operatur viżitatur, soġġett għall-fattibbiltà teknika, jipprovdi servizzi tar-roaming bl-imnut regolati bl-istess kundizzjonijiet daqslikieku domestikament, b’mod partikolari fejn tidħol il-kwalità tas-servizz.

**L-Artikoli 6 u 7** jistabbilixxu regoli dwar il-politika ta’ użu ġust u d-derogi għas-sostenibbiltà, li fis-sustanza tagħhom baqgħu l-istess bħar-regolamentazzjoni preċedenti. Fir-rigward ta’ użu ġust u l-mekkaniżmu tas-sostenibbiltà, **L-Artikolu 8** jiċċara li r-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2286 jibqa’ japplika sakemm jiġi adottat ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni li jmiss.

**L-Artikolu 9** jirregola l-applikazzjoni eċċezzjonali ta’ tariffi supplimentari bl-imnut għal servizzi tar-roaming bl-imnut regolati u l-forniment ta’ tariffi alternattivi. Dan l-Artikolu jemenda r-Regolament preċedenti billi:

- (i) jirrevoka d-dispożizzjoni li tiddikjara li t-total tal-prezz bl-imnut domestiku u kwalunkwe tariffa supplimentari applikata għal telefonati tar-roaming regolati magħmula, għal messaġġi SMS tar-roaming regolati mibgħuta jew għal servizzi tar-roaming regolati tad-*data* ma għandhiex taqbeż ċerti limiti stabbiliti. Dawn id-dispożizzjonijiet ma baqgħux meħtieġa meta daħlu fis-seħħ ir-regoli dwar “roaming daqslikieku f’pajjiżek” fil-15 ta’ Ġunju 2017, u jkollhom effett ta’ distorsjoni,
- (ii) jirrevoka d-dispożizzjoni li tistabbilixxi l-obbligu li l-UE tadotta l-att ta’ implimentazzjoni dwar il-medja ponderata tar-rati massimi tat-terminazzjoni tat-telefonati mobbli biex tistabbilixxi l-limitu għal kwalunkwe tariffa supplimentari applikata għat-telefonati tar-roaming regolati riċevuti,
- (iii) finalment, din id-dispożizzjoni tirregola b’mod speċifiku l-kontenut ta’ kuntratt, inkluż is-servizzi tar-roaming. Issir referenza espliċita għall-obbligu li tingħata informazzjoni dwar il-kwalità tas-servizz li l-klijenti jistgħu raġonevolment jistennew waqt ir-roaming. Barra minn hekk, dan l-Artikolu jemenda r-regolamentazzjoni preċedenti billi jobbliga lill-fornituri tar-roaming jiżguraw li l-kuntratt jispeċifika informazzjoni dwar it-tip ta’ servizzi li jistgħu jkunu soġġetti għal tariffi oġhla. Din id-dispożizzjoni għandha l-għan li żżid l-għarfien tal-klijenti li dawn jistgħu jintalbu jħallsu tariffi għaljin jekk jużaw is-servizzi ta’ valur miżjud waqt ir-roaming.



**L-Artikoli 10, 11 u 12** dwar it-tariffi bl-ingrossa għat-telefonati tar-roaming regolati magħmula, it-tariffi bl-ingrossa għall-messaġġi SMS tar-roaming regolati u t-tariffi bl-ingrossa għas-servizzi tar-roaming regolati tad-*data*, jemendaw ir-regoli preċedenti biex jiddaħħlu livelli ġodda ta' tariffi massimi bl-ingrossa. B'hekk ikun żgurat li l-operaturi bl-ingrossa jistgħu jipprovdu servizzi ta' "roaming daqslikieku f'pajjiżek" b'mod sostenibbli u jirkupraw il-kostijiet.

**L-Artikolu 13** li għandu l-għan li jiżgura aċċess mingħajr interruzzjoni, effettiv u mingħajr hłas għal komunikazzjonijiet ta' emerġenza, jinkludi dispożizzjoni ġdida li tispeċifika li ma tista' tintalab l-ebda tariffa għall-komunikazzjonijiet ta' emerġenza mibdija mill-klijenti tar-roaming.

**L-Artikolu 14** jemenda r-regolamentazzjoni preċedenti billi jintroduċi obbligu li l-klijenti jingħataw informazzjoni b'SMS dwar ir-riskji potenzjali ta' tariffi oġhla jekk jużaw is-servizzi ta' valur miżjud.

**L-Artikolu 16** jintroduċi obbligu ġdid li l-fornituri tar-roaming jiprovdu informazzjoni lill-klijenti tar-roaming dwar kif jaċċessaw is-servizzi ta' emerġenza fl-Istat Membru miżjur.

**L-Artikolu 17** jinkludi dispożizzjoni ġdida li tagħti mandat lill-BEREC biex joħloq u jżomm bażi tad-*data* ċentralizzata tal-UE għall-meded tan-numri għas-servizzi ta' valur miżjud fl-Istati Membri. L-għan hu li tinħoloq għodda tat-trasparenza biex l-NRAs u l-operaturi jiksbu aċċess dirett għall-informazzjoni dwar il-meded tan-numri li jistgħu jiġġeneraw kostijiet oġhla, u pass intermedju biex tiżdied it-trasparenza fil-livell bl-immnut.

**L-Artikolu 21** jirregola l-proċess ta' rieżami. L-aktar bidla sinifikanti fir-regoli preċedenti hija s-sostituzzjoni tal-proċedura leġislattiva ordinarja għar-reviżjoni tat-tariffi massimi bl-ingrossa b'setgħa lill-Kummissjoni biex temenda t-tariffi billi tadotta att delegat. **L-Artikoli 22 u 23** jinkludu dispożizzjonijiet ġodda li jstabbilixxu kriterji u parametri dettaljati għal dan l-att delegat u l-kundizzjonijiet li skonthom il-Kummissjoni tista' teżerċita din is-setgħa delegata.

Il-proposta tirrevoka l-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 dwar il-bejgħ separat ta' servizzi tar-roaming bl-immnut regolati u l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 dwar "Karatteristiċi tekniċi ta' messaġġi SMS tar-roaming regolati".

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar ir-roaming fuq networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni  
(riformulazzjoni)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>53</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni<sup>54</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 531/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>55</sup> ġie emendat b'mod sostanzjali diversi drabi<sup>56</sup>. Peress li jridu jsiru aktar emendi, dak ir-Regolament jenħtiegħ jiġi riformulat fl-interess taċ-ċarezza.
- (2) B'mod partikolari, fl-2015, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) 2015/2120<sup>57</sup> li emenda r-Regolament (UE) Nru 531/2012 u eżiġa li t-tariffi supplimentari tar-roaming bl-imnut jitneħħew fl-Unjoni mill-15 ta' Ġunju 2017, soġġetti għal użu ġust tas-servizzi tar-roaming u għall-possibbiltà li jiġi applikat mekkaniżmu tad-deroga għas-sostenibbiltà għat-tneħħija tat-tariffi tar-roaming bl-imnut, imsejħa wkoll "roaming daqslikieku f'pajjiżek" ("RLAH"). F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għamlet rieżami tas-suq tar-roaming bl-ingrossa biex tivvaluta l-miżuri meħtieġa għat-tneħħija tat-tariffi supplimentari għar-roaming bl-imnut,

<sup>53</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>54</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>55</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 531/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar roaming fuq networks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 172, 30.6.2012, p. 10).

<sup>56</sup> Ara l-Anness II.

<sup>57</sup> Ir-Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li jstabbilixxi miżuri dwar aċċess għal internet miġfuf u tariffi bl-imnut għal komunikazzjonijiet intra-UE regolati u li jemenda d-Direttiva 2002/22/KE u r-Regolament (UE) Nru 531/2012 dwar roaming fuq networks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 310, 26.11.2015, p. 1).

f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 531/2012. Għalhekk fis-17 ta' Mejju 2017 ġie adottat ir-Regolament (UE) 2017/920 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>58</sup> biex jirregola l-funzjonament tas-swieq nazzjonali tar-roaming bl-ingrossa ħalli sal-15 ta' Ġunju 2017 jitneħħew it-tariffi supplimentari tar-roaming bl-imnut mingħajr distorsjoni tas-swieq domestiċi miżjura u tal-pajjiż tal-oriġini.

- (3) Fid-29 ta' Novembru 2019, il-Kummissjoni ppubblikat l-ewwel rieżami sħiħ tagħha tas-suq tar-roaming (ir-“Rapport ta' Rieżami tal-Kummissjoni”) u dan juri li l-vjaġġaturi fl-UE bbenefikaw ferm bit-tneħħija tat-tariffi tar-roaming bl-imnut. L-użu tas-servizzi mobbli (servizzi tar-roaming regolati bil-vuċi, tal-messaġġi SMS jew tad-*data*) waqt l-ivvjaġġar fl-UE żdied malajr u bil-qawwa, u dan jixhed l-impatt pożittiv tar-regoli tal-UE dwar ir-roaming. Madankollu r-rapport jikkonkludi li, minkejja sinjali ta' xi dinamiki tal-kompetizzjoni fis-swieq tar-roaming bl-imnut u bl-ingrossa, il-kundizzjonijiet bażiċi sottostanti tal-kompetizzjoni ma nbidlux u aktarx li fil-futur qrib mhux se jinbidlu. Għaldaqstant, ir-regolamentazzjoni attwali fil-livell bl-imnut u bl-ingrossa għadha meħtieġa u ma tistax titneħħa. B'mod partikolari, ir-Rapport tal-Kummissjoni sab li, fil-livell bl-ingrossa, it-tnaqqis qawwi fil-limiti massimi tal-prezzijiet ikkontribwixxa għal aktar tnaqqis fil-prezzijiet tar-roaming bl-ingrossa li kien ta' benefiċċju għall-operaturi outbounder netti<sup>59</sup>. Ir-Rapport tal-Kummissjoni ħa nota tar-rakkomandazzjoni tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (il-BEREC) biex ikompli jitnaqqsu l-limiti massimi tal-prezzijiet tar-roaming bl-ingrossa. Fil-valutazzjoni tal-impatt ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għamlet l-analiżi meħtieġa u ddokumentat il-ħtieġa għal aktar tnaqqis fil-limiti massimi tal-prezzijiet tar-roaming bl-ingrossa u vvalutat il-livell ta' tnaqqis li jippermetti lill-operaturi miżjura jirkupraw il-kostijiet tal-forniment ta' servizzi tar-roaming bl-ingrossa. Fir-rigward tal-kwalità tas-servizz, ir-Rapport tal-Kummissjoni jfakkar fir-reqwizit tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 li l-klijent tar-roaming ikollu aċċess għall-istess servizz barra minn pajjiżu fl-UE bl-istess prezz, meta dan is-servizz ikun jista' jingħata fuq in-network miżjur. Ir-Rapport tal-Kummissjoni jieħu nota tal-aħħar żvilupp b'rabta ma' modi ġodda ta' negozjar tat-traffiku tar-roaming bl-ingrossa, bħall-pjattaformi tan-negozjar online li għandhom il-potenzjal irawmu l-kompetizzjoni fis-suq tar-roaming bl-ingrossa u jiffaċilitaw il-proċess tan-negozjar bejn l-operaturi. Fl-aħħar nett josserva li l-bejgħ separat ta' servizzi tar-roaming tad-*data* ma ntużax mis-suq.
- (4) Ir-Regolament (UE) Nru 531/2012 jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2022, u għalhekk dan ir-Regolament għandu l-għan li jagħmel riformulazzjoni tiegħu u fl-istess ħin jintroduċi miżuri ġodda li jżidu t-trasparenza, inkluż dwar l-użu tas-servizzi ta' valur miżjud fir-roaming, u li jiżguraw esperjenza ġenwina tal-RLAH mil-lat ta' kwalità tas-servizz u aċċess għas-servizzi ta' emerġenza waqt ir-roaming. It-tul taż-żmien ta' dan ir-Regolament il-ġdid huwa stabbilit għal 10 snin, sal-2032, biex jipprovdi ċertezza fis-suq, inaqqas kemm jista' jkun il-piż regolatorju u fl-istess ħin jintroduċi mekkaniżmu għal intervent fil-livell bl-ingrossa fl-interim jekk l-iżviluppi tas-suq ikunu jeħtieġu dan.

<sup>58</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/920 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 531/2012 fir-rigward tar-regoli għas-swieq tar-roaming bl-ingrossa (ĠU L 147, 9.6.2017, p. 1).

<sup>59</sup> Operatur outbounder ikollu klijentela li tuża aktar servizzi mobbli barra mill-pajjiż (jiġifieri fuq in-networks ta' operaturi sħab f'pajjiżi oħra tal-UE), minn dawk użati mill-klijentela tal-operaturi sħab fuq in-network tagħhom stess.

↓ 531/2012 premessa 1 (adattat)

~~Ir-Regolament (KE) Nru 717/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2007 dwar roaming fuq networks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan il-Komunità<sup>60</sup> għe emendat b'mod sostanzjali<sup>61</sup>. Peress li għandhom isiru iktar emendi, dan għandu jiġi riformulat fl-interessi ta' èarezza.~~

↓ 531/2012 premessa 2

~~L-objettiv tat-tnaqqis tad-differenza bejn it-tariffi nazzjonali u dawk tar-roaming, li kien inkluż fil-Qafas tal-Valutazzjoni Komparattiva tal-Kummissjoni 2011-2015, endorsjat mill-Grupp ta' Livell Għoli tal-2010 f'Novembru 2009, u inkluż fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Aġenda Diġitali għall-Ewropa", għandu jibqa' wkoll l-għan ta' dan ir-Regolament. Il-bejgħ separat previst tas-servizzi tar-roaming u dawk domestiċi previst għandu jżid il-kompetizzjoni u għalhekk ibaxxi l-prezzijiet għall-konsumaturi u jgħid suq intern għas-servizzi tar-roaming fl-Unjoni mingħajr diversifikazzjoni sinifikanti bejn it-tariffi nazzjonali u dawk tar-roaming. Servizzi tar-roaming fl-Unjoni kollha jistgħu jstimulaw l-iżvilupp ta' suq intern tal-telekomunikazzjoni fl-Unjoni.~~

↓ 531/2012 premessa 4

~~Il-livell għoli tal-prezzijiet tar-roaming ta' telefonati bil-vuċi, SMS u data li jitħallsu mill-utenti tan-networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli, bħal studenti, vjaġġaturi fuq negozju u turisti, jaġixxi bħala ostaklu biex huma jużaw l-apparat mobbli tagħhom meta jkunu msiefra fl-Unjoni u huwa kwistjoni ta' tħassib għall-konsumaturi, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, filwaqt li jikkostitwixxi ostakolu sinifikanti għas-suq intern. It-tariffi bl-innut eċċessivi qed jirriżultaw minn tariffi bl-ingrossa għoljin imposti mill-operatur tan-network ospitanti barrani kif ukoll, f'bosta każijiet, minn qligħ għoli fuq il-bejgħ bl-innut li jiġu imposti mill-operatur tan-network tal-klijent stess. Minħabba nuqqas ta' kompetizzjoni, it-tnaqqis fit-tariffi bl-ingrossa spiss ma jiġix mgħoddi lill-klijent li jixtri bl-innut. Għalkemm xi operaturi dan l-aħħar daħlu skemi ta' tariffi li joffru lill-klijent kondizzjonijiet aktar favorevoli u prezzijiet kemxejn aktar baxxi, għad hemm l-evidenza li r-relazzjoni bejn l-ispejjeż u l-prezzijiet għadha l-bogħod minn dik li s-soltu jkun hemm fi swieq kompetittivi.~~

↓ 531/2012 premessa 5

~~Tariffi tar-roaming għoljin huma impediment għall-isforzi tal-Unjoni biex tiżviluppa l-ekonomija bbażata fuq l-għarfien u għar-realizzazzjoni ta' suq intern ta' 500 miljun konsumatur. It-traffiku ta' data mobbli huwa ffaċilitat bl-allokkazzjoni ta' spettru tar-radju suffiċjenti sabiex il-konsumaturi u n-negozji jużaw is-servizzi ta' telefonati bil-vuċi, tal-SMS u tad-data kullimkien fl-Unjoni. Filwaqt li jipprevedi l-allokkazzjoni ta' spettru suffiċjenti u adegwat f'waqtu biex jiġu appoġġati l-objettivi tal-politika tal-Unjoni u biex jintlaħqu bl-aħjar mod id-domandi li qed jiżdiċu għat-traffiku ta' data bla-fili, il-Programm tal-Politika tal-Ispettru tar-Radju pluriennali stabbilit bid-Deċizzjoni Nru 243/2012/UE<sup>62</sup> se jwitti t-triq għal-iżvilupp li jippermetti lill-Unjoni tkun fuq quddiem fil-veloċità tal-broadband, il-mobbiltà, il-~~

<sup>60</sup> ~~ĠU L 171, 29.6.2007, p. 32.~~

<sup>61</sup> ~~Ara l-Anness I.~~

<sup>62</sup> ~~Id-Deċizzjoni Nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li tistabbilixxi programm pluriennali tal-politika tal-ispettru tar-radju (ĠU L 81, 21.3.2012, p. 7).~~

~~kopertura u l-kapaċità, filwaqt li jiffaċilita l-bidu ta' mudelli ta' negozju u teknoloġiji ġodda, u b'hekk jikkontribwixxi għat-tnaqqis ta' problemi strutturali fil-livell ta' roaming bl-ingrossa.~~

↓ 531/2012 premessa 7 (adattat)

~~Il-Kummissjoni, fil-Komunikazzjoni tagħha bit-titolu "Dwar ir-rapport interim dwar il-qagħda tal-iżvilupp tas-servizzi tar-roaming fl-Unjoni Ewropea", tinnota li żviluppi teknoloġiċi u/jew l-alternattivi għas-servizzi tar-roaming, bħad-disponibbiltà tal-"Voice over Internet Protocol" (VoIP) jew tal-Wi-Fi, jistgħu jrendu s-suq intern tas-servizzi tar-roaming tal-Unjoni aktar kompetittiv. Filwaqt li dawn l-alternattivi, partikolarment is-servizzi VoIP, qed jintużaw dejjem aktar fil-livell domestiku, ma kienx hemm żviluppi sinifikanti fl-użu tagħhom waqt ir-roaming.~~

↓ 531/2012 premessa 8

~~Minħabba l-iżvilupp mgħaġġel tat-traffiku tad-data mobbli u ż-żieda fin-numru ta' konsumaturi li qed jużaw is-servizzi tar-roaming ta' telefonati bil-vuċi, SMS u data barra minn pajjiżhom, jeħtieġ li tizzied il-pessjoni tal-kompetizzjoni, sabiex jiġu żviluppati mudelli tan-negozju u teknoloġiji ġodda. Ir-regolazzjoni tat-tariffi tar-roaming għandha tkun infassla b'mod li ma jiskuraġġix il-kompetizzjoni lejn livelli ta' prezzijiet aktar baxxi.~~

↓ 531/2012 premessa 9

~~Il-horqien ta' żona soċjali, edukattiva, kulturali u intraprenditorjali Ewropea bbażata fuq il-mobbiltà tal-individwi u tad-data diġitali għandha tiffaċilita l-komunikazzjoni bejn in-nies sabiex tinholq "Ewropa għae-Ċittadini" reali.~~

↓ 531/2012 premessa 14 (adattat)

(5) ~~Barra minn hekk, L-~~awtoritajiet regolatorji nazzjonali inkarigati mis-salvagwardja u l-promozzjoni tal-interessi tal-klijenti ta' servizzi mobbli normalment residenti fit-territorju tagħhom ma jistgħux jikkontrollaw l-imġiba tal-operatori tan-network miżjur, li jinsabu fi Stati Membri oħra, u li fuqhom jiddependu dawk il-klijenti meta jużaw is-servizzi tar-roaming internazzjonali. Dan l-ostaklu jista' wkoll inaqqas l-effikaċja tal-miżuri meħuda mill-Istati Membri abbażi tal-kompetenza residwa tagħhom biex jadottaw regoli dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi.

↓ 2015/2120 premessa 20

(6) Is-suq tal-komunikazzjoni mobbli għadu frammentat fl-Unjoni, mingħajr network mobbli li jkopri l-Istati Membri kollha. Minħabba f'hekk, biex jipprovdu servizzi tal-komunikazzjoni mobbli lill-klijenti domestiċi tagħhom li jivvjaġġaw fl-Unjoni, il-fornituri tar-roaming jeħtieġ jixtru servizzi tar-roaming bl-ingrossa mingħand operatorji fi Stat Membru miżjur, jew jiskambjaw servizzi tar-roaming bl-ingrossa magħhom.

↓ 531/2012 premessa 3 (adattat)

(7) Ma jistax jingħad li jeżisti suq intern tat-telekomunikazzjoni jekk jibqgħu jeżistu differenzi ~~sinifikanti~~ bejn il-prezzijiet domestiċi u l-prezzijiet tar-roaming. Għalhekk,

~~l-għan aħħari għandu jkun li titneħħa id-differenza bejn it-tariffi domestiċi u t-tariffi tar-roaming ☒~~ jenħtieġ titneħħa ☒, u b'hekk jiġi stabbilit suq intern għas-servizzi tal-komunikazzjoni mobbli.

↓ 531/2012 premessa 20

- (8) Jenħtieġ jitħaddem approċċ armonizzat komuni li jiżgura li l-utenti tan-networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli terrestri li jivvjaġġaw fl-Unjoni ma jħallsux prezzijiet eċċessivi għas-servizzi tar-roaming disponibbli fl-Unjoni, u b'hekk tissaħħaħ il-kompetizzjoni fir-rigward tas-servizzi tar-roaming bejn il-fornituri tar-roaming, jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi, u jitħarsu l-inċentivi għall-innovazzjoni u l-għażla tal-konsumaturi. Fid-dawl tan-natura transfruntiera tas-servizzi kkonċernati, dan l-approċċ komuni hu meħtieġ biex il-fornituri tar-roaming jkunu jistgħu joperaw f'qafas regolatorju koerenti msejjes fuq kriterji stabbiliti oġġettivament.

↓ 531/2012 premessa 6

⇒ ġdid

- (9) L-użu mifrux tal-apparati mobbli li kapaċi jirċievu l-internet ifisser li r-roaming tad-data għandu sinifikat ekonomiku qawwi. Dan huwa ~~kriterju deċiżiv~~ ⇒ rilevanti ⇐ kemm għall-utenti u anki għall-fornituri tal-applikazzjonijiet u l-kontenut. Biex jiġi stimulat l-iżvilupp ta' dan is-suq, it-tariffi għat-trasport tad-data jenħtieġ ma jkunux ixekklu t-tkabbir ⇒ , b'mod partikolari meta jitqies li l-iskjerament tan-networks u tas-servizzi 5G mistenni jiżdied gradwalment ⇐ .

↓ 531/2012 premessa 10 (adattat)

⇒ ġdid

- (10) ~~Id-Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati (id-Direttiva dwar l-Aċċess)<sup>63</sup>, id-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (id-Direttiva dwar l-Awtorizzazzjoni)<sup>64</sup>, id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (id-Direttiva Kwadru)<sup>65</sup>, id-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u drittijiet tal-utenti rigward networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (id-~~

<sup>63</sup> Id-Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-aċċess għal, u l-ikkonnettjar ta', networks ta' komunikazzjoni elettronika u faċilitajiet assoċjati (Direttiva dwar l-Aċċess) (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 7).

<sup>64</sup> Id-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjoni (Direttiva tal-Awtorizzazzjoni) (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 21).

<sup>65</sup> Id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33).

Direttiva Servizz Universali)<sup>66</sup> u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar ta' ~~data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (id-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika)~~<sup>67</sup> (minn hawn 'il quddiem kollettivament imsejħa l-~~"qafas regolatorju tal-2002 għall-komunikazzjonijiet elettroniċi"~~) għandhom  kellhom  l-għan li joħlqu suq intern għall-komunikazzjonijiet elettroniċi fi ħdan l-Unjoni filwaqt li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi permezz ta' kompetizzjoni msaħħa. ⇒ Dawk id-Direttivi ġew revokati bid-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.<sup>68</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/1972 għandha l-għan li tistimula l-investiment f'networks b'kapaċità għolja ħafna fl-UE, u l-adozzjoni tagħhom, kif ukoll li tintroduċi regoli ġodda dwar l-ispettru għall-konnettività mobbli u l-5G. Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tiżgura wkoll li ċ-ċittadini kollha jkollhom aċċess għal komunikazzjoni affordabbli, inkluż l-internet. Din iżżid il-protezzjoni tal-konsumaturi u s-sigurtà għall-utenti, u tiffaċilita l-intervent regolatorju. ⇐

↓ 531/2012 premessa 19 (adattat)

(11) ~~Is-swieq tar-roaming bl-imnut u bl-ingrossa għandhom karatteristiċi uniċi li jiġġustifikaw miżuri eċċezzjonali li jmorru lil hinn mill-mekkaniżmi li jkunu diversament disponibbli taħt il-qafas regolatorju tal-2002 għall-komunikazzjonijiet elettroniċi~~  kienu jkunu disponibbli permezz tad-Direttiva (UE) 2018/1972 .

↓ 531/2012 premessa 24

~~L-objettiv tal-politika stabbilit fl-Artikolu 8 tad-Direttiva Kwadru rigward l-abbiltà tal-utenti finali biex jaċċessaw u jxerrdu l-informazzjoni jew iħaddmu applikazzjonijiet u servizzi tal-għażla tagħhom għandu jiġi promoss mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali.~~

↓ 531/2012 premessa 18 (adattat)

(12) Dan ir-Regolament għandu ~~għalhekk~~ jippermetti distakk mir-regoli li normalment ikunu applikabbli skont ~~il-qafas regolatorju tal-2002 għall-komunikazzjonijiet elettroniċi~~  id-Direttiva (UE) 2018/1972 , ~~b'mod partikolari d-Direttiva Kwadru~~, jiġifieri li l-prezzijiet għal offerti ta' servizz jenħtieġ ~~fil-prinċipju~~ jiġu ddeterminati permezz ta' ftehim kummerċjali fin-nuqqas ta' setgħa sinifikanti fis-suq, u biex ~~b'hekk tiġi akkomodata~~  tiġi akkomodata  l-introduzzjoni ta' obbligi regolatorji kumplementari li jirriflettu l-karatteristiċi speċifiċi tas-servizzi tar-roaming fl-Unjoni kollha..

<sup>66</sup> Id-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali) (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 51).

<sup>67</sup> Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

<sup>68</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (riformulazzjoni) (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36).

↓ 531/2012 premessa 51 (adattat)  
⇒ ġdid

~~(13)~~ ⇒ Bħala protezzjoni tal-klijenti minn żidiet fil-prezzijiet bl-innut għal servizzi tar-roaming regolati (servizzi regolati bil-vuċi, tal-messaġġi SMS, jew tad-data) minħabba ċaqliq fir-rata tal-kambju ta' referenza ta' muniti għajr l-ewro, Stat Membru li l-munita tiegħu mhix l-ewro jenħtieġ juża medja ta' diversi rati tal-kambju ta' referenza tul perjodu ta' żmien biex jiddetermina t-tariffi supplimentari massimi applikabbli bil-munita tiegħu. ⇐ Meta t-tariffi massimi ma jkunux denominati bl-ewro, ~~il-limiti inizjali u il-valuri riveduti ta' daww il-limiti~~ applikabbli jenħtieġ jiġu ddeterminati bil-munita rilevanti billi tiġi applikata ⇒ l-medja tad-diversi ⇐ rati tal-kambju ta' referenza ⇒ tul iż-żmien ⇐ ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fid-data speċifikata f'dan ir-Regolament. Meta ma jkun hemm l-ebda publikazzjoni fid-data speċifikata, ir-rati tal-kambju ta' referenza applikabbli jenħtieġ ikunu daww ippubblikati fl-ewwel publikazzjoni ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara dik id-data li jkun fiha dawn ir-rati tal-kambju ta' referenza. ⇒ Biex id-determinazzjoni tal-valuri ta' muniti oħra għajr l-ewro tiġi allinjata mar-regola applikata għall-komunikazzjonijiet intra-UE f'konformità mar-Regolament (UE) 2015/2120, jenħtieġ li t-tariffi massimi b'muniti għajr l-ewro jiġu ddeterminati billi tiġi applikata l-medja tar-rati tal-kambju ta' referenza ppubblikati fil-15 ta' Jannar, fil-15 ta' Frar u fil-15 ta' Marzu tas-sena kalendarja rilevanti mill-Bank Ċentrali Ewropew f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. It-tariffi massimi kkalkulati b'dan il-mod għall-2022 jenħtieġ japplikaw mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sal-15 ta' Mejju 2023. ⇐ ~~Bħala protezzjoni għall-konsumaturi minn żidiet fil-prezzijiet bl-innut għal servizzi regolati tar-roaming (servizzi regolati tat-telefonati bil-vuċi, tal-SMS, jew tad-data) minħabba ċaqliq fir-rata tal-kambju ta' referenza tal-muniti li mhumiex l-ewro, Stat Membru li l-munita tiegħu mhix l-ewro għandu jitħalla juża medja ta' diversi rati tal-kambju ta' referenza tul perjodu ta' żmien biex jiddetermina t-tariffi bl-innut massimi bil-munita tiegħu.~~

↓ 531/2012 premessa 25 (adattat)  
⇒ ġdid

(14) Biex ikun jista' jiġi żviluppat suq aktar effiċjenti, integrat u kompetittiv għas-servizzi tar-roaming, ~~ma għandu~~ ☒ jenħtieġ ma ☒ jkun hemm l-ebda restrizzjoni li tipprevjeni lill-impriżi milli jinneozjaw b'mod effettiv aċċess bl-ingrossa bil-għan li jiġu pprovduti servizzi tar-roaming. L-ostakli tal-aċċess għal servizzi tar-roaming bl-ingrossa bħal dawn, minħabba differenzi fis-saħħa tan-negożjar u fil-livell ta' sjieda tal-infrastruttura tal-impriżi, jenħtieġ jitneħħew. ⇒ Għal dak il-għan, il-ftehimiet ta' aċċess għar-roaming bl-ingrossa jenħtieġ jirrispettaw il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika u jiżguraw li l-operatori kollha jkollhom opportunità ekwa u ġusta biex jaċċessaw in-networks u t-teknoloġiji kollha disponibbli u jenħtieġ jiġu nnegożjati *in bona fede* b'mod li l-fornitur tar-roaming ikun jista' joffri servizzi tar-roaming bl-innut ekwivalenti għas-servizzi offruti domestikament. ⇐ L-operatori tan-networks mobbli virtwali (MVNOs) u l-bejjiegħa mill-ġdid tas-servizzi tal-komunikazzjoni mobbli mingħajr infrastruttura tan-network tagħhom, tipikament ikunu jipprovdu servizzi tar-roaming ibbażati fuq ftehim kummerċjali tar-roaming bl-ingrossa mal-operatori ospitanti tan-network mobbli tagħhom fl-istess Stat Membru. Madankollu, in-negożjati kummerċjali jistgħu ma jipprovdux marġini biżżejjed lill-MVNOs u lill-bejjiegħa mill-ġdid biex jistimulaw il-kompetizzjoni bi prezzijiet orħos. It-tneħħija ta'



dawk l-ostakli u l-kisba ta' bilanċ fis-saħħa tan-negożjar bejn l-MVNOs/il-bejġiegha mill-ġdid u l-operaturi tan-networks mobbli b'obbligu ta' aċċess u b'limiti fuq l-ingrossa jenħtieġ jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' servizzi u offerti tar-roaming alternattivi, innovattivi u mifruxa fl-Unjoni kollha għall-klijenti. ~~Ir-regoli tal-qafas regolatorju tal-2002 għall-komunikazzjonijiet elettroniċi~~ ☒ Id-Direttiva (UE) 2018/1972 ☒, ~~b'mod partikolari tad-Direttiva Kwadru u d-Direttiva dwar l-Aċċess,~~ ☒ ma tipprovdi soluzzjoni għal ☒ ~~ma jippermettux li tkun indirizzata~~ din il-problema bl-impożizzjoni ta' obbligi fuq l-operaturi li għandhom setgħa sinifikanti fis-suq.

↓ 531/2012 premessa 26 (adattat)  
⇒ ġdid

- (15) Għalhekk ~~għandhom jiġu introdotti regoli sabiex jistabilixxu l-~~ ☒ jenħtieġ jiġi stabbilit ☒ obbligu li jintlaqgħu talbiet raġonevoli ta' aċċess bl-ingrossa għal networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli, bil-għan li jiġu pprovduti servizzi tar-roaming ☒ ☒ . Aċċess bħal dan jenħtieġ ikun konformi mal-ħtiġijiet ta' dawk li qed jitolbuh. ⇒ L-utenti finali tas-servizzi li jeħtieġu teknoloġiji moderni u servizzi tar-roaming bl-immut jenħtieġ ikunu jistgħu jgawdu l-istess kwalità tas-servizz waqt ir-roaming daqslikieku f'pajjiżhom. Għalhekk, aċċess tar-roaming bl-ingrossa jenħtieġ jiżgura li dawk li jitolbu aċċess ikunu jistgħu jirreplikaw is-servizzi bl-immut offruti domestikament, sakemm l-operaturi tan-networks mobbli li jintalbu jipprovdu aċċess ma jkunux jistgħu jagħtu prova li mhux fattibbli teknikament li jsir dan. ⇐ L-aċċess jenħtieġ jiġi rifjutat biss abbażi ta' kriterji oġġettivi, bħall-fattibbiltà teknika u l-ħtieġa li tinżamm l-integrità tan-network. Meta l-aċċess jiġi rifjutat, il-parti offiża jenħtieġ tkun tista' tressaq il-każ għas-soluzzjoni tat-tilwim skont il-proċedura stabbilita f'dan ir-Regolament. Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ugwali għal kulħadd, aċċess bl-ingrossa bil-għan li jiġu pprovduti servizzi tar-roaming jenħtieġ jingħata skont l-obbligi regolatorji stabbiliti f'dan ir-Regolament applikabbli fil-livell bl-ingrossa, u jenħtieġ iqis l-elementi differenti tal-kost meħtieġa għall-forniment ta' dan l-aċċess. Approċċ regolatorju konsistenti għall-aċċess bl-ingrossa għall-forniment ta' servizzi tar-roaming jenħtieġ jikkontribwixxi biex jiġu evitati distorsjonijiet bejn l-Istati Membri. Jenħtieġ li l-BEREC, b'koordinazzjoni mal-Kummissjoni u b'kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, joħroġ linji gwida għal aċċess bl-ingrossa bil-għan li jiġu pprovduti servizzi tar-roaming.

↓ 531/2012 premessa 27

- (16) Jenħtieġ li obbligu ta' aċċess għar-roaming bl-ingrossa jkun jinkludi l-forniment ta' servizzi diretti tar-roaming bl-ingrossa u l-forniment ta' servizzi tar-roaming bl-ingrossa għal bejgħ mill-ġdid minn partijiet terzi. L-obbligu ta' aċċess għar-roaming bl-ingrossa jenħtieġ ikopri wkoll l-obbligu li l-operatur tan-networks mobbli jippermetti lill-MVNOs u lill-bejġiegha mill-ġdid jixtru servizzi tar-roaming bl-ingrossa regolati mingħand aggregaturi tal-ingrossa li jipprovdu punt ta' aċċess uniku u pjattaforma standardizzata għal ftehimiet tar-roaming fl-Unjoni kollha. Biex jiġi żgurat li l-operaturi kollha jipprovdu aċċess lill-faċilitajiet kollha meħtieġa għal aċċess dirett għar-roaming bl-ingrossa u aċċess għal bejgħ mill-ġdid tar-roaming bl-ingrossa lil fornituri tar-roaming f'perjodu raġonevoli ta' żmien, jenħtieġ tiġi ppubblikata offerta ta' referenza li jkun fiha l-kundizzjonijiet standard għal aċċess dirett għar-roaming bl-ingrossa u għal aċċess għal bejgħ mill-ġdid tar-roaming bl-ingrossa. Il-pubblikazzjoni tal-offerta ta' referenza jenħtieġ ma tkunx tipprevjeni n-negożjati

kummerċjali bejn dawk li qed jitolbu aċċess u l-fornituri tal-aċċess dwar il-livell tal-prezz tal-ftehim finali bl-ingrossa jew dwar servizzi ta' aċċess addizzjonali bl-ingrossa li jmorru lil hinn minn dawk meħtieġa għall-aċċess dirett għar-roaming bl-ingrossa u għall-aċċess għal bejgħ mill-ġdid tar-roaming bl-ingrossa.

---

↓ 531/2012 premessa 28

- (17) Obbligu ta' aċċess għar-roaming bl-ingrossa jenħtieġ ikopri l-aċċess għal kull komponent meħtieġ għall-forniment ta' servizzi tar-roaming, bħal pereżempju: l-elementi tan-network u l-faċilitajiet assoċjati; is-sistemi tas-software rilevanti, inkluż is-sistemi ta' appoġġ operazzjonali; is-sistemi tal-informazzjoni jew il-bażijiet tad-*data* għal ordnijiet minn qabel, forniment, ordnijiet, talbiet ta' manutenzjoni u tiswiġa, u fatturar; it-traduzzjoni tan-numri jew sistemi li joffru funzjonalità ekwivalenti; servizzi tan-networks mobbli u tan-networks virtwali.
- 

↓ 531/2012 premessa 29

- (18) Jekk dawk li qed jitolbu aċċess għal bejgħ mill-ġdid tar-roaming bl-ingrossa jitolbu aċċess għal faċilitajiet jew servizzi addizzjonali għal dawk meħtieġa għall-forniment ta' servizzi tar-roaming bl-immut, l-operaturi tan-networks mobbli jistgħu jitolbu tariffi ġusti u raġonevoli għal dawk il-faċilitajiet jew is-servizzi. Fost l-oħrajn, dawk il-faċilitajiet jew is-servizzi addizzjonali jistgħu jkunu servizzi ta' valur miżjud, software u sistemi tal-informazzjoni addizzjonali, jew arranġamenti għall-fatturar.
- 

↓ ġdid

- (19) F'konformità mal-Artikolu 109 tad-Direttiva (UE) 2018/1972, l-utenti finali kollha jenħtieġ ikollhom aċċess mingħajr hłas għas-servizzi ta' emerġenza, permezz ta' komunikazzjonijiet ta' emerġenza mal-aktar ċentru xieraq li jirċievi t-telefonati ta' emerġenza (PSAP). L-Istati Membri jeħtieġ ukoll jiżguraw li l-aċċess tal-utenti finali b'diżabbiltà għas-servizzi ta' emerġenza jkun disponibbli permezz ta' komunikazzjonijiet ta' emerġenza u jkun ekwivalenti għal dak tal-utenti finali l-oħra. Huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeterminaw it-tip ta' komunikazzjonijiet ta' emerġenza li huma fattibbli teknikament biex jiżguraw li l-klijenti tar-roaming ikollhom aċċess għas-servizzi ta' emerġenza. Biex jiġi żgurat li l-klijenti tar-roaming ikollhom aċċess għal komunikazzjonijiet ta' emerġenza skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 109 tad-Direttiva (UE) 2018/1972, l-operaturi tan-network miżjur jenħtieġ jinfurmaw lill-fornitur tar-roaming permezz tal-ftehim tar-roaming bl-ingrossa dwar liema tip ta' komunikazzjonijiet ta' emerġenza huma obligatorji skont il-miżuri nazzjonali fl-Istat Membru miżjur. Barra minn hekk, il-ftehimiet tar-roaming bl-ingrossa jenħtieġ jinkludu informazzjoni dwar il-parametri tekniċi biex jiġi żgurat l-aċċess għas-servizzi ta' emerġenza, inkluż għall-klijenti tar-roaming b'diżabbiltà, u biex tiġi żgurata t-trażmissjoni tal-informazzjoni dwar il-lokalizzazzjoni ta' min jagħmel it-telefonata lill-aktar PSAP xieraq fl-Istat Membru miżjur. B'din l-informazzjoni, il-fornitur tar-roaming jenħtieġ ikun jista' jidentifika u jipprovdi mingħajr hłas, il-komunikazzjoni ta' emerġenza u t-trażmissjoni tal-lokalizzazzjoni ta' min jagħmel it-telefonata.

- (20) ~~Jenħtieġ li~~ ☒ Ċerti kundizzjonijiet ~~li~~ ☒ kundizzjonijiet li jistgħu jiġu inklużi fl-offerti ta' referenza biex operaturi tan-networks mobbli jkunu jistgħu jipprevjenu r-roaming permanenti jew l-użu anomalu jew abbużiv tal-aċċess għar-roaming bl-ingrossa ~~jiġu~~ ~~écarati~~. B'mod partikolari, meta l-operatur tan-network miżjur ikollu raġunijiet motivati biex iqis li qed isir roaming permanenti minn porzjon sinifikanti tal-klijenti tal-fornitur tar-roaming jew użu anomalu jew abbużiv tal-aċċess għar-roaming bl-ingrossa, dan jenħtieġ ikun jista' jitlob lill-fornitur tar-roaming biex jipprovdi informazzjoni, b'mod aggregat u f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti tal-Unjoni u nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data, li permezz tagħha jkun jista' jiġi ddeterminat jekk hemmx xi porzjon sinifikanti tal-klijenti tal-fornitur tar-roaming li qed jużaw ir-roaming b'mod permanenti jew jekk hemmx użu anomalu jew abbużiv tal-aċċess għar-roaming bl-ingrossa, bħal informazzjoni dwar il-porzjon ta' klijenti b'konsum domestiku insinifikanti meta mqabbel mal-konsum tar-roaming. Barra minn hekk, it-terminazzjoni ta' ftehimiet tar-roaming bl-ingrossa bil-għan li tipprevjeni roaming permanenti jew użu anomalu jew abbużiv tal-aċċess għar-roaming bl-ingrossa, jenħtieġ issir biss wara li jkunu ttieħdu miżuri anqas stretti li ma rnexxilhomx jindirizzaw is-sitwazzjoni. Din it-terminazzjoni jenħtieġ tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità regolatorja nazzjonali tal-operatur tan-network miżjur, filwaqt li tittieħed konsiderazzjoni sħiħa tal-opinjoni tal-~~Korp ta'~~ ~~Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi~~ (BEREC) meta dan ikun ġie kkonsultat. Fost il-miżuri inqas stretti li jistgħu jittieħdu hemm l-iffissar ta' tariffi ogħla massimi bl-ingrossa li ma jaqbżux it-tariffi bl-ingrossa previsti f'dan ir-Regolament għal volumi li jaqbżu volum aggregat speċifikat fil-ftehim. Jenħtieġ li dawn it-tariffi ogħla bl-ingrossa jiġu stabbiliti minn qabel, jew mill-mument meta l-operatur tan-network miżjur ikun stabbilixxa u informa lill-operatur tan-network tal-pajjiż tal-oriġini li, abbażi ta' kriterji oġġettivi, qed isir roaming permanenti minn porzjon sinifikanti ta' klijenti tal-fornitur tar-roaming jew użu anomalu jew abbużiv tal-aċċess għar-roaming bl-ingrossa. Il-miżuri inqas stretti jistgħu jikkonsistu wkoll fl-impenn tal-operatur tan-network tal-pajjiż tal-oriġini biex jadotta jew jirrevedi l-politiki tiegħu ta' użu ġust applikabbli għall-klijenti tiegħu f'konformità mar-regoli dettaljati adottati skont l-Artikolu ~~6d~~ 8 ta' ~~☒~~ dan ~~☒~~ ir-Regolament ~~(UE) Nru 531/2012~~, jew il-possibbiltà li l-operatur tan-network miżjur jitlob reviżjoni tal-ftehim tar-roaming bl-ingrossa. Fl-interessi tat-trasparenza, jenħtieġ li l-awtorità regolatorja nazzjonali tagħmel disponibbli għall-pubbliku l-informazzjoni dwar it-talbiet għall-awtorizzazzjoni biex jiġu tterminati l-ftehimiet tar-roaming bl-ingrossa, b'rispett għall-kunfidenzjalità kummerċjali.

- (21) Biex ikunu jistgħu jiġu żviluppatti swieq aktar effiċjenti, integrati u kompetittivi għas-servizzi tar-roaming, meta jinnegozjaw l-aċċess għar-roaming bl-ingrossa għall-iskop li jipprovdu servizzi tar-roaming bl-imnut, l-operaturi jenħtieġ jingħataw ~~l-alternativa~~ ☒ il-possibbiltà ☒ li jinnegozjaw skemi innovattivi tal-ipprezzar bl-ingrossa li ma jkunux marbuta direttament mal-volumi effettivament ikkonsmati, bħal pagamenti fissi, impenji bil-quddiem jew kuntratti bbażati fuq il-kapaċità, jew skemi tal-ipprezzar li jirriflettu l-varjazzjonijiet tad-domanda matul is-sena. ⇒ Il-komunikazzjonijiet minn magna għal magna, imsemmija fil-premessa 249 tad-Direttiva (UE) 2018/1972,

mhumieħ esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-obbligi rilevanti tal-aċċess għar-roaming bl-ingrossa. Iżda l-ftehimiet dwar roaming permanenti huma soġġetti għal negozjati kummerċjali u jista' jintlaħaq qbil dwarhom minn żewġ sħab tar-roaming fil-kuntratt tar-roaming bl-ingrossa. Biex ikun jista' jsir l-iżvilupp ta' swieq aktar effiċjenti u kompetittivi għal komunikazzjonijiet minn magna għal magna, huwa mistenni li l-operaturi jwieġbu dejjem aktar u jaċċettaw it-talbiet raġonevoli kollha għal ftehimiet tar-roaming b'termini raġonevoli u li jippermettu b'mod espliċitu r-roaming permanenti għal komunikazzjonijiet minn magna għal magna. Dawn jenħtieġ ikunu jistgħu jstabbilixxu ftehimiet flessibbli tar-roaming li jippermettu servizzi tar-roaming bl-ingrossa u japplikaw skemi ta' tariffi li mhumieħ ibbażati fuq il-volum tad-*data* kkonsmata iżda fuq skemi alternattivi, bħal pereżempju fuq l-għadd ta' magni konnessi kull xahar. F'dak il-kuntest, fil-każ ta' tilwim transfruntier, il-partijiet involuti jenħtieġ ikollhom rikors għall-proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim stabbilita fl-Artikolu 27 tad-Direttiva (UE) 2018/1972. ⇐

Jenħtieġ ~~għalhekk~~ li l-partijiet fin-negozjati jkollhom l-għażla li jaqblu li ma japplikawx tariffi tar-roaming bl-ingrossa regolati massimi tul il-ftehimiet tar-roaming bl-ingrossa. ~~Dan~~ ⇔ Dak ⇔ jeskludi l-possibbiltà għal kwalunkwe parti li sussegwentement titlob l-applikazzjoni ta' tariffi massimi bl-ingrossa abbażi tal-volum għall-konsum proprju, kif stabbilit ⇔ f'dan ir-Regolament ⇔ ~~fir-Regolament (UE) Nru 531/2012~~. Jenħtieġ li din l-~~alternattiva~~ tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi fir-rigward tal-forniment ta' servizzi tar-roaming bl-imnut regolati ~~skont dak ir-Regolament~~. ⇒ Barra minn hekk, ir-Rapport tal-Kummissjoni jieħu nota tal-aħħar żvilupp b'rabta ma' modi ġodda ta' negozjar tat-traffiku tar-roaming bl-ingrossa, bħall-pjattaformi tan-negozjar online, li għandhom il-potenzjal jiffaċilitaw il-proċess tan-negozjar bejn l-operaturi. L-użu ta' strumenti simili jista' jikkontribwixxi biex tissaħħaħ il-kompetizzjoni fis-suq tar-roaming bl-ingrossa u jkomplu jorħsu r-rati attwali bl-ingrossa mitluba. ⇐

↓ ġdid

(22) Ir-Regolament (UE) Nru 531/2012 jipprevedi li l-operaturi ma jistgħux jipprevjenu lill-utenti finali milli jaċċessaw is-servizzi tar-roaming regolati tad-*data* fuq network miżjur offriti minn fornitur alternattiv tar-roaming. Iżda din il-miżura strutturali, introdotta permezz tal-obbligu għall-bejgħ separat ta' servizzi tar-roaming tad-*data*, saret ineffettiva wara l-introduzzjoni tal-RLAH. Barra minn hekk, minħabba n-nuqqas ta' adozzjoni attwali fis-suq, dan l-obbligu ma jidhirx li għadu rilevanti. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet li jobbligaw lill-operaturi jipprovdu bejgħ separat ta' servizzi roaming tad-*data* fil-livell bl-imnut jenħtieġ ma jibqgħux japplikaw.

↓ 531/2012 premessa 31 (adattat)

~~It-talba tal-konsumaturi u tan-negozju għal servizzi tad-*data* mobbli żdiedet b'mod sinifikanti fis-snin riċenti. Madankollu, minħabba tariffi għolja tar-roaming tad-*data*, l-użu ta' dawġ is-servizzi hu mxejkel sew għall-konsumaturi u n-negozji li joperaw b'mod transkonfinali fl-Unjoni. Minħabba li s-suq għadu fil-bidu tiegħu u minħabba d-domanda li qed tikber sew tal-konsumaturi għar-roaming tad-*data*, it-tariffi bl-imnut regolati għandhom mnejn iżommu biss l-prezzijiet madwar il-limiti tat-tariffi massimi proposti, kif ġara fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 717/2007, minflok jimbuttawhom aktar 'l isfel. Dan jikkonforma l-ħtieġa għal aktar miżuri strutturali.~~

↓ 531/2012 premessa 32

~~Il-klijenti għandhom ikunu jistgħu jbiddu faċilment, fl-aktar żmien qasir possibbli li jiddependi mis-soluzzjoni teknika, bla pjeni u mingħajr ħlas, għal operaturi alternattivi tar-roaming jew bejn operaturi alternattivi tar-roaming. Il-klijenti għandhom ikunu mgħarrfa b'mod ċar, li jinftiehem u faċilment aċċessibbli dwar din il-possibbiltà.~~

↓ 531/2012 premessa 33

~~Il-konsumaturi għandu jkollhom id-dritt li, b'mod faċli għall-konsumaturi, jagħżlu bejgħ separat tas-servizzi tar-roaming mill-bejgħ tal-pakkett mobbli domestiku tagħhom. Bħalissa hemm diversi modi kif il-bejgħ separat tas-servizzi tar-roaming bl-ingrossa regolati jista' jiġi teknikament implimentat, inkluż Identità Internazzjonali tal-Abbonat Mobbli (IMSI) doppja (żewġ IMSI separati fuq l-istess SIM-card), IMSI unika (il-kondiviżjoni ta' IMSI unika bejn il-fornitur domestiku u dak tar-roaming) u l-għaqda ta' IMSI doppja jew unika flimkien mal-modalitajiet tekniċi li ma jċaħħdux lill-klijent milli jaċċessa servizzi regolati tar-roaming tad-data pprovduti direttament fuq network miżjur, permezz ta' arranġamenti bejn l-operatur ta' network tal-pajjiż ta' oriġini u l-operatur tan-network miżjur.~~

↓ 531/2012 premessa 34

~~Prezzijiet għolja tar-roaming tad-data qed jiskoraġġixxu lill-klijenti milli jużaw is-servizzi tad-data mobbli meta jivvjaġġaw fl-Unjoni. Minħabba d-domanda li qed tiżdied u l-importanza tas-servizzi tar-roaming tad-data, m'għandux ikun hemm ostakli għall-użu ta' servizzi tar-roaming tad-data alternattivi, ipprovduti direttament fuq network miżjur, temporanjament jew permanentement, irrispettivament mill-kuntratti jew l-arranġamenti eżistenti tar-roaming mal-fornituri domestiċi u bla ebda tariffa addizzjonali imposta minnhom. Meta meħtieġa, sabiex joffru s-servizzi tar-roaming tad-data, ipprovduti direttament f-network miżjur, fornituri domestiċi u fornituri tas-servizzi tar-roaming tad-data għandhom jikkollaboraw sabiex il-klijenti ma jiġux imcahhdha milli jaċċessaw u jużaw dawk is-servizzi u biex jiżguraw il-kontinwità tas-servizzi tar-roaming l-oħrajn.~~

↓ 531/2012 premessa 35

~~Waqt li dan ir-Regolament m'għandu jistipula ebda modalitajiet tekniċi partikolari għall-bejgħ separat ta' servizzi tar-roaming, iżda minflok iwitti t-triq għas-soluzzjoni l-aktar effettiva u effieġenti, inkluż soluzzjoni ikkombinata, li għandha tiġi żviluppata mill-Kummissjoni abbażi tal-kontribut mill-BEREC, għandhom jiġu stipulati kriterji fir-rigward tal-karatteristiċi tekniċi li għandhom jiġu ssodisfati mis-soluzzjoni teknika għall-bejgħ separat ta' servizzi tar-roaming. Dawk il-kriterji għandhom jinkludu fost l-oħrajn l-introduzzjoni tas-soluzzjoni b'mod ikkoordinat u armonizzat fl-Unjoni kollha u għandhom jiżguraw li l-konsumaturi jkunu jistgħu jagħżlu malajr u faċilment fornitur differenti għas-servizzi tar-roaming mingħajr ma jibdlu n-numru. Barra minn hekk, roaming barra mill-Unjoni jew minn klijenti ta' pajjiżi terzi fl-Unjoni m'għandux jitwaqqaf.~~

↓ 531/2012 premessa 36

~~Għandha tiġi stabbilita żieda fil-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fost l-operaturi tan-networks mobbli sabiex tkun possibbli mil-lat tekniku evoluzzjoni teknika kkoordinata u~~

~~mingħajr xkiel tal-forniment tas-servizzi tar-roaming separati, u mingħajr ma jiġi meahhad l-aċċess għal servizzi tar-roaming tad-*data* pprovduti direttament f'network miżjur. Għalhekk, għandhom jiġu elaborati l-prinċipji bażiċi u l-metodoloġiji rilevanti, sabiex ikun possibbli adattament rapidu għal ċirkostanzi mibdula u avvanzati teknoloġiċi. Il-BEREC għandu, b'kollaborazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti, jassisti lill-Kummissjoni tiżviluppa l-elementi tekniċi sabiex ikun possibbli l-bejgħ separat tas-servizzi tar-roaming u sabiex ma jiġix prevenut l-aċċess għal servizzi tar-roaming tad-*data* ipprovduti direttament fuq network miżjur. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tagħti mandat lil korp Ewropew ta' standardizzazzjoni għall-emendar tal-istandards rilevanti li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni armonizzata tal-bejgħ separat tas-servizzi regolati tar-roaming bl-innut.~~

↓ 531/2012 premessa 37 (adattat)

~~Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-forniment ta' servizzi tar-roaming separati, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jinġhataw lill-Kummissjoni fir-rigward ta' regoli dettaljati dwar l-obbligi ta' informazzjoni tal-fornituri domestiċi u dwar soluzzjoni teknika għall-bejgħ separat ta' servizzi tar-roaming tad-*data*. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni<sup>69</sup>.~~

↓ 531/2012 premessa 38

~~Il-BEREC għandu jkun jista', b'kont meħud ta' dan ir-Regolament u tal-atti ta' implimentazzjoni adottati f'konformita' miegħu, jipprovdri fuq l-inizjattiva tiegħu gwida teknika speċifika dwar il-bejgħ separat ta' servizzi tar-roaming tad-*data* bl-innut regolati jew dwar kwistjonijiet oħra koperti minn dan ir-Regolament.~~

↓ 531/2012 premessa 39

~~Biex il-bejgħ separat tas-servizzi regolati tar-roaming bl-innut ikun effettiv b'mod sħiħ, jitqies li bejgħ bħal dan jeħtieġ li jiġi kkombinat mal-obbligu għal aċċess bl-ingrossa għall-forniment ta' servizzi tar-roaming biex jiġi ffaċilitat id-dħul fis-suq minn partijiet ġodda jew eżistenti, inklużi fornituri tas-servizzi tar-roaming transkonfinali. Dik is-soluzzjoni tevita tgħawwiġ bejn l-Istati Membri billi tiżgura approċċ regolatorju konsistenti, u b'hekk tikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-suq intern. Madankollu, l-implimentazzjoni tal-bejgħ separat tas-servizzi regolati tar-roaming bl-innut se jeħtieġ perjodu raġonevoli għall-operaturi biex jadattaw fil-livell tekniċu, u għalhekk il-miżuri strutturali se jirriżultaw f'suq intern ġenwin b'kompetizzjoni suffiċjenti biss wara ċertu perjodu ta' żmien. Għal din ir-raġuni, it-tariffi bl-ingrossa massimi għal servizzi tar-roaming ta' telefonati bil-vuċi, SMS u *data*, kif ukoll limiti ta' salvagwardja fil-livell bl-innut, għandhom jinżammu fuq bażi temporanja f'livell xieraq biex jiġi żgurati li l-benefiċċji eżistenti għall-klijent jinżammu matul perjodu tranżizzjonali ta' implimentazzjoni ta' tali miżuri strutturali.~~

<sup>69</sup> ĠUL 55, 28.2.2011, p. 13.

↓ 2015/2120 premissa 32  
(adattat)  
⇒ ġdid

- (23) Biex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ~~tal-dispożizzjonijiet ta'~~ dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ tingħata setgħat ta' implimentazzjoni b'rabta mal-istabbiliment ta' ~~l-medja ponderata ta' rati massimi ta' terminazzjoni ta' sejħiet bil-mobile, u~~ regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tal-politika ta' użu għust u dwar il-metodoloġija għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà ⇒ tal-forniment ta' servizzi tar-roaming bl-innut bi prezzijiet domestiċi ⇐ ~~tat-tneħħija tal-ħlasijiet supplimentari tar-roaming bl-innut,~~ kif ukoll dwar l-applikazzjoni li jrid jippreżenta l-fornitur tar-roaming għall-finijiet ta' dik il-valutazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>70</sup>.

↓ ġdid

- (24) Sakemm jiġu adottati dawk il-miżuri ta' implimentazzjoni, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2286<sup>71</sup> jenħtieġ jibqa' japplika.

↓ 531/2012 premissa 40 (adattat)

- (25) ~~Fir-rigward tal-kontinwazzjoni ta' regolazzjoni temporanja tal-prezzijiet, l-~~ ~~o~~ Obbligi regolatorji jenħtieġ jiġu imposti kemm fil-livell bl-innut kif ukoll fil-livell bl-ingrossa biex jitħarsu l-interessi tal-klijenti tar-roaming, peress li l-esperjenza wriet li t-tnaqqis fil-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi tar-roaming fl-Unjoni kollha jista' ma jkunx rifless fi tnaqqis fil-prezzijiet bl-innut għar-roaming, għax ma jkunx hemm inċentivi biex dan iseħħ. Min-naħa l-oħra, l-azzjoni biex jitnaqqas il-livell tal-prezzijiet bl-innut mingħajr ma jiġi indirizzat il-livell tal-kostijiet bl-ingrossa marbuta mal-forniment ta' ~~dawn~~ ☒ dawk ☒ is-servizzi jista' jissogra li jfixxkel il-funzjonament tajjeb tas-suq intern għas-servizzi tar-roaming u ma jippermettix grad ogħla ta' kompetizzjoni.

↓ 2017/920 premissa 4 (adattat)

- (26) It-tneħħija tat-tariffi supplimentari tar-roaming bl-innut ~~stabbilita permezz tar-~~ ~~Regolament~~ ☒ f'konformità mar-Regolament ☒ (UE) 2015/2120, ~~imsajha wkoll~~ "roam like at home" (RLAH), ~~hija~~ ☒ kienet ☒ meħtieġa biex tistabbilixxi u tiffaċilita l-funzjonament ta' suq uniku diġitali fl-Unjoni kollha. Madankollu, dak ir-Regolament waħdu ☒ ma kienx ☒ ~~mhuw~~ biżżejjed biex jiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq tar-roaming. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ~~għall-ek~~ jikkontribwixxi biex il-mudelli tal-prezzijiet fis-swieq domestiċi ma jiġux affettwati bit-tneħħija tat-tariffi supplimentari tar-roaming bl-innut.

<sup>70</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

<sup>71</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2286 tal-15 ta' Diċembru 2016 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni ta' politika tal-użu għust u dwar il-metodoloġija għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tat-tneħħija tal-ħlasijiet supplimentari tar-roaming bl-innut u dwar l-applikazzjoni li għandu jressaq fornitur tar-roaming għall-finijiet ta' dik il-valutazzjoni (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 46).

---

↓ 2015/2120 premessa 26

- (27) Il-prezz bl-imnut domestiku rilevanti jenħtieġ ikun daqs it-tariffa bl-imnut domestika għal kull unità. Madankollu, meta ma jkunx hemm prezzijiet bl-imnut domestiċi speċifiċi li jistgħu jintużaw bħala bażi għal servizz tar-roaming bl-imnut regolat (pereżempju, fil-każ ta' pjanijiet ta' tariffar domestiċi mingħajr limiti, għabriet ta' servizzi jew tariffi domestiċi li ma jinkludux id-*data*), il-prezz bl-imnut domestiku jenħtieġ jitqies li hu l-istess mekkaniżmu ta' tariffar daqslikieku l-klijent kien qed jikkonsma l-pjan ta' tariffar domestiku fl-Istat Membru ta' dak il-klijent.
- 

↓ ġdid

- (28) Il-klijenti tar-roaming, sa fejn possibbli, jenħtieġ ikunu jistgħu jużaw is-servizzi bl-imnut li jabbonaw għalihom u jibbenefikaw mill-istess livell ta' kwalità tas-servizz daqslikieku f'pajjiżhom, meta jkunu qed jużaw ir-roaming fl-Unjoni. Għal dak il-għan, il-fornituri tar-roaming jenħtieġ jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-servizzi tar-roaming bl-imnut regolati jiġu pprovduti bl-istess kundizzjonijiet daqslikieku dawn is-servizzi kienu kkonsmati domestikament. B'mod partikolari, il-klijenti jenħtieġ jingħataw l-istess kwalità tas-servizz waqt ir-roaming, meta dan ikun fattibbli teknikament.
- 

↓ 2015/2120 premessa 22  
(adattat)  
⇒ ġdid

- (29) ~~Fl-istess ħin, il-~~ Il-fornituri tar-roaming jenħtieġ ikunu jistgħu japplikaw “politika ta' użu ġust” għall-konsum tas-servizzi tar-roaming bl-imnut regolati mogħtija bil-prezz bl-imnut domestiku applikabbli. Il-“politika ta' użu ġust” hija maħsuba biex tipprevjeni l-użu abbużiv jew anomalu tas-servizzi tar-roaming bl-imnut regolati minn klijenti tar-roaming, bħall-użu ta' servizzi bħal dawn minn klijenti tar-roaming fi Stat Membru ieħor li mhux dak tal-fornitur domestiku tagħhom għal finijiet oħra għajr l-ivvjaġġar perjodiku. ⇒ Il-fornituri tar-roaming, f'każijiet ta' force majeure ikkawżati minn ċirkostanzi bħal pandemiji jew katastrofi naturali li jestendu involontarjament il-perjodu ta' soġġorn temporanju tal-klijent tar-roaming fi Stat Membru ieħor, jenħtieġ jikkunsidraw li jestendu t-tolleranza applikabbli għal użu ġust għal perjodu xieraq, meta ssir talba ġustifikata mill-klijent tar-roaming ⇐. Kwalunkwe politika ta' użu ġust jenħtieġ tagħti l-possibbiltà lill-klijenti tal-fornitur tar-roaming li jikkonsmaw volumi ta' servizzi tar-roaming bl-imnut regolati bil-prezz bl-imnut domestiku applikabbli, li huma konsistenti mal-pjanijiet ta' tariffar rispettivi tagħhom.
- 

↓ 2015/2120 premessa 23

- (30) F'ċirkostanzi speċifiċi u eċċezzjonali, meta fornitur tar-roaming ma jkunx jista' jirkupra l-kostijiet ġenerali effettivi u mbassra tiegħu għall-forniment ta' servizzi tar-roaming bl-imnut regolati mid-dħul ġenerali effettiv u mbassar tiegħu mill-forniment ta' servizzi bħal dawn, dak il-fornitur tar-roaming jenħtieġ ikun jista' japplika għal awtorizzazzjoni biex japplika tariffa supplimentari biex jiżgura s-sostenibbiltà tal-mudell ta' tariffar domestiku tiegħu. Il-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-mudell ta' tariffar domestiku jenħtieġ tkun ibbażata fuq fatturi oġġettivi rilevanti speċifiċi għall-



fornitur tar-roaming, fosthom varjazzjonijiet oġġettivi bejn il-fornituri tar-roaming fl-Istat Membru kkonċernat u l-livell tal-prezzijiet u tad-dħul domestiċi. Dak jista', pereżempju, ikun il-każ għal mudelli ta' tariffar b'rata fissa domestiċi bl-innut ta' operaturi li jkollhom żbilanċi negattivi sinifikanti fit-traffiku, meta l-prezz impliċitu tal-unità domestika jkun baxx u anki d-dħul ġenerali tal-operatur ikun baxx meta mqabbel mal-piż tal-kost tar-roaming, jew meta il-prezz impliċitu tal-unità jkun baxx u l-konsum effettiv jew imbassar tas-servizzi tar-roaming ikun għoli. ~~Ladarba kemm is-swieq tar-roaming bl-ingrossa kif ukoll bl-innut ikunu aġġustaw b'mod sħiħ għall-ġeneralizzazzjoni tar-roaming fil-livelli tal-prezzijiet domestiċi u l-inkorporazzjoni tagħha bħala karatteristika normali tal-pjanijiet tat-tariffi bl-innut, ma jkunx mistenni li jinqalgħu ċirkostanzi eċċezzjonali ta' dan it-tip.~~ Biex jiġi evitat li l-mudell ta' tariffar domestiku tal-fornituri tar-roaming isir insostenibbli minħabba dawn il-problemi fl-irkupru tal-kostijiet, u li jiġġenera riskju ta' effett sinifikanti fuq l-evoluzzjoni tal-prezzijiet domestiċi jew l-hekk imsejjaħ "effett waterbed", il-fornituri tar-roaming li jkunu f'dawn iċ-ċirkostanzi, bl-awtorizzazzjoni tal-awtorità regolatorja nazzjonali, jenħtieġ ikunu jistgħu japplikaw tariffa supplimentari għas-servizzi tar-roaming bl-innut regolati biss sa kemm meħtieġ biex jirkupraw il-kostijiet rilevanti kollha tal-forniment ta' dawn is-servizzi.

↓ 2015/2120 premessa 24

- (31) Għal dak il-għan, il-kostijiet imġarrba biex jiġu pprovduti servizzi tar-roaming bl-innut regolati jenħtieġ jiġu ddeterminati b'referenza għat-tariffi effettivi tar-roaming bl-ingrossa applikati għat-traffiku tar-roaming outbound tal-fornitur tar-roaming ikkonċernat li jaqbeż it-traffiku tar-roaming inbound, kif ukoll b'referenza għal dispożizzjoni raġonevoli għall-kostijiet konġunti u komuni. Id-dħul mis-servizzi tar-roaming bl-innut regolati jenħtieġ jiġi ddeterminat b'referenza għad-dħul bil-livelli tal-prezzijiet domestiċi attribwibbli għall-konsum tas-servizzi tar-roaming bl-innut regolati, kemm abbażi ta' prezz għal kull unità jew bħala proporzjon ta' tariffa fissa, li tirrifletti l-proporzjonijiet effettivi jew imbassra tal-konsum tas-servizzi tar-roaming bl-innut regolati mill-klijenti fl-Unjoni u l-konsum domestiku. Jenħtieġ jitqiesu wkoll il-konsum tas-servizzi tar-roaming bl-innut regolati u l-konsum domestiku mill-klijenti tal-fornitur tar-roaming, u l-livell tal-kompetizzjoni, tal-prezzijiet u tad-dħul fis-suq domestiku, u kwalunkwe riskju ċar li r-roaming bil-prezzijiet bl-innut domestiċi jaffettwa b'mod sinifikanti l-evoluzzjoni ta' dawn il-prezzijiet.

↓ ġdid

- (32) Ir-Regolament (UE) Nru 531/2012 jipprevedi li, meta fornitur tar-roaming japplika tariffa supplimentari għall-konsum tas-servizzi tar-roaming bl-innut regolati li taqbeż xi limiti inqas minn politika ta' użu ġust, is-somma tal-prezz bl-innut domestiku u kwalunkwe tariffa supplimentari applikata għal telefonati tar-roaming regolati magħmula, messaġġi SMS tar-roaming regolati mibgħuta jew servizzi tar-roaming regolati tad-data ma għandhiex taqbeż id-EUR 0,19 kull minuta, is-EUR 0,06 għal kull messaġġ SMS u l-EUR 0,20 għal kull megabyte użat, rispettivament. Minħabba l-funzjonament effettiv tar-regoli dwar l-RLAH mill-15 ta' Ġunju 2017, dik id-dispożizzjoni ma għandhiex meħtieġa.

↓ 2015/2120 premessa 28  
(adattat)  
⇒ ġdid

~~(33)~~ F'konformità mal-prinċipju li min iċempel iħallas, il-klijenti ta' servizzi mobbli ma jħallsux għat-telefonati mobbli domestiċi li jirċievu, u l-kost tat-terminazzjoni ta' telefonata fin-network ta' min jirċievi t-telefonata hija koperta fit-tariffa bl-imnut ta' min jagħmel it-telefonata. Il-konverġenza tar-rati tat-terminazzjoni mobbli madwar l-Istati Membri jenħtieġ tippermetti l-applikazzjoni tal-istess prinċipju għat-telefonati tar-roaming bl-imnut regolati. ⇒ F'konformità mal-Artikolu 75(1) tad-Direttiva (UE) 2018/1972, il-Kummissjoni stabbiliet, permezz tal-att delegat adottat fit-18 ta' Diċembru 2020, rata massima unika tat-terminazzjoni tat-telefonati fl-Unjoni kollha biex tnaqqas il-piż regolatorju fl-indirizzar tal-problemi ta' kompetizzjoni relatati mat-terminazzjoni tat-telefonati bil-vuċi bl-ingrossa b' mod konsistenti fl-Unjoni kollha. L-att delegat jinkludi tnaqqis gradwali (glide path) mifruq fuq tliet snin: ir-rata massima tat-terminazzjoni tat-telefonati mobbli trid tkun EUR 0,7 fl-2021, EUR 0,55 fl-2022, EUR 0,4 fl-2023 u tilħaq ir-rata massima unika tat-terminazzjoni tat-telefonati bil-vuċi mobbli fl-Unjoni kollha ta' EUR 0,2 mill-2024 'il quddiem. ⇐ ~~Madankollu, peress li dan għadu mhux il-każ, f'~~ sitwazzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament meta l-fornituri tar-roaming jistgħu japplikaw tariffa supplimentari għas-servizzi tar-roaming bl-imnut regolati, it-tariffa supplimentari applikata għat-telefonati tar-roaming regolati riċevuti jenħtieġ ma tkunx aktar ~~mill-medja ponderata tar-rati massimi tat-terminazzjoni tat-telefonati mobbli bl-ingrossa stabbilita kullinkien fl-Unjoni~~ ⇒ mir-rata massima unika tat-terminazzjoni tat-telefonati bil-vuċi mobbli fl-Unjoni kollha stabbilita mill-Kummissjoni għas-sena rispettiva u korrispondenti fl-att delegat previst fl-Artikolu 75 tad-Direttiva (UE) 2018/1972. Jekk il-Kummissjoni sussegwentement tikkonkludi li m'għadx hemm bżonn tiġi stabbilita rata tat-terminazzjoni tat-telefonati bil-vuċi fl-Unjoni kollha, kwalunkwe tariffa supplimentari applikata għat-telefonati tar-roaming regolati riċevuti jenħtieġ ma tkunx aktar mir-rata stabbilita fl-aħħar att delegat adottat skont l-Artikolu 75 tad-Direttiva (UE) 2018/1972 ⇐. ~~Dan jitqies bħala reġim tranżizzjonali sakemm il-Kummissjoni tindirizza din il-kwistjoni pendent.~~

↓ 2015/2120 premessa 30  
(adattat)  
⇒ ġdid

~~(34) Dan ir-Regolament għandu jikkostitwixxi miżura speċifika fit-tifsira tal-Artikolu 1(5) tad-Direttiva 2002/21/KE. Għalhekk, Meta l-fornituri tas-servizzi tar-roaming regolati fl-Unjoni kollha jibdli t-tariffi tar-roaming bl-imnut tagħhom u l-politiki annessi dwar l-użu tar-roaming biex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, dawn il-bidliet jenħtieġ ma jirriżultaw fl-ebda dritt għall-klijenti mobbli, skont il-liġijiet nazzjonali li jittrasponu ~~☒~~ d-Direttiva (UE) 2018/1972, li jirtiraw ~~☒~~ l-qafas regolatorju attwali għal networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, ta' ritrattazzjoni mill-kuntratti tagħhom.~~

⇒ ġdid

(35) Kuntratt li jinkludi xi tip ta' servizz tar-roaming bl-imnut regolat jenħtieġ jispeċifika l-karatteristiċi ta' dak is-servizz tar-roaming bl-imnut regolat, inkluż il-livell mistenni

ta' kwalità tas-servizz. Il-fornitur jenħtieġ jagħmel disponibbli informazzjoni dwar fatturi rilevanti li jistgħu jaffettwaw il-kwalità tas-servizz, bħad-disponibbiltà ta' ċerti teknoloġiji, il-kopertura jew varjazzjoni minħabba fatturi esterni bħat-topografija.

- (36) Il-klijenti tar-roaming u l-operaturi tal-pajjiż tal-orġini xi drabi bla ma jkunu jafu jġarrbu kontijiet kbar minħabba n-nuqqas ta' trasparenza fuq in-numri użati għas-servizzi ta' valur miżjud fl-Unjoni kollha u fuq il-prezzijiet bl-ingrossa mitluba għas-servizzi ta' valur miżjud. Il-komunikazzjonijiet lejn ċerti numri li jintużaw biex jipprovdu servizzi ta' valur miżjud, pereżempju, numri b'rati primjum, numri mingħajr ħlas jew numri b'kostijiet kondiviżi, huma soġġetti għal kundizzjonijiet partikolari tal-ipprezzar fil-livell nazzjonali. Dan ir-Regolament jenħtieġ ma japplikax għall-parti tat-tariffa li tintalab għall-forniment ta' servizzi ta' valur miżjud, iżda biss għat-tariffi għall-konnessjoni ma' dawg is-servizzi. Madankollu, il-prinċipju tal-RLAH jista' jgħalluq aspettattiva fost l-utenti finali li l-komunikazzjonijiet lejn numri bħal dawn waqt ir-roaming ma jżidux il-kost meta mqabbla mas-sitwazzjoni domestika. Iżda dan mhux dejjem ikun il-każ waqt ir-roaming. L-utenti finali jġarrbu aktar kostijiet, anke meta jċemplu numri li domestikament huma mingħajr ħlas. Dan jista' jgħalluq il-kunfidenza tal-klijenti fl-użu tal-apparat telefoniku tagħhom waqt ir-roaming, u jista' jgħalluq hasdjet bil-kont, u b'hekk iħalli impatt negattiv fuq esperjenza ġenwina tal-RLAH. Dan huwa ikkawżat l-aktar fil-livell bl-immnut minħabba n-nuqqas ta' trasparenza biżżejjed fejn jidħlu t-tariffi ogħla li jistgħu jintalbu għal komunikazzjonijiet lejn in-numri ta' servizzi ta' valur miżjud. Għaldaqstant, jenħtieġ jiġu introdotti miżuri li jżidu t-trasparenza dwar il-kundizzjonijiet għall-komunikazzjonijiet lejn in-numri ta' servizzi ta' valur miżjud. Għal dak il-għan, il-klijenti tar-roaming jenħtieġ jiġu infurmati fil-kuntratt tagħhom u jiġu notifikati u mwissija, fil-ħin u mingħajr ħlas, li l-komunikazzjonijiet lejn in-numri ta' servizzi ta' valur miżjud waqt ir-roaming jistgħu jinvolvu tariffi addizzjonali.

↓ 2017/920 premissa 9

- (37) Il-funzjonament tas-swieq tar-roaming bl-ingrossa jenħtieġ jippermetti lill-operaturi jirkupraw il-kostijiet kollha għall-forniment ta' servizzi tar-roaming bl-ingrossa regolati, inkluż il-kostijiet konġunti u komuni. Jenħtieġ li dan iħares l-inċentivi għal investiment fin-networks miżjura u jevita kwalunkwe distorsjoni tal-kompetizzjoni domestika fis-swieq miżjura kkawżata minn arbitraġġ regolatorju mill-operaturi li jużaw rimedji ta' aċċess għar-roaming bl-ingrossa biex jikkompetu fi swieq miżjura domestiċi.

↓ 2017/920 premissa 13

- (38) Fir-rigward tar-regoli dwar it-tariffi bl-ingrossa, l-obbligi regolatorji fil-livell tal-Unjoni jenħtieġ jibqgħu japplikaw għax kwalunkwe miżura li tippermetti l-RLAH fl-Unjoni kollha mingħajr ma tindirizza l-livell tal-kostijiet bl-ingrossa assoċjati mal-forniment ta' servizzi tar-roaming bl-ingrossa, tista' tissogra li tħarbat is-suq intern għas-servizzi tar-roaming u b'hekk ma tteggigħx aktar kompetizzjoni. Jenħtieġ li tariffi bl-ingrossa f'livell xieraq jiffaċilitaw il-kompetizzjoni sostenibbli, anke min-naħa ta' parteċipanti ġodda, intrapriżi żgħar u medji, u negozji ġodda.

↓ 2017/920 premessa 14

- (39) Jenħtieġ li t-tariffi massimi bl-ingrossa jaġixxu bħala livell ta' salvagwardja u jenħtieġ jiżguraw li l-operaturi jkunu jistgħu jirkupraw il-kostijiet tagħhom, inkluż il-kostijiet konġunti u komuni. Jenħtieġ jippermettu wkoll il-forniment sostenibbli u mifrux tal-RLAH, u fl-istess ħin iħallu marġini għal negozjati kummerċjali bejn l-operaturi.

↓ 531/2012 premessa 52 (adattat)

- (40) Il-prattika minn xi operaturi tan-networks mobbli li jiffatturaw għall-forniment tat-telefonati tar-roaming bl-ingrossa abbażi ta' perjodi minimi ta' tariffar sa 60 sekonda, minflok abbażi ta' kull sekonda kif normalment japplikaw għal tariffi tal-interkonnessjoni bl-ingrossa oħra, toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn dawk l-operaturi u dawk li japplikaw metodi differenti ta' tariffar, u ddghajef l-applikazzjoni konsistenti tat-tariffi massimi bl-ingrossa ~~introdotti b'dan~~  stabbiliti f'dan  ir-Regolament. Barra minn hekk, din tirrappreżenta tariffa addizzjonali żżid il-kostijiet bl-ingrossa u għalhekk tħalli konsegwenzi negattivi fuq l-ipprezzar tas-servizzi tar-roaming tat-telefonati bil-vuċi fil-livell bl-imnut. Għalhekk, l-operaturi tan-networks mobbli jenħtieġ jintalbu jiffatturaw għall-forniment bl-ingrossa ta' telefonati tar-roaming regolati abbażi ta' kull sekonda.

↓ 531/2012 premessa 64

- (41) Biex jiġi żgurat li t-tariffi massimi għas-servizzi tar-roaming bl-ingrossa tal-messaġġi SMS ikunu eqreb tal-livelli li jirriflettu l-kostijiet involuti fil-forniment, u biex ikun żgurat li fil-livell bl-imnut tista' tinħoloq kompetizzjoni, it-tariffi bl-imnut massimi għall-messaġġi SMS regolati jenħtieġ isegwu tnaqqis sussegwenti.

↓ 531/2012 premessa 11 (adattat)

~~Ir-Regolament (KE) Nru 717/2007 mhuwiex miżura iżolata, iżda għandu jikkomplementa u jappoġġa, sa fejn hu konċernat ir-roaming madwar l-Unjoni, ir-regoli previsti mill-qafas regolatorju tal-2002 għall-komunikazzjonijiet elettroniċi. Dak il-qafas ma pprovdix lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali b'għodda suffiċjenti sabiex jiċħdu azzjoni effettiva u deċiżiva rigward il-prezzijiet tas-servizzi roaming fl-Unjoni u għalhekk ma jiżgurax il-funzjonament mingħajr xkiel tas-suq intern għas-servizzi roaming. Ir-Regolament (KE) Nru 717/2007 kien mezz adatt biex din is-sitwazzjoni tiġi korretta din is-sitwazzjoni.~~

↓ ġdid

- (42) Biex jiġi żgurat li l-klijenti tar-roaming ikollhom aċċess effettiv u mingħajr interruzzjoni għas-servizzi ta' emerġenza, mingħajr hłas, in-networks miżjura jenħtieġ ma jimponu l-ebda tariffa bl-ingrossa relatata ma' dawn il-komunikazzjonijiet ta' emerġenza fuq il-fornituri tar-roaming.

---

↓ 531/2012 premessa 82  
⇒ ġdid

- (43) Biex titjeb it-trasparenza tal-prezzijiet bl-imnut għas-servizzi tar-roaming u biex il-klijenti tar-roaming ikunu megħjuna jieħdu deċiżjonijiet dwar l-użu tal-apparat mobbli tagħhom waqt l-ivvjaġġar, il-fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjoni mobbli jenħtieġ jagħtu informazzjoni mingħajr ħlas lill-klijenti tar-roaming tagħhom dwar it-tariffi tar-roaming applikabbli għalihom meta jużaw is-servizzi tar-roaming fi Stat Membru miżjur. Ċerti gruppi ta' klijenti jaf ikunu diġà informati tajjeb dwar it-tariffi tar-roaming, u għalhekk il-fornituri tar-roaming jenħtieġ jipprovdu l-possibbiltà ta' opt-out faċli minn dawn il-messaġġi awtomatiċi. ⇒ Barra minn hekk, il-klijenti tar-roaming jenħtieġ jirċievu messaġġ testwali li jinkludi link għal paġna web b'informazzjoni dettaljata dwar it-tipi ta' servizzi (telefonati u messaġġi SMS) li jistgħu jkunu soġġetti għal żieda fil-kostijiet. ⇐ Barra minn hekk, il-fornituri jenħtieġ jagħtu attivament informazzjoni addizzjonali lill-klijenti tagħhom, meta jintalbu u mingħajr ħlas, u meta l-klijenti jkunu fl-Unjoni, dwar it-tariffi għal kull minuta, kull SMS jew kull megabyte ta' *data* (inkluża l-VAT), meta jagħmlu jew jirċievu telefonati bil-vuċi u meta jibagħtu u jirċievu messaġġi SMS jew MMS u servizzi oħra tal-komunikazzjoni tad-*data* fl-Istat Membru miżjur.

---

↓ 2015/2120 premessa 31  
(adattat)

- (44) ~~Bil-għan li jissaħħu d-drittijiet ta' klijenti tar-roaming stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 531/2012, Dan ir-Regolament jenħtieġ li, fir-rigward tas-servizzi tar-roaming bl-imnut regolati, jistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi ta' trasparenza allinjati mal-kundizzjonijiet speċifiċi tat-tariffi u l-volum li għandhom japplikaw ladarba jintneħħew il-ħlasijiet~~ ⊗ applikabbli wara t-tneħħija tat-tariffi ⊗ supplimentari tar-roaming bl-imnut . B'mod partikolari, jenħtieġ ikun hemm dispożizzjonijiet biex il-klijenti tar-roaming jiġu notifikati fil-ħin u mingħajr ħlas dwar il-politika ta' użu ġust applikabbli, meta jiġi kkonsmat il-volum kollu ta' użu ġust applikabbli għas-servizzi tar-roaming regolati tat-telefonati bil-vuċi, tal-messaġġi SMS jew tad-*data*, dwar kwalunkwe tariffa supplimentari, u dwar il-konsum akkumulat tas-servizzi tar-roaming regolati tad-*data*.

---

↓ 531/2012 premessa 58

- (45) Il-klijenti li jgħixu fir-reġjuni tal-fruntieri jenħtieġ ma jirċevux kontijiet għaljin bla bżonn minħabba tariffi ta' roaming involontarju. Għalhekk, il-fornituri tar-roaming jenħtieġ jieħdu passi raġonevoli biex jipproteġu lill-klijenti minn tariffi tar-roaming imġarrba meta jkunu jinsabu fl-Istat Membru tagħhom. Dan jenħtieġ jinkludi miżuri xierqa ta' informazzjoni biex il-klijenti jkollhom is-setgħa jipprevjenu attivament dawn il-każijiet ta' roaming involontarju. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jenħtieġ ikunu attenti għal sitwazzjonijiet ta' klijenti li jġarrbu problemi fil-ħlas tat-tariffi tar-roaming waqt li jkunu jinsabu fl-Istat Membru tagħhom, u jenħtieġ jieħdu passi xierqa biex itaffu l-problema.

↓ 531/2012 premessa 84 (adattat)

- (46) Barra minn hekk, jenħtieġ jiġu ~~introdotti~~  stabbiliti  miżuri li ~~tejbu~~  jiżguraw  it-trasparenza tat-tariffi bl-imnut għas-servizzi kollha tar-roaming tad-*data*, b'mod partikolari biex jeliminaw il-problema ta' "hasdjet bil-kont" li toħloq ostaklu għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern, u biex jipprovdu l-għodod meħtieġa lill-klijenti tar-roaming għal monitoraġġ u kontroll tal-infiq tagħhom fuq servizzi tar-roaming tad-*data*. Bl-istess mod, jenħtieġ ma jkun hemm l-ebda ostaklu għall-introduzzjoni ta' applikazzjonijiet jew teknoloġiji li jistgħu jkunu sostitut jew alternattiva għas-servizzi tar-roaming,  inkluż iżda mhux limitati għall-Wi-Fi  ~~bħall-Wi-Fi~~.

↓ 531/2012 premessa 87 (adattat)

- (47) Barra minn hekk, biex jiġu evitati hasdjet bil-kont, il-fornituri tar-roaming jenħtieġ jiddefinixxu limiti finanzjarji u/jew tal-volum massimi, wieħed jew aktar, għat-tariffi pendenti tagħhom għas-servizzi tar-roaming tad-*data*, espressi bil-munita tal-fatturar tal-klijent tar-roaming, u jenħtieġ joffru notifika xierqa lill-klijenti tar-roaming tagħhom kollha mingħajr ħlas u b'format li jista' jerġa' jiġi kkonsultat sussegwentement, meta ~~dan~~  dak  il-limitu jkun wasal biex jintlaħaq. Meta ~~dan~~  dak  il-limitu massimu jintlaħaq, il-klijenti jenħtieġ ma jibqgħux jirċievu jew jintalbu jħallsu għal dawk is-servizzi, sakemm dawn ma jitolbux b'mod speċifiku li dawk is-servizzi jibqgħu jiġu pprovduti f'konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fin-notifika. F'dan il-każ, dawn jenħtieġ jirċievu konferma mingħajr ħlas u b'format li jista' jerġa' jiġi kkonsultat sussegwentement. Il-klijenti tar-roaming jenħtieġ jingħataw l-opportunità li jagħżlu kwalunkwe waħda minn ~~dawn~~  dawk  il-limiti finanzjarji jew tal-volum massimi fi żmien raġonevoli jew li jagħżlu li ma jkollhomx limitu bħal dan. Sakemm il-klijenti ma jiddikjarawx mod ieħor, dawn jenħtieġ jitqiegħdu f'sistema ta' limitazzjoni awtomatika.

↓ 531/2012 premessa 88

- ~~(48) Dawn il-miżuri ta' trasparenza jenħtieġ jitqiesu bħala salvagwardji minimi għall-klijenti tar-roaming, u jenħtieġ ma jwaqqfux lill-fornituri tar-roaming milli joffru lill-klijenti tagħhom firxa ta' faċilitajiet oħra li jgħinuhom ibassru u jikkontrollaw l-infiq tagħhom fuq is-servizzi tar-roaming tad-*data*. Pereżempju, bosta fornituri tar-roaming qed jiżviluppaw offerti ġodda ta' rata fissa bl-imnut li jippermettu *data* roaming għal prezz speċifiku matul perjodu speċifiku sa limitu ta' volum ta' "użu ġust". Bl-istess mod il-fornituri tar-roaming qed jiżviluppaw sistemi biex jippermettu li l-klijenti tar-roaming tagħhom ikunu aġġornati fuq bażi ta' ħin reali dwar it-tariffi pendenti akkumulati tagħhom tar-roaming tad-*data*. Biex ikun żgurat li s-suq intern jiffunzjona tajjeb, dawn l-iżviluppi fis-swieq domestiċi għandhom ikunu riflessi fir-regoli armonizzati.~~

↓ 531/2012 premessa 89 (adattat)

- (49) Il-klijenti b'tariffi mħallsin minn qabel jista' jkollhom hasdjet bil-kont ukoll talli jużaw servizzi tar-roaming tad-*data*. Għal ~~dan~~  dik  ir-raġuni, id-dispożizzjonijiet dwar il-limitu tal-interruzzjoni tas-servizz jenħtieġ japplikaw ukoll għal dawk il-klijenti.

↓ 531/2012 premessa 90 (adattat)  
⇒ ġdid

- (50) Hemm diskrepanzi konsiderevoli bejn it-tariffi tar-roaming regolati fi ħdan l-Unjoni u t-tariffi tar-roaming imħallsa mill-klijenti waqt ivvjaġġar barra mill-Unjoni, li huma ferm oġhla mill-prezzijiet fl-Unjoni, ⇒ fejn it-tariffi supplimentari tar-roaming jiġu applikati biss b'mod eċċezzjonali, issa li tneħħew it-tariffi tar-roaming bl-imnut ⇐ . Minħabba n-nuqqas ta' approċċ konsistenti dwar il-miżuri ta' trasparenza u ta' salvagwardja rigward ir-roaming barra mill-Unjoni, il-konsumaturi mhumiex kunfidenti dwar id-drittijiet tagħhom u għalhekk ħafna drabi jaqtgħu qalbhom milli jużaw is-servizzi mobbli waqt l-ivvjaġġar. Informazzjoni trasparenti pprovduta lill-konsumaturi tista' mhux biss tgħin视角 fid-deċiżjoni dwar kif jużaw l-apparat mobbli tagħhom waqt l-ivvjaġġar (fi ħdan l-Unjoni u barra mill-Unjoni), iżda tista' tgħin视角 ukoll fl-għażla bejn il-fornituri tar-roaming. Għalhekk, jeħtieġ tiġi indirizzata l-problema tan-nuqqas ta' trasparenza u ta' protezzjoni tal-konsumaturi billi jiġu applikati ċerti miżuri ta' trasparenza u ta' salvagwardja anke għas-servizzi tar-roaming ipprovduti barra mill-Unjoni. Dawk il-miżuri għandhom ⊗ jenħtieġ ⊗ jiffaċilitaw il-kompetizzjoni u jtejbu l-funzjonament tas-suq intern.

↓ 531/2012 premessa 91 (adattat)

- (51) Jekk l-operatur tan-network miżjur fil-pajjiż ⊗ terz ⊗ miżjur ~~barra l-Unjoni~~ ma jippermettix li l-fornitur tar-roaming jimmonitorja l-użu tal-klijenti f'ħin reali, il-fornitur tar-roaming jenħtieġ ma jkunx obligat jipprovdi l-limiti finanzjarji jew tal-volum massimi għas-salvagwardja tal-klijenti.

↓ ġdid

- (52) Il-fornituri tar-roaming jenħtieġ jinfurmaw lill-klijenti tar-roaming bil-possibbiltà li jaċċessaw servizzi ta' emerġenza mingħajr hłas billi jċemplu n-numru uniku Ewropew ta' emerġenza "112" u b'mezzi alternattivi ta' aċċess permezz tal-komunikazzjonijiet ta' emerġenza. Mezzi alternattivi ta' aċċess permezz tal-komunikazzjonijiet ta' emerġenza jippermettu lill-klijenti tar-roaming, b'mod partikolari lill-klijenti tar-roaming b'diżabbiltà, li jkollhom aċċess għas-servizzi ta' emerġenza permezz ta' mezzi oħra li mhumiex telefonati. Pereżempju, mezzi alternattivi ta' aċċess jistgħu jiġu żgurati b'applikazzjonijiet ta' emerġenza, messaġġar, servizzi ta' trażmissjoni jew b'konverżazzjoni testwali jew sħiħa f'ħin reali implimentati skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>72</sup>.
- (53) Il-meded tan-numri, inkluż dawk użati għas-servizzi ta' valur miżjud, huma stabbiliti fil-pjanijiet nazzjonali tan-numri u mhumiex armonizzati fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk, l-operaturi jistgħu ma jkunux jistgħu jirrikonoxxu l-meded tan-numri għas-servizzi ta' valur miżjud fil-pajjiżi kollha minn qabel. Il-meded tan-numri użati għas-servizzi ta' valur miżjud huma soġġetti għal kundizzjonijiet tal-ipprezzar partikolari fil-livell nazzjonali, u ħafna drabi r-rati tat-terminazzjoni tagħhom mhumiex regolati. Filwaqt li dan huwa mifhum għall-fornituri tar-roaming, il-livell tat-tariffi bl-ingrossa li dawn se jġarrbu xorta jista' jkun għali ferm aktar milli mistenni. F'xenaarju tar-

<sup>72</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-reqwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).

roaming, l-operaturi ma jistgħux jindirizzaw din il-kwistjoni għax ma jkollhomx informazzjoni dwar il-meded tan-numri użati għas-servizzi ta' valur miżjud fl-Unjoni kollha. Biex jindirizza din il-problema, il-BEREC jenħtieġ jistabbilixxi u jżomm bażi tad-*data* ċentralizzata u sigura tal-UE għall-meded tan-numri għas-servizzi ta' valur miżjud. Il-baży tad-*data* hija maħsuba bħala għodda tat-trasparenza li tagħti aċċess dirett lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (NRAs) u lill-operaturi għal informazzjoni dwar il-meded tan-numri li jistgħu jiġġeneraw kostijiet (rati tat-terminazzjoni) oġħla fl-Istati Membri kollha. Din tirrappreżenta pass intermedju meħtieġ biex tiżdied it-trasparenza fil-livell bl-imnut għax tista' tintuża biex tinforma lill-klijenti tar-roaming dwar it-tipi ta' servizzi li jistgħu jkunu soġġetti għal żieda fit-tariffi waqt ir-roaming. Il-BEREC jenħtieġ jistabbilixxi l-proċeduri li skonthom l-awtoritajiet kompetenti jridu jipprovdu u jaġġornaw l-informazzjoni mitluba skont l-Artikolu 17.

↓ 531/2012 premessa 92 (adattat)  
⇒ ġdid

- (54) L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li jkunu responsabbli għat-tweġġiq tal-kompiti skont ~~il-qafas regolatorju għall-komunikazzjoni elettronika tal-2002 għandu~~  id-Direttiva (UE) 2018/1972 jenħtieġ  ikollhom is-setgħat meħtieġa biex  jimmonitorjaw,  jissorveljaw u jinfurzaw l-obbligi skont dan ir-Regolament fit-territorju tagħhom. Jenħtieġ ukoll jimmonitorjaw l-iżviluppi fl-ipprezzar tas-servizzi bil-vuċi,  tal-messaġġi SMS  u tad-*data* għall-klijenti tar-roaming fi ħdan l-Unjoni inkluż, meta xieraq, il-kostijiet speċifiċi marbuta mat-telefonati tar-roaming magħmula u riċevuti fl-aktar reġjuni periferiċi tal-Unjoni u l-ħtieġa li jiġi żgurat li dawn il-kostijiet jistgħu jiġu rkuprati kif xieraq fis-suq bl-ingrossa, u li t-tekniki tad-direzzjoni tat-traffiku ma jintużawx b'mod li jillimita l-għażla għad-detriment tal-klijenti. Jenħtieġ jiżguraw ukoll li l-partijiet interessati jkollhom informazzjoni aġġornata dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u jipubblikaw ir-riżultati tal-monitoraġġ kull sitt xhur. Jenħtieġ tingħata informazzjoni separata dwar il-klijenti korporattivi, dawk li jħallsu wara u dawk li jħallsu minn qabel.

↓ 531/2012 premessa 93 (adattat)

- (55) Ir-roaming fil-pajjiż fl-aktar reġjuni periferiċi tal-Unjoni fejn il-liċenzji għat-telefonija mobbli jkunu distinti minn dawk maħruġa għall-bqija tat-territorju nazzjonali jistgħu jibbenefikaw minn tnaqqis fir-rati ekwivalenti għal dawk prattikati fis-suq intern għas-servizzi tar-roaming. L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ ma twassalx għal prezzijiet inqas favorevoli għall-klijenti li jużaw is-servizzi tar-roaming fil-pajjiż meta mqabbla mal-klijenti li jużaw is-servizzi tar-roaming fl-Unjoni kollha. Għal ~~dan~~  dak  il-għan, l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jieħdu miżuri addizzjonali konsistenti mal-liġi tal-Unjoni.

↓ 2017/920 premessa 20 (adattat)

- (56) Filwaqt li jiżguraw il-kunfidenzjalità tan-negozju u biex isiru l-monitoraġġ u s-supervizzjoni tal-applikazzjoni  ta' dan ir-Regolament  ~~tar-Regolament (UE) Nru 531/2012~~ u l-iżviluppi fis-swieq tar-roaming bl-ingrossa, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jenħtieġ ikunu intitolati li jitolbu informazzjoni dwar ftehimiet tar-roaming bl-ingrossa li ma jipprevedux l-applikazzjoni tat-tariffi tar-roaming bl-ingrossa massimi. Dawk l-awtoritajiet jenħtieġ jitħallew ukoll jitolbu informazzjoni dwar l-



adozzjoni u l-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet fil-ftehimiet tar-roaming bl-ingrossa mmirati biex jipprevjenu roaming permanenti u kwalunkwe użu anomalu jew abbużiv tal-aċċess għar-roaming bl-ingrossa għal skopijiet oħra għajr il-forniment ta' servizzi tar-roaming regolati lill-klijenti tal-fornituri tar-roaming li jivvjaġġaw fl-Unjoni.

↓ 531/2012 premessa 81 (adattat)  
⇒ ġdid

- (57) Meta l-fornituri tal-Unjoni tas-servizzi ~~ta' telefonija~~ mobbli jsibu li l-benefiċċji tal-interoperabbiltà u tal-konnettività end-to-end għall-klijenti tagħhom huma pperikolati bit-terminazzjoni, jew bit-theddida ta' terminazzjoni, tal-arranġamenti tar-roaming tagħhom ma' operaturi tan-networks mobbli fi Stati Membri oħra, jew lill-klijenti tagħhom ma jkunux kapaċi jipprovduhom servizz fi Stat Membru ieħor minħabba nuqqas ta' ftehim ma' mill-inqas fornitur wieħed ta' network bl-ingrossa, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jenħtieġ jużaw, meta meħtieġ, is-setgħat skont l-Artikolu ~~615~~ tad-Direttiva ~~dwar l-Aċċess (UE) 2018/1972~~ biex jiżguraw aċċess u interkonnettività adegwati ~~biex jiggwarantixxu din il-konnettività end-to-end u l-interoperabbiltà tas-servizzi~~, filwaqt jqisu l-oġettivi ~~tal-Artikolu~~ ~~☒~~ stabbiliti fl-Artikolu ~~☒~~ ~~38~~ ~~tad-Direttiva Kwadru~~ ~~☒~~ ta' dik id-Direttiva ~~☒~~ b'mod partikolari ~~l-ħolqien ta'~~ ⇒ l-iżvilupp tas-suq ~~☐~~ intern ~~li jiffunzjona b'mod sħiħ għas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika~~ ~~☒~~ ~~☒~~ ⇒ billi jiġu abilitati l-forniment, id-disponibbiltà u l-interoperabbiltà ta' servizzi pan-Ewropej, u l-konnettività end-to-end ~~☐~~ .

↓ 2017/920 premessa 21 (adattat)

- (58) Ir-regolamentazzjoni speċifika tal-ipprezzar applikabbli għas-servizzi tar-roaming bl-ingrossa tinvolve l-applikazzjoni ta' limitu massimu ġenerali tal-Unjoni għal prodott kompost li jista' jinkludi wkoll inputs oħra tal-aċċess u l-interkonnessjoni għar-roaming bl-ingrossa, inkluż b'mod partikolari dawk soġġetti għal regolamentazzjoni nazzjonali jew, potenzjalment, transfruntiera. F'dan ir-rigward, id-diverġenzi fir-regolamentazzjoni fl-Unjoni kollha ta' dawk l-inputs huma previsti li jonqsu, b'mod partikolari minħabba miżuri addizzjonali ~~li jistgħu jittieħdu~~ f'konformità mad-Direttiva ~~2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>73</sup> (Direttiva Kwadru) (UE) 2018/1972~~ immirati biex jiżguraw konsistenza akbar tal-approċċi regolatorji. Sadattant, jenħtieġ tiġi indirizzata kwalunkwe tilwima bejn l-operaturi tan-networks miżjura u operaturi oħra fuq ir-rati applikati għal dawk l-inputs regolati meħtieġa għall-forniment ta' servizzi tar-roaming bl-ingrossa, wara li tiġi kkunsidrata l-opinjoni tal-BEREC, meta dan jiġi kkonsultat, f'konformità mal-obbligi regolatorji speċifiċi applikabbli għar-roaming kif ukoll mad-Direttiva ~~Kwadru u d-Direttivi 2002/19/KE<sup>74</sup>; 2002/20/KE<sup>75</sup>; u 2002/22/KE<sup>76</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2018/1972.~~

<sup>73</sup> ~~Id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas 7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33).~~

<sup>74</sup> ~~Id-Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas 7 ta' Marzu 2002 dwar l-aċċess għal u l-interkonnessjoni ta' networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati (Direttiva tal-Aċċess) (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 7).~~

<sup>75</sup> ~~Id-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas 7 ta' Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni) (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 21).~~

↓ 531/2012 premessa 94

~~Meta jiġu stabbiliti r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom, fost l-oħrajn, jiċħdu kont tal-possibbiltà li l-fornituri tar-roaming jikkompensaw lill-konsumaturi għal kull dewmien jew ostaklu għall-bidla għal fornitur tar-roaming alternattiv, f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom.~~

↓ 2017/920 premessa 22 (adattat)  
⇒ ġdid

(59) Jenħtieġ li jiġu mmonitorjati u rieżaminati regolarment il-funzjonament tas-swieq tar-roaming bl-ingrossa u l-interrelazzjoni tagħhom mas-suq tar-roaming bl-imnut, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi kompetittivi u teknoloġiċi u l-flussi tat-traffiku. ~~Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni, sal-15 ta' Diċembru 2018, tressaq rapport interim lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jgħorbi fih l-effetti tal-abolizzjoni tat-tariffi supplementari tar-roaming bl-imnut, filwaqt li jiċħdu kont ta' kwalunkwe rapport rilevanti min-naħa tal-BEREC. Il-Kummissjoni, sussegwentement, jenħtieġ tressaq rapporti ta' kull-sentejn~~ ⇒ żewġ rapporti ⇐ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. ~~Jenħtieġ li l-ewwel rapport tali jiġi ppreżentat sal-15 ta' Diċembru 2019. Jenħtieġ li, fir-rapporti tagħha, il-Kummissjoni b'mod partikolari tivvaluta jekk l-RLAH ħalliex impatt fuq l-evoluzzjoni tal-pjanijiet ta' tariffar disponibbli fis-suq bl-imnut. Dan~~ ⊗ Dak ⊗ jenħtieġ jinkludi, minn-naħa, valutazzjoni ta' kwalunkwe ħruġ ta' pjanijiet ta' tariffar li jinkludu biss servizzi domestiċi u li jeskludu għalkollox is-servizzi tar-roaming bl-imnut, u b'hekk jimminaw l-objettiv stess tal-RLAH u, min-naħa l-oħra, valutazzjoni ta' kwalunkwe tnaqqis fid-disponibbiltà ta' pjanijiet ta' tariffar b'rata fissa, li jista' jirrappreżenta wkoll telf għall-klijenti u jimmina l-objettivi tas-suq uniku diġitali. Jenħtieġ li r-rapporti ta' kull-sentejn tal-Kummissjoni, b'mod partikolari, janalizzaw sa liema punt it-tariffi supplementari tar-roaming bl-imnut ġew awtorizzati mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-abbiltà tal-operaturi tan-networks tal-pajjiż tal-oriġini li jsostnu l-mudelli ta' tariffar domestiċi tagħhom u l-abbiltà tal-operaturi tan-networks miżjura li jirkupraw il-kostijiet imġarrba b'mod effiċjenti talli jipprovdu servizzi tar-roaming bl-ingrossa regolati. ⇒ Barra minn hekk, ir-rapporti tal-Kummissjoni jenħtieġ jivvalutaw kif inhu żgurat, fil-livell bl-ingrossa, l-aċċess għal teknoloġiji u ġenerazzjonijiet differenti tan-network; il-livell tal-użu tal-pjattaformi tan-negożjar u ta' strumenti simili għall-kummerċ tat-traffiku fil-livell bl-ingrossa; l-evoluzzjoni tar-roaming minn magna għal magna; il-problemi persistenti fil-livell bl-imnut fir-rigward tas-servizzi ta' valur miżjud u l-applikazzjoni tal-miżuri dwar il-komunikazzjonijiet ta' emerġenza ⇐. Biex jiġi ffaċilitat dan ir-rappurtar ħalli jiġi vvalutat kif is-swieq tar-roaming jadattaw għar-regoli dwar l-RLAH, jenħtieġ tinġabar biżżejjed *data* dwar il-funzjonament ta' dawk is-swieq wara l-implementazzjoni ta' dawk ir-regoli.

<sup>76</sup> ~~Id-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali) (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 51).~~

↓ 2017/920 premessa 23  
⇒ ġdid

- (60) Biex jivvaluta l-iżviluppi kompetittivi fis-swieq tar-roaming fl-Unjoni kollha u jirrapporta regolarment dwar il-bidliet fit-tariffi effettivi tar-roaming bl-ingrossa għat-traffiku żbilanċjat bejn il-fornituri tas-servizzi tar-roaming, il-BEREC jenħtieġ jgħbor *data* mingħand l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali dwar it-tariffi effettivi applikati għat-traffiku bilanċjat u żbilanċjat rispettivament. Il-BEREC jenħtieġ jgħbor *data* wkoll meta l-partijiet għal ftehim tar-roaming bl-ingrossa jkunu rtiraw mill-applikazzjoni tat-tariffi tar-roaming bl-ingrossa massimi jew ikunu implimentaw miżuri fil-livell bl-ingrossa mmirati biex jipprevjenu r-roaming permanenti jew l-użu anormalu jew abbużiv tal-aċċess għar-roaming bl-ingrossa għal skopijiet għajr il-forniment ta' servizzi tar-roaming regolati lill-klijenti tal-fornituri tar-roaming waqt ivvjaġġar perjodiku fl-Unjoni. Abbażi tad-*data* miġbura ⇒ b'livell biżżejjed ta' granularità ⇐, jenħtieġ li l-BEREC jirrapporta regolarment dwar ir-rabta bejn il-prezzijiet bl-imnut, it-tariffi bl-ingrossa u l-kostijiet bl-ingrossa għas-servizzi tar-roaming. ⇒ Il-BEREC jenħtieġ jgħbor ukoll id-*data* meħtieġa biex jippermetti l-monitoraġġ tal-elementi li jridu jiġu vvalutati skont l-Artikolu 21(1) ta' dan ir-Regolament. ⇐

↓ 2017/920 premessa 24 (adattat)

- (61) Il-Kummissjoni, il-BEREC u l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kkonċernati jenħtieġ jiżguraw bis-sħiħ il-kunfidenzjalità kummerċjali meta jikkondividu l-informazzjoni għall-finijiet ta' rieżami, monitoraġġ u superviżjoni tal-applikazzjoni ☒ ta' dan ir-Regolament ☒ ~~tar-Regolament (UE) Nru 531/2012~~. Għalhekk, il-konformità mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità kummerċjali jenħtieġ ma tipprevjenix lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali milli jkunu jistgħu jikkondividu l-informazzjoni kunfidenzjali fil-ħin għal dawn il-finijiet.

↓ ġdid

- (62) Biex jiġi żgurat li t-tariffi massimi bl-ingrossa jkunu bbażati fuq *data* riċenti u aġġornata, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex temenda t-tariffi massimi bl-ingrossa li operatur tan-network miżjur jista' jimponi fuq il-fornitur tar-roaming għall-forniment ta' servizzi tar-roaming regolati bil-vuċi, tal-messaġġi SMS jew tad-*data* permezz ta' dak in-network miżjur. Dan ir-Regolament jenħtieġ jistabbilixxi l-kriterji u l-parametri dettaljati li abbażi tagħhom jiġu ffissati l-valuri ta' dawk it-tariffi massimi bl-ingrossa. Hu partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>77</sup>. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess b'mod sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.

<sup>77</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

↓ 531/2012 premessa 95 u  
2015/2120 premessa 34 (adattat)  
⇒ ġdid

(63) Ladarba l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li ~~jiġi stabbilit approċċ komuni li jiżgura li l-utenti tan-networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli meta jivvjaġġaw fl-Unjoni ma jħallsux prezzijiet eċċessivi għas-servizzi tar-roaming fl-Unjoni kollha, sabiex b'hekk jintlaħaq livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur billi tissaħħaħ il-kompetizzjoni bejn il-fornituri tar-roaming,~~ ⇒ jipprevedi approċċ komuni li jiżgura li l-utenti tan-networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli, waqt l-ivvjaġġar fl-Unjoni, ma jħallsux prezzijiet eċċessivi għas-servizzi tar-roaming madwar l-Unjoni meta mqabbla ma' prezzijiet nazzjonali kompetittivi, filwaqt li jżid it-trasparenza u jiżgura s-sostenibbiltà tal-forniment ta' servizzi tar-roaming bl-innut bi prezzijiet domestiċi kif ukoll esperjenza ġenwina tal-RLAH mil-lat ta' kwalità tas-servizz u aċċess għas-servizzi ta' emerġenza waqt ir-roaming, ⇐ ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri ~~ib'mod sigur, armonizzat u fil-ħin u~~ ☒ iżda ☒ ~~għalhekk~~ ☒ minflok ☒ jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.

↓ 2017/920 premessa 27

~~(64)~~ Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.<sup>5</sup>

↓ 2015/2120 premessa 35  
(adattat)

(65) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu ~~4228(2)~~ tar-Regolament (UE) 2018/1725<sup>78</sup> ~~(KE) Nru 45/2001<sup>79</sup>~~ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ~~u ta opinjoni fl-24 ta' Novembru 2013,~~

↓ 531/2012 premessa 12

~~Il-qafas regolatorju tal-2002 għall-komunikazzjonijiet elettroniċi huwa bbażat fuq il-prinċipju li għandhom jiġu imposti obbligi regolatorji *ex ante* biss fejn ma jkunx hemm kompetizzjoni effettiva, u jipprevedi proċess ta' analiżi perjodika tas-suq u ta' reviżjoni tal-obbligi mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, li jwassal għal obbligi *ex ante* imposti fuq operaturi indikati bħala detenturi ta' setgħa sinifikanti fis-suq. L-elementi li jikkostitwixxu dan il-proċess~~

<sup>78</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

<sup>79</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

~~jinkludu d-definizzjoni ta' swieq rilevanti skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-swieq rilevanti tal-prodotti u s-servizzi fi ħdan is-settur tal-komunikazzjoni elettronika li huma suxxettibbli għal-regolazzjoni *ex ante* skont id-Direttiva 2002/21/KE<sup>80</sup> (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ir-Rakkomandazzjoni"), l-analiżi tas-swieq iddefiniti skont il-linji gwida tal-Kummissjoni dwar l-analiżi tas-suq u l-istima tas-setgħa sinifikanti fis-suq fil-qafas regolatorju tal-Unjoni għan-networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettronika<sup>81</sup>, l-indikazzjoni tal-operatori b'setgħa sinifikanti fis-suq, u l-impożizzjoni ta' obbligi *ex ante* fuq l-operatori hekk indikati.~~

↓ 531/2012 premessa 13 (adattat)

~~Ir-Rakkomandazzjoni identifikat bħala-suq rilevanti suxxettibbli għar-regolazzjoni *ex ante* s-suq nazzjonali bl-ingrossa għar-roaming internazzjonali fuq networks pubbliċi tat-telefonija mobbli. Madankollu, il-ħidma li saret mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, kemm individwalment kif ukoll fi ħdan il-Grupp tar-Regolaturi Ewropej (ERG), u s-suċċessur tiegħu l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1211/2009<sup>82</sup>, fl-analiżi tas-swieq nazzjonali bl-ingrossa għar-roaming internazzjonali wriet li għadu ma kienx possibbli għal-awtorità regolatorja nazzjonali li tindirizza b'mod effettiv il-livell għoli tat-tariffi bl-ingrossa għar-roaming madwar l-Unjoni minħabba d-diffikultà fl-identifikazzjoni ta' impriżi b'setgħa sinifikanti fis-suq fid-dawl ta' èirkostanzi speċifiċi tar-roaming internazzjonali, inkluż n-natura transkonfinali tiegħu. Wara d-dħul fis-schħ tar-Regolament (KE) Nru 717/2007, is-suq tar-roaming tneħħa mir-Rakkomandazzjoni riveduta<sup>83</sup>.~~

↓ 531/2012 premessa 15

~~Hemm għalhekk pressjoni biex l-Istati Membri jieħdu miżuri sabiex jindirizzaw il-livell tat-tariffi tar-roaming internazzjonali, iżda l-mekkaniżmu għall-intervent regolatorju *ex ante* mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali previst mill-qafas regolatorju tal-2002 għall-komunikazzjonijiet elettroniċi deher li ma kienx biżżejjed sabiex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jaġixxu b'mod deċiżiv fl-interess tal-konsumatur f'dan il-qasam speċifiku.~~

↓ 531/2012 premessa 16 (adattat)

~~Barra minn hekk, ir-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-regolazzjoni u s-swieq Ewropej tal-komunikazzjoni elettronika<sup>84</sup> talbet lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa inizjattivi ġodda li jnaqqsu l-ispejjeż għoljin tat-traffiku tal-telefonija mobbli transkonfinali, filwaqt li l-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Marzu 2006 kkonkluda li teżisti l-hteġa għal-politiki bbażati fuq-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) iffukata, effettiva u integrata, sew fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell nazzjonali, għall-kisba tal-għanijiet tat-~~

<sup>80</sup> ĠUL 114, 8.5.2003, p. 45.

<sup>81</sup> GUC 165, 11.7.2002, p. 6.

<sup>82</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1211/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (KREKE) u l-Uffiċċju (ĠUL 337, 18.12.2009, p. 1).

<sup>83</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Diċembru 2007 dwar is-swieq rilevanti tal-prodotti u tas-servizzi fi ħdan is-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi li huma suxxettibbli għal-regolazzjoni *ex ante* skont id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (ĠUL 344 28.12.2007, p. 65).

<sup>84</sup> GUC 285 E, 22.11.2006, p. 143.

~~tkabbir ekonomiku u l produttività, u nnota f'dan il-kuntest l importanza, għall-kompetittività, tat tnaqqis fit-tariffi tar-roaming.~~

↓ 531/2012 premessa 17

~~Il-qafas regolatorju tal-2002 għall-komunikazzjonijiet elettroniċi, fuq il-bażi tal-kunsiderazzjonijiet apparenti dak iż-żmien, kien immirat lejn it-tneħħija tal-ostakoli kollha għall-kummerè bejn l-Istati Membri fil-qasam li dan il-qafas armonizza, *inter alia*, fir-rigward ta' miżuri li jolqtu t-tariffi tar-roaming. Madankollu, dan ma għandux iżomm milli jiġu adattati regoli armonizzati pari passu ma' kunsiderazzjonijiet oħra sabiex jinstabu l-mezzi l-aktar effettivi biex tissaħħaħ il-kompetizzjoni fis-suq intern għas-servizzi tar-roaming u biex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur.~~

↓ 531/2012 premessa 21 (adattat)

~~Ir-Regolament (KE) Nru 717/2007 se jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2012. Qabel l-iskadenza tiegħu, il-Kummissjoni għamlet analiżi skont l-Artikolu 11 tiegħu, fejn kien meħtieġ li tevalwa jekk l-għanijiet ta' dak ir-Regolament kinux intlaħqu u tanalizza l-iżviluppi fit-tariffi bl-ingrossa u bl-innut għall-forniment lil-konsumaturi tar-roaming ta' servizzi ta' komunikazzjoni ta' telefonati bil-vuċi, SMS u *data*. Fir-rapport tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar ir-riżultat tar-reviżjoni dwar it-tħaddim tar-Regolament (KE) Nru 717/2007, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien xieraq li l-applikabbiltà tar-Regolament (KE) Nru 717/2007 tiġi estiża lil hinn mit-30 ta' Ġunju 2012.~~

↓ 531/2012 premessa 22 (adattat)

~~*Data* dwar l-iżvilupp tal-prezzijiet għal servizzi tar-roaming ta' telefonati bil-vuċi, SMS u *data* madwar l-Unjoni minn meta dhaħ fis-seħħ ir-Regolament (KE) Nru 717/2007, inkluż b'mod partikolari dawk miġbura fuq-bażi trimestrali mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u rrapportati permezz tal-BEREC, ma jipprovdux provi li jissuġġerixxu li l-kompetizzjoni fil-livelli bl-ingrossa jew bl-innut żviluppata b'mod raġonevoli u aktarx se tkun sostenibbli minn Ġunju 2012 'il-quddiem fin-nuqqas ta' miżuri regolatorji. Din id-*data* tindika li prezzijiet tar-roaming bl-innut u bl-ingrossa għadhom ħafna ogħla mill-prezzijiet domestiċi u qed jibqgħu fil-limiti stipulati bir-Regolament (KE) Nru 717/2007, jew qribhom, b'kompetizzjoni limitata biss taħt dawk il-limiti.~~

↓ 531/2012 premessa 23 (adattat)

~~L-iskadenza fit-30 ta' Ġunju 2012 tas-salvagwardji regolatorji li japplikaw għal servizzi roaming madwar l-Unjoni fil-livelli tal-ingrossa u tal-innut permezz tar-Regolament (KE) Nru 717/2007, għandha għalhekk twassal għal-riskju sinifikanti li n-nuqqas ta' pressjoni kompetittiva involuta fis-suq intern għas-servizzi tar-roaming u l-inċentiv għall-fornituri tar-roaming biex jiksbu l-massimu tad-dħul tar-roaming tagħhom jistgħu jwasslu biex il-prezzijiet bl-innut u bl-ingrossa għal roaming madwar l-Unjoni ma jikkostitwixxux riflessjoni raġonevoli tal-ispejjeż involuti fil-forniment tas-servizz, u b'hekk jheddu l-kisba tal-għanijiet ta' dak ir-Regolament. Intervent regolatorju fis-suq għas-servizzi tar-roaming mobbli għandu għalhekk jiġi estiż għal-wara t-30 ta' Ġunju 2012 sabiex il-funzjonament tajjeb tas-suq intern ikun żgurat billi jħalli l-kompetizzjoni tiżviluppa, filwaqt li fl-istess ħin jiggarrantixxi li l-konsumaturi jibqgħu jibbenefikaw mill-assigurazzjoni li mhux se jħallsu prezz-eċċessiv meta mqabbel ma' prezzijiet nazzjonali kompetittivi.~~

↓ 531/2012 premessa 30

~~Is-servizzi ta' komunikazzjoni mobbli jinbiegħu f'qatet (bundles) li jinkludu kemm is-servizzi domestiċi kif ukoll dawg tar-roaming, u dan jillimita l-għażla tal-konsumaturi għas-servizzi tar-roaming. Tali qatet inaqqsu t-trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' servizzi tar-roaming, peress li diffiċli li-komponenti individwali fi-ħdan il-qatet jitqabblu. Konsegwentement, il-kompetizzjoni fost l-operaturi abbażi tal-element tar-roaming fil-qatet mobbli għadha mhijiex evidenti. Jekk tiġi ffaċilitata d-disponibbiltà tar-roaming bħala servizz separat, jiġu indirizzati problemi strutturali billi jitqajjem għarfien fost il-konsumaturi dwar il-prezzijiet tar-roaming, u b'hekk f'dak li għandu x'jaqsam mas-servizzi tar-roaming ikun hemm għażla distinta tal-klijent u tiżdied il-persjoni kompetittiva fuq in-naħa tad-domanda. Dan għalhekk jikkontribwixxi għal funzjonament mingħajr xkiel tas-suq intern għas-servizzi tar-roaming.~~

↓ 531/2012 premessa 41

~~Sakemm il-miżuri strutturali majgħibu kompetizzjoni suffiċjenti fis-suq intern għas-servizzi tar-roaming li tista' twassal għal tnaqqis fl-ispejjeż bl-ingrossa li mbagħad tgħaddi fuq il-konsumaturi, l-aktar approċċ effettiv u proporzjonat għar-regolazzjoni tal-livell tal-prezzijiet sabiex isiru u jiġu riċevuti telefonati roaming fl-Unjoni huwa l-istabbiliment fil-livell tal-Unjoni ta' tariffa medja massima kull minuta fil-livell bl-ingrossa u l-limitazzjoni ta' tariffi fil-livell bl-innut, permezz tal-Ewrotariffa li ddaħħlet bir-Regolament (KE) Nru 717/2007, li kienet estiża permezz tat-tariffa Ewro-SMS prevista fir-Regolament (KE) Nru 544/2009<sup>85</sup> u għandha tiġi estiża permezz tat-tariffa Ewro-data prevista f'dan ir-Regolament. It-tariffa medja bl-ingrossa għandha tapplika bejn kwalunkwe żewġ operaturi fi-ħdan l-Unjoni matul perjodu speċifikat.~~

↓ 531/2012 premessa 42

~~It-tariffi tranżitorji Ewro-vuċi, Ewro-SMS u Ewro-data għandhom jiġu ffixxati fl-livell ta' salvagwardja li, filwaqt li jiżgura li l-benefiċċji għall-klijent mhux biss jinżammu iżda anke jiżdiedu matul perjodu tranżizzjonali ta' implimentazzjoni ta' miżuri strutturali, jiggarantixxi marġni suffiċjenti għall-fornituri tar-roaming u jinkoraġġixxi offerti tar-roaming kompetittivi b'rati aktar baxxi. Matul il-perjodu kkonċernat il-fornituri tar-roaming għandhom b'mod attiv jiġbdu l-attenzjoni tal-konsumaturi bl-informazzjoni dwar l-Ewrotariffi u joffruhom lill-konsumaturi tar-roaming tagħhom kollha, b'xejn u b'mod ċar u trasparenti.~~

↓ 531/2012 premessa 43

~~It-tariffi tranżitorji tal-Euro-vuċi, Euro-SMS u Euro-data li għandhom jiġu offruti lill-konsumaturi tar-roaming għandhom jirriflettu marġni raġonevoli fuq l-ispiża bl-ingrossa sabiex jingħata servizz tar-roaming, filwaqt li l-fornituri tar-roaming jkollhom il-libertà li jikkompetu billi jiddifferenzjaw l-offerti tagħhom u jadattaw l-istrutturi tal-ipprezzar tagħhom għall-kondizzjonijiet tas-suq u għall-preferenzi tal-konsumaturi. Tali limitu ta' salvagwardja għandu jiġi ffixxat fl-livelli li ma jgħawġux il-benefiċċji kompetittivi ta' miżuri strutturali u~~

<sup>85</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 544/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 717/2007 dwar roaming fuq networks pubbliċi tat-telefonija mobbli fi-ħdan il-Komunità u d-Direttiva 2002/21/KE dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (ĠU L 167, 29.6.2009, p. 12).

~~jkunu jistgħu jitneħħew ladarba l-miżuri strutturali jkun kellhom opportunità jipproduċu gwadanji konkreti u deġġiema għall-konsumaturi. Dan l-approċċ regolatorju m'għandux japplika għall-parti tat-tariffa li tiġi imposta għall-forniment ta' servizzi ta' valur miżjud iżda biss għat-tariffi għall-kolleġament ma' dawk is-servizzi.~~

↓ 531/2012 premessa 44

~~Dan l-approċċ regolatorju għandu jkun sempliċi sabiex wieħed jimplementah u jimmonitorjah b'mod li jitnaqqas il-piż amministrattiv kemm għall-operaturi u l-fornituri tar-roaming li fuqhom huma imposti r-rekwiżiti tiegħu, kif ukoll għall-awtoritajiet regolatorji nazzjonali inkarigati mis-superviżjoni u l-infurzar tiegħu. Għandu jkun ukoll trasparenti u li jinftiehem mill-ewwel mill-konsumaturi mobbli kollha fi f'dan l-Unjoni. Barra minn hekk għandu jipprovdi ċertezza u prevedibbiltà għall-operaturi li jipprovdu servizzi tar-roaming bl-ingrossa u bl-innut. Għalhekk huwa xieraq li f'dan ir-Regolament ikun hemm speċifikat il-livell f'termini monetarji tat-tariffi massimi kull-minuta fil-livelli tal-bejgħ bl-ingrossa u bl-innut.~~

↓ 531/2012 premessa 45

~~L-ogħla tariffa medja għal kull-minuta fil-livell tal-bejgħ bl-ingrossa kif speċifikata għandha tqis l-elementi differenti involuti meta ssir telefonata roaming madwar l-Unjoni, b'mod partikolari l-ispiża sabiex telefonati joriġinaw u jintemmu fuq networks mobbli, u inkluż l-ispejjeż indiretti (overheads), is-sinjalar u t-tranżitu. L-aktar valutazzjoni komparattiva (benchmark) adatta għall-oriġini ta' telefonata u għat-tmiem ta' telefonata għandha tkun ir-rata medja ta' tmiem fuq network mobbli għall-operaturi ta' networks mobbli fl-Unjoni, ibbażata fuq informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u ppubblikata mill-Kummissjoni. It-tariffa medja massima għal kull-minuta stabbilita b'dan ir-Regolament għandha għalhekk tiġi ddeterminata fil-waqt li titqies ir-rata medja ta' tmiem ta' telefonati mobbli, li toffri valutazzjoni komparattiva għall-ispejjeż involuti. It-tariffa medja massima għal kull-minuta fil-livell tal-bejgħ bl-ingrossa għandha tonqos kull-sena sabiex tqis it-tnaqqis fir-rati ta' tmiem ta' telefonati mobbli imposti minn awtoritajiet regolatorji nazzjonali minn żmien għal-żmien.~~

↓ 531/2012 premessa 46

~~It-tariffa tranżitorja Ewro-vuċi applikabbli fil-livell tal-bejgħ bl-innut għandha ttiprovdi lill-konsumaturi tar-roaming l-assigurazzjoni li ma jiġix impost fuqhom prezz-ċċessiv meta jagħmlu jew jirċievu telefonata roaming regolata, fil-waqt li tħalli lill-fornitur tar-roaming marġni biżżejjed sabiex jiddifferenzja l-prodotti li joffri lill-konsumaturi.~~

↓ 531/2012 premessa 47

~~Matul il-perjodu tranżizzjonali tal-limiti ta' salvagwardja, il-konsumaturi kollha għandhom ikunu informati u jkollhom l-għażla, mingħajr tariffi u prekondizzjonijiet addizzjonali, ta' tariffa sempliċi tar-roaming li ma taqbiżx it-tariffi massimi. Marġni raġonevoli bejn l-ispejjeż bl-ingrossa u prezzijiet bl-innut għandu jiżgura li l-fornituri tar-roaming jkunu jistgħu jkopru l-ispejjeż tar-roaming speċifiċi tagħhom fil-livell bl-innut inklużi ish-ma adegwati ta' spejjeż ta' kummerċjalizzazzjoni u sussidji tal-apparat tal-idejn (handset) u li jibqgħalhom residwu adegwat li jrendi profitt raġonevoli. Tariffi tranżitorji ta' Ewro-vuċi, Ewro-SMS u Ewro-data huma mezz-adatt li jipprovdi kemm protezzjoni lill-konsumatur kif ukoll flessibbiltà lill-~~



~~fornitur tar roaming. F'konformità mal livell ta' bejgħ bl-ingrossa, l-livelli massimi tat-tariffi Ewro-vuèi, Ewro-SMS u Ewro-data għandhom jonqsu kull sena.~~

↓ 531/2012 premessa 48

~~Matul il-perjodu tranżizzjonali tal-limiti ta' salvagwardja, il-konsumaturi tar-roaming ġodda għandhom jiġu infurmati bis-sħiħ b'mod-ċar u li jinftiehem dwar il-firxa ta' tariffi li jeżistu għar-roaming fi-ħdan l-Unjoni, inkluż it-tariffi li huma konformi mat-tariffi tranżitorji Ewro-vuèi, Ewro-SMS u Ewro-data. Il-konsumaturi tar-roaming eżistenti għandhom jingħataw l-opportunità li jagħżlu tariffa-ġdida konformi mat-tariffi tranżitorji Ewro-vuèi, Ewro-SMS u Ewro-data jew kwalunkwe tariffa tar-roaming oħra fi-żmien speċifiku. Għall-konsumaturi tar-roaming li għadhom ma-għamlux l-għażla tagħhom f'dan iż-żmien, huwa-xieraq li jkun hemm distinzjoni bejn-dawk li diġà-għażlu tariffa speċifika jew pakkett speċifiku tar-roaming qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u dawk li għadhom ma-għażlux. Dawn tal-aħħar għandhom jingħataw awtomatikament tariffa li tikkonforma ma' dan ir-Regolament. Il-konsumaturi tar-roaming li diġà-jibbenefikaw minn tariffi jew pakketti speċifiċi tar-roaming li jissodisfaw ir-rekwiżiti individwali tagħhom u li huma-għażlu fuq-dik il-bażi, għandhom jibqgħu fuq it-tariffa jew pakkett li kienu-għażlu qabel jekk, wara li jkunu-ġew imfakkra dwar il-kondizzjonijiet attwali tat-tariffi u tal-Ewrotariffi applikabbli, huma jesprimu-għażla lill-fornitur tar-roaming tagħhom li jibqgħu bl-istess tariffa. Dawn it-tariffi jew pakketti speċifiċi tar-roaming jistgħu jinkludu, pereżempju, rati fissi tar-roaming, tariffi mhux-pubbliċi, tariffi bi-ħlasijiet fissi ta' roaming-miżjuda, tariffi bi-ħlasijiet għal-kull-minuta aktar-baxxi mit-tariffi massimi tal-Euro-vuèi, Euro-SMS u Euro-data jew tariffi bi-ħlasijiet ta' installazzjoni.~~

↓ 531/2012 premessa 49 (adattat)

~~Ladarba dan ir-Regolament għandu jikkostitwixxi miżura skont it-tifsira tal-Artikolu 1(5) tad-Direttiva Kwadru, u ladarba l-fornituri ta' servizzi tar-roaming madwar l-Unjoni kollha jistgħu jkunu meħtieġa minn dan ir-Regolament sabiex jagħmlu tibdiliet fit-tariffi tar-roaming bl-innut tagħhom sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, dawn il-bidliet ma għandhom jagħtu lill-konsumaturi tat-telefonija mobbli ebda dritt, taħt il-liġijiet nazzjonali li jittrasponu l-qafas regolatorju tal-2002 għall-komunikazzjonijiet elettroniċi, li jirtiraw mill-kuntratti tagħhom.~~

↓ 531/2012 premessa 50 (adattat)

~~Dan ir-Regolament ma għandux jippreġudika offerti innovattivi lill-konsumaturi li jkunu aktar favorevoli mit-tariffi tranżitorji Ewro-vuèi, Ewro-SMS u Ewro-data definiti f'dan ir-Regolament, iżda minflok għandu jinkoraġġixxi li jsiru offerti innovattivi lill-konsumaturi tar-roaming b'rati aktar baxxi b'mod-partikolari b'reazzjoni għall-pressjoni kompetittiva addizzjonali maħluqa mid-dispożizzjonijiet strutturali ta' dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament ma jirrikjedix li jiġu introdotti mill-ġdid tariffi tar-roaming fl-azzjoni fejn dawn tneħħew kompletament, u lanqas ma jirrikjedi li jiġu miżjuda tariffi eżistenti tar-roaming għal-livell tal-limiti ta' salvagwardja tranżitorji stabbiliti f'dan ir-Regolament.~~

↓ 531/2012 premessa 53 (adattat)

~~L-ERG, il-predeċessor tal-BEREC, stima li l-prattika ta' operaturi mobbli li jużaw intervalli ta' kalkolu ta' tariffi ta' aktar minn sekonda waħda, meta jiffatturaw għal servizzi tar-roaming fil-livell tal-innut, żied 24 % ma' kont tipiku bit-tariffa Ewro-vuèi għal telefonati magħmulin~~

~~u 19 % għal telefonati riċevuti. Stqarrew ukoll li dawn iż-żidiet jirrappreżentaw forma ta' tariffa mhobija billi mhumiex trasparenti għal bosta konsumaturi. Għal din ir-raġuni, l-ERG irrakkomanda azzjoni urġenti li tindirizza l-prattiki ta' ħlas differenti fil-livell tal-innut li japplikaw għat tariffa Ewro-vuċi.~~

↓ 531/2012 premessa 54

~~Filwaqt li r-Regolament (KE) Nru 717/2007 stabbilixxa approċċ komuni biex jiżgura li konsumaturi tar-roaming ma jintalbu iħallsu prezzijiet eċċessivi għal telefonati roaming regolati, billi introduċa Ewrotariffa fl-Unjoni, il-prattiki differenti ta' ħlas skont l-unità li l-operaturi mobbli jużaw inaqqsu serjament l-applikazzjoni konsistenti tiegħu. Dan ifisser ukoll li minkejja n-natura transkonfinali ta' servizzi tar-roaming ta' madwar l-Unjoni, hemm approċċi differenti applikabbli għat tariffi ta' telefonati roaming regolati li jgħawġu l-kondizzjonijiet kompetittivi fis-suq intern.~~

↓ 531/2012 premessa 55

~~Għalhekk għandu jiġi introdott sett ta' regoli komuni dwar il-ħlasijiet ta' tariffi Ewro-vuċi għal kull-unità fil-livell tal-innut sabiex ikompli jsaħħaħ is-suq intern u jipprovdil istess livell għoli ta' protezzjoni mal-Unjoni kollha lill-konsumaturi tas-servizzi tar-roaming madwar l-Unjoni.~~

↓ 531/2012 premessa 56

~~Il-fornituri ta' telefonati roaming regolati fil-livell tal-innut għandhom għalhekk jiġu mitluba jitolbu ħlas abbażi ta' kull-sekonda lill-konsumaturi tagħhom għat telefonati kollha, suġġett għal tariffa Ewro-vuċi, suġġett biss għall-possibbiltà li japplika perjodu minimu inizjali ta' kalkolu ta' tariffi ta' mhux aktar minn 30 sekonda għal telefonati magħmulin. Dan għandu jippermetti lill-fornituri tar-roaming li jkopru kwalunkwe spiża raġonevoli ta' installazzjoni u jipprovdil flessibbiltà għal kompetizzjoni billi joffri perjodi minimi ta' ħlas iqsar. Ebda perjodu minimu ta' tariffi inizjali mhu ġustifikat fil-każ ta' telefonati riċevuti bit-tariffa Ewro-vuċi, billi l-ispiża bl-ingrossa involuta titħallas abbażi ta' kull-sekonda u kwalunkwe spiża speċifika tal-installazzjoni tkun diġà koperta mir-rati ta' tmiem tas-sejthiet mobbli.~~

↓ 531/2012 premessa 57

~~Il-konsumaturi ma għandhomx ikollhom iħallsu biex jirċievu messaġġi ta' voice mail fuq network li jkunu qed iżuru, peress li ma jistgħux jikkontrollaw it-tul ta' messaġġi ta' dan it-tip. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għat tariffi l-oħra applikabbli għall-voice mail, pereżempju, tariffi għas-smigħ ta' messaġġi ta' dan it-tip.~~

↓ 531/2012 premessa 59

~~Fir-rigward tas-servizzi tar-roaming ta' SMS, kif inhu l-każ għar-roaming ta' telefonati bil-vuċi, hemm riskju sinifikanti li obbligi imposti fuq prezzijiet bl-ingrossa biss ma jwasslux awtomatikament għal-rati aktar baxxi għal-konsumaturi bl-innut. Min-naħa l-oħra, l-azzjoni sabiex jitnaqqas il-livell tal-prezzijiet bl-innut mingħajr ma jiġi indirizzat il-livell tal-ispejjeż bl-ingrossa marbuta mal-forniment ta' dawn is-servizzi tista' tippreġudika l-pożizzjoni ta' xi fornituri tar-roaming, b'mod partikolari fornituri tar-roaming iżgħar, billi jżied il-riskju ta' għafsa fil-prezzijiet.~~

↓ 531/2012 premessa 60

~~Barra minn hekk, minħabba l-istruttura partikolari tas-suq għas-servizz tar-roaming u n-natura transkonfinali tiegħu, il-qafas regolatorju tal-2002 għall-komunikazzjonijiet elettroniċi ma pprovdix l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali b'għodod adatti biex jindirizzaw effettivament il-problemi kompetittivi involuti fil-livell għoli ta' prezzijiet bl-ingrossa u bl-innut ta' servizzi tar-roaming ta' SMS regolati. Dan jonqos milli jiżgura li s-suq intern jiffunzjona tajjeb, u għandu jitranġa.~~

↓ 531/2012 premessa 61

~~Għalhekk għandhom jiġu imposti obbligi regolatorji rigward servizzi tar-roaming ta' SMS regolati fil-livell tal-ingrossa, sabiex tiġi stabbilita relazzjoni aktar raġonevoli bejn it-tariffi bl-ingrossa u l-ispejjeż tal-forniment involuti, u fil-livell tal-innut għal-perjodu tranżizzjonali biex jiħarsu l-interessi tal-konsumaturi roaming sa ma l-miżura strutturali ssir effettiva.~~

↓ 531/2012 premessa 62

~~Sa ma l-miżura strutturali tkun għebet kompetizzjoni suffiċjenti fis-suq għas-servizzi tar-roaming, l-approċè l-aktar effettiv u proporzjonat biex jiġi regolat il-livell ta' prezzijiet għar-roaming ta' messaġġi SMS regolati fil-livell bl-ingrossa huwa l-istabbiliment ta' tariffa medja massima fil-livell tal-Unjoni għal kull SMS mibgħut minn network miżjur. It-tariffa medja bl-ingrossa għandha tapplika bejn kwalunkwe żewġ operaturi fi ħdan l-Unjoni matul perjodu speċifikat.~~

↓ 531/2012 premessa 63

~~Il-limitu tal-prezz bl-ingrossa għar-roaming ta' SMS regolat għandu jinkludi l-ispejjeż kollha mgħarba mill-fornitur tas-servizz bl-ingrossa, inkluż *inter alia* l-oriġini, it-tranżitu u l-ispiża mhux irkuprata ta' tmiem ta' roaming ta' messaġġi SMS fuq in-network miżjur. Fornituri bl-ingrossa ta' servizzi tar-roaming ta' SMS regolati għandhom għalhekk jiġu projbiti milli jintroduċu ħlas separat għat-tmiem ta' roaming ta' messaġġi SMS fuq in-network tagħhom, sabiex jiżguraw l-applikazzjoni konsistenti tar-regoli stabbiliti minn dan ir-Regolament.~~

↓ 531/2012 premessa 65 (adattat)

~~Ir-Regolament (KE) Nru 544/2009 qies li, fin-nuqqas ta' elementi strutturali li jintroduċu l-kompetizzjoni fis-suq għas-servizzi tar-roaming, l-approċè l-aktar effettiv u proporzjonat biex jiġi rregolat il-livell tal-prezzijiet tar-roaming ta' messaġġi SMS madwar l-Unjoni fil-livell tal-innut kien l-introduzzjoni ta' rekwiżit għal operaturi mobbli li joffru lill-konsumaturi tar-roaming tagħhom tariffa Ewro-SMS li ma taqbiżx tariffa massima speċifikata.~~

↓ 531/2012 premessa 66 (adattat)

~~Sa ma l-miżuri strutturali jsiru effettivi, it-tariffa tranżitorja Ewro-SMS għandha tinżamm fl-livell ta' salvagwardja li fil-waqt li jiżgura li l-benefiċċji eżistenti tal-konsumatur jinżammu, jiġgarantixxi marġni suffiċjenti lill-fornituri tar-roaming fil-waqt li tirrifletti b'mod aktar raġonevoli l-ispejjeż involuti tal-forniment.~~

---

↓ 531/2012 premessa 67 (adattat)

~~It-tariffa tranżitorja Ewro SMS li tista' tiġi offruta lill-konsumaturi tar-roaming għandha għalhekk tirrifletti marġni raġonevoli fuq l-ispejjeż tal-għoti tas-servizz tar-roaming ta' SMS regolat, fil-waqt li l-fornituri tar-roaming jkollhom il-liberta' li jikkompetu billi jiddifferenzjaw l-offerti tagħhom u jadattaw l-istrutturi tal-prezzijiet tagħhom għall-kondizzjonijiet tas-suq u għall-preferenzi tal-konsumaturi. Tali limitu ta' salvagwardja għandu jiġu fflivell li ma jgħawwiġx il-beneficiji kompetittivi ta' miżuri strutturali u jkun jista' jitneha ladarba l-miżura strutturali ssir effettiva. Dan l-approċċ regolatorju ma għandux japplika għal-servizzi ta' SMS ta' valur miżjud.~~

---

↓ 531/2012 premessa 68

~~Il-konsumaturi tar-roaming ma għandhomx jintalbu jħallsu kwalunkwe tariffa addizzjonali meta jireievu messaġġ SMS jew voicemail roaming regolat waqt li jkunu roaming fuq network miżjur, billi dawn l-ispejjeż ta' tmiem huma diġà inklużi fit-tariffa bl-innut li titħallas biex jintbagħat messaġġ SMS jew voicemail roaming.~~

---

↓ 531/2012 premessa 69 (adattat)

~~Tariffa Ewro SMS għandha tapplika awtomatikament għal kwalunkwe-klijent tar-roaming, ġdid jew eżistenti, li ma jkunx għażel deliberatament, jew ma jagħżilx deliberatament, tariffa speċjali ta' SMS roaming jew pakkett għal-servizzi tar-roaming, inklużi servizzi tar-roaming ta' SMS regolati.~~

---

↓ 531/2012 premessa 70

~~Messaġġ SMS huwa messaġġ b'test ta' Servizz ta' Messaġġ Qasir u huwa distintament differenti minn messaġġi oħra bħal-messaġġi MMS jew emails. Sabiex ikun żgurat li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament jintlaħqu u li l-effettività tiegħu ma tingheridx, għandu jkun projbit kwalunkwe tibdil fil-parametri tekniċi ta' messaġġ SMS roaming li jiddifferenzjah minn messaġġ SMS domestiku.~~

---

↓ 531/2012 premessa 71 (adattat)

~~Data miġbura minn awtoritajiet regolatorji nazzjonali tindika li prezzijiet għoljin għal-tariffi medji bl-ingrossa għal-servizzi tar-roaming tad-data li jintalbu minn operaturi ta' networks miżjura minn fornituri tar-roaming tal-konsumaturi tar-roaming qed jippersistu. Anki jekk jidher li dawn it-tariffi bl-ingrossa qed jonqsu, xorta għadhom għoljin ħafna b'relazzjoni mal-ispejjeż sottostanti.~~

---

↓ 531/2012 premessa 72 (adattat)

~~Il-persistenza ta' tariffi bl-ingrossa għoljin għas-servizz tar-roaming tad-data hija prinċipalment ikkawżata minn prezzijiet bl-ingrossa għoljin mitluba mill-operaturi ta' networks mhux preferuti. Dawn it-tariffi jirriżultaw minn limitazzjonijiet tat-tmexxija tat-traffiku li ma jħallu ebda inċentiv min-naħa tal-operaturi biex inaqqsu l-prezzijiet standard bl-ingrossa tagħhom, billi t-traffiku jasal irrispettivament mill-prezz li jitħallas. Dan jirriżulta f'varjazzjoni estrema fl-ispejjeż bl-ingrossa. F'xi-każijiet it-tariffi bl-ingrossa tar-roaming tad-~~

~~data applikabbli għal networks mhux preferuti huma sitt darbiet akbar minn dawk li japplikaw għan network preferut. Dawn it-tariffi bl-ingrossa eċċessivament għoljin għas-servizzi ta' roaming tad-data jwasslu għal tgħawwiġ konsiderevoli tal-kondizzjonijiet kompetittivi bejn fornituri tar-roaming fi ħdan l-Unjoni li jtellfu milli s-suq intern jiffunzjona tajjeb. Ixekklu wkoll il-ħila tal-fornituri tar-roaming li jbassru l-ispejjeż bl-ingrossa tagħhom, kif ukoll li jipprovdu lill-konsumaturi tagħhom b'pakketti ta' prezzijiet bl-innut trasparenti u kompetittivi. Minħabba n-nuqqasijiet fuq is-setgħa tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali biex isolvu dawn il-problemi b'mod effettiv fuq livell nazzjonali, għandha tapplika tariffa bl-ingrossa fuq servizzi tar-roaming tad-data. Għalhekk għandhom jiġu imposti obbligi regolatorji rigward servizzi regolati tar-roaming tad-data fil-livell tal-ingrossa, sabiex tiġi stabbilita relazzjoni aktar raġonevoli bejn it-tariffi bl-ingrossa u l-ispejjeż tal-forniment involuti, u fil-livell tal-innut biex jiġarsu l-interessi tal-konsumaturi tar-roaming.~~

↓ 531/2012 premessa 73

~~Il-fornituri tar-roaming m'għandhomx jitolbu ħlas mill-klijent tar-roaming għal kwalunkwe servizz tar-roaming tad-data regolat, sakemm u sa meta l-klijent roaming ma jaċċettax il-forniment tas-servizz.~~

↓ 531/2012 premessa 74 (adattat)

~~Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jkopri l-forniment tas-servizzi tar-roaming tad-data bl-innut madwar l-Unjoni kollha. Il-karatteristiċi speċjali esibiti mis-swieq għas-servizzi tar-roaming, li ġġustifikaw l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 717/2007 u l-impożizzjoni ta' obbligi fuq operaturi mobbli fir-rigward tal-forniment madwar l-Unjoni tar-roaming ta' telefonati bil-vuċi u messaqġi SMS, japplikaw ugwalment għall-forniment tas-servizzi tar-roaming tad-data bl-innut madwar l-Unjoni. Bħas-servizzi tar-roaming tat-telefonati bil-vuċi u tal-SMS, is-servizzi tar-roaming tad-data ma jinxtrawx indipendentement fil-livell nazzjonali iżda jikkostitwixxu parti biss minn pakkett usa' li jixtru l-konsumaturi bl-innut mill-fornitur tar-roaming tagħhom, u b'hekk jillimitaw il-forzi kompetittivi involuti. Hekk ukoll, minħabba n-natura transkonfinali tas-servizzi kkonċernati, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li huma responsabbli għas-salvagwardja u l-promozzjoni tal-interessi tal-konsumaturi mobbli residenti fit-territorju tagħhom ma jistgħux jikkontrollaw l-imġiba tal-operaturi tan-network miżjur, li jinsab fi Stati Membri oħra.~~

↓ 531/2012 premessa 75 (adattat)

~~Bħal fir-rigward tal-miżuri regolatorji li diġà jeżistu għas-servizzi tat-telefonati bil-vuċi u tal-SMS, sakemm il-miżura strutturali ġġib kompetizzjoni suffiċjenti, l-aktar approċċ effettiv u proporzjonat biex il-livell tal-prezzijiet tas-servizzi tar-roaming tad-data bl-innut madwar l-Unjoni jiġi rregolat għal perjodu tranżizzjonali huwa l-introduzzjoni ta' rekwiżit għall-fornituri tar-roaming li joffru lill-konsumaturi tar-roaming tagħhom tariffa tranżitorja Ewro-data li ma taqbiżx limitu massimu ta' prezz speċifikat. It-tariffa Ewro-data għandha tiġi ffixxata fl-livell ta' salvagwardja, li fil-waqt li jiżgura l-protezzjoni tal-konsumatur sakemm il-miżuri strutturali isiru effettivi, jiggarrantixxi marġni suffiċjenti lill-fornituri tar-roaming fil-waqt li jirrifletti b'mod aktar raġonevoli l-ispejjeż involuti tal-forniment.~~

↓ 531/2012 premessa 76 (adattat)

~~It-tariffa tranżitorja Ewro *data* li tista' tiġi offruta lill-konsumaturi tar-roaming għandha għalhekk tirrifletti marġni raġonevoli fuq l-ispejjeż tal-forniment ta' servizz regolat tar-roaming tad *data*, filwaqt li jħalli l-fornituri tar-roaming l-liberta li jikkompetu billi jiddifferenzjaw l-offerti tagħhom u jadattaw l-istrutturi tal-prezzijiet tagħhom għall-kundizzjonijiet tas-suq u għall-preferenzi tal-konsumaturi. Tali limitu ta' salvagwardja għandu jiġi ffissat fl-livell li ma jgħawwiġx il-benefiċji kompetittivi ta' miżuri strutturali u jkunu jistgħu jitneħħew ladarba l-miżuri strutturali jkun kellhom opportunita jipproduċu gwadanji konkreti u dejjiema għall-konsumaturi. Bl-istess mod l-approċċ li ġie segwit għal servizzi tar-roaming ta' telefonati bil-vuċi u SMS, meta jitqies it-tnaqqis fl-ispejjeż involuti għall-forniment ta' servizzi tar-roaming tad *data* bl-imnut, it-tariffi massimi regolati għat-tariffa tranżitorja Ewro *data* għandhom isegwu t-triq għan-niżla.~~

↓ 531/2012 premessa 77 (adattat)

~~Tariffa tranżitorja Ewro *data* għandha tapplika awtomatikament għal kwalunkwe klijent roaming, ġdid jew eżistenti, li ma għażilx jew ma jagħżilx deliberatament tariffa speċjali tar-roaming tad *data* jew pakkett għal servizzi tar-roaming, inkluż servizzi regolati tar-roaming tad *data*.~~

↓ 531/2012 premessa 78 (adattat)

~~Sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi jħallsu għas servizzi tad *data* li verament jużaw u biex jiġu evitati l-problemi osservati bis servizzi ta' telefonati bil-vuċi wara l-introduzzjoni tar-Regolament (KE) Nru 717/2007 ta' tariffi mobbija għall-konsumatur minħabba mekkaniżmi ta' kalkolu tat-tariffi applikati mill-operaturi, it-tariffa tranżitorja Ewro *data* għandha tiġi ffatturata abbażi ta' kull kilobyte. Dan il-kalkolu tat-tariffi huwa konsistenti mal-mekkaniżmu ta' kalkolu tat-tariffi digā applikabli fil-livell ta' bejgħ bl-ingrossa.~~

↓ 531/2012 premessa 79

~~Il-fornituri tar-roaming jistgħu joffru rata fissa kull-xahar li tkun ekwa u tinkludi kollox, li għaliha ma jkunu japplikaw l-ebda tariffi massimi u li tista' tkopri s-servizzi tar-roaming kollha fl-Unjoni kollha.~~

↓ 531/2012 premessa 80 (adattat)

~~Sabiex jiġi żgurat li l-utenti kollha tat-telefonija mobbli bil-vuċi jkunu jistgħu jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, ir-rekwiżiti tranżitorji tal-iffissar tal-prezzijiet bl-imnut għandhom japplikaw irrispettivament minn jekk il-konsumaturi tar-roaming ikollhom kuntratt imħallas minn qabel (pre-paid) jew wara (post-paid) mal-fornitur tar-roaming tagħhom, u irrispettivament minn jekk il-fornitur tar-roaming ikollux in-network tiegħu, ikunx operatur ta' network virtwali mobbli jew ikunx rivenditur ta' servizzi ta' telefonija mobbli bil-vuċi.~~

↓ 531/2012 premessa 83 (adattat)

~~It-trasparenza teħtieġ ukoll li l-fornituri jipprovdu informazzjoni dwar tariffi tar-roaming, b'mod partikolari dwar it-tariffi Ewro-voċi, Ewro-SMS u Ewro-data u r-rata fissa li tinkludi kollox, jekk dawn joffru tali tariffa, meta jsiru abbonamenti u kull meta jkun hemm bidla fit-tariffi tar-roaming. Il-fornituri tar-roaming għandhom jipprovdu informazzjoni dwar tariffi tar-roaming permezz ta' mezzi adegwati bħal fatturi, l-Internet, riklami televiżivi jew posta diretta. L-informazzjoni u l-offerti kollha għandhom ikunu ċari, jinfteħmu, jippermettu t-tqabbil u jkunu trasparenti fir-rigward ta' prezzijiet u karatteristiċi tas-servizzi. Ir-reklamar tal-offerti roaming u l-kummerċjalizzazzjoni għall-konsumaturi għandhom jikkonformaw b'mod sħiħ mal-leġislazzjoni tal-protezzjoni tal-konsumaturi, b'mod partikolari mad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiki kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern ("Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali")<sup>86</sup>. Fornituri tar-roaming għandhom jiżguraw li l-konsumaturi tar-roaming kollha tagħhom ikunu konxji mid-disponibbiltà ta' tariffi regolati għall-perjodu kkonċernat u għandhom jibagħtu komunikazzjoni ċara u mingħajr preferenza lil dawn il-konsumaturi bil-miktub fejn jiddeskrivu l-kondizzjonijiet tat-tariffi Ewro-voċi, Ewro-SMS u Ewro-data u d-dritt li jaqilbu minnhom jew għalihom.~~

↓ 531/2012 premessa 85

~~B'mod partikolari, il-fornituri tar-roaming għandhom jipprovdu lill-konsumaturi tar-roaming tagħhom informazzjoni personalizzata mingħajr ħlas dwar it-tariffi applikabbli għal dawk il-konsumaturi għal servizzi tar-roaming tad-data kull darba li jibdew servizz tar-roaming tad-data hekk kif jaslu fpajjiż ieħor. Din l-informazzjoni għandha tintbagħat lill-apparat mobbli tagħhom b'mod l-aktar adattat biex jirċevuh u jifhmuh malajr, u b'tali mod li jkun permiss-l-aċċess faċli għaliha f'data aktar tard.~~

↓ 531/2012 premessa 86

~~Sabiex jiġi ffaċilitat il-fehim tal-konsumaturi fir-rigward tal-konsegwenzi finanzjarji għall-użu ta' servizzi tar-roaming tad-data u sabiex ikunu jistgħu jimmonitorjaw u jikkontrollaw l-infiq tagħhom, il-fornituri tar-roaming, kemm qabel kif ukoll wara l-konklużjoni ta' kuntratt, għandhom iżommu lill-konsumaturi tagħhom infurmati kif xieraq dwar it-tariffi għal servizzi regolati tar-roaming tad-data. Tali informazzjoni għandha tinkludi eżempji tal-ammont approssimattiv tad-data użata minn pereżempju, meta tibgħat email, meta tibgħat stampa, fl-ibbrawżjar fuq l-Internet u fl-użu ta' applikazzjonijiet mobbli.~~

↓ 531/2012 premessa 96 (adattat)

~~L-obbligi regulatorji dwar it-tariffi bl-ingrossa għal servizzi tar-roaming ta' telefonati bil-voċi, ta' SMS u data għandhom jinżammu sa mal-miżuri strutturali jkunu saru effettivi u l-kompetizzjoni fis-swieq bl-ingrossa tkun żviluppata biżżejjed. Barra minn hekk, ix-xejriet tas-suq attwalment juru li s-servizzi tad-data progressivament ser isiru s-segment l-aktar rilevanti tas-servizzi mobbli, u s-servizzi tar-roaming tad-data bl-ingrossa attwalment juru l-ogħla livell ta' dinamiżmu, fejn il-prezzijiet huma b'mod raġonevoli taħt ir-rati regolati attwali.~~

<sup>86</sup> ĠUL 149, 11.6.2005, p. 22.

↓ 531/2012 premessa 97 (adattat)

~~Limiti ta' salvagwardja bl-innut għandhom jiġu ffixati fl-ivelli għoljin b'mod suffiċjenti li ma jgħawġux il-benefiċċji kompetittivi potenzjali ta' miżuri strutturali u jistgħu jitneħħew kompletament ladarba dawk il-miżuri strutturali jsiru effettivi u jkunu ppermettew l-iżvilupp ta' suq intern ġenwin. Għalhekk, il-limiti ta' salvagwardja bl-innut għandhom jonqsu u sussegwentement jiskadu.~~

↓ 531/2012 premessa 98 (adattat)

~~Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-effettività ta' dan ir-Regolament fid-dawl tal-oġettivi tiegħu u l-kontribut għall-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju tal-2002 għall-komunikazzjoni elettronika u l-iffunzjonar tajjeb tas-suq intern. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-impatt fuq il-pożizzjoni kompetittiva tal-fornituri tal-komunikazzjoni mobbli ta' daqsijiet differenti u minn inhwai differenti tal-Unjoni, l-iżviluppi, ix-xejriet u t-trasparenza fit-tariffi bl-innut u bl-ingrossa, ir-relazzjoni tagħhom mal-ispejjeż innifishom, il-punt sa fejn il-preżunzjonijiet li saru fil-valutazzjoni tal-impatt li akkumpanjat dan ir-Regolament ikunu ġew ikkonfermati, l-ispejjeż għall-konformità u l-impatt fuq l-investimenti. Fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra wkoll id-disponibbiltà u l-kwalità tas-servizzi li huma alternattiva għar roaming (bħall-aċċess permezz tal-Wi-Fi).~~

↓ 531/2012 premessa 99 (adattat)

~~L-obbligi regolatorji dwar it-tariffi bl-ingrossa u bl-innut għas-servizzi tar-roaming tat-telefonati, tal-messaġġi SMS u tad-data jenħtieġ jibqgħu applikati biex jissalvagwardjaw lill-konsumaturi meta l-kompetizzjoni fil-livelli bl-innut jew bl-ingrossa ma tkunx żviluppata għalkollox. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha, sat-30 ta' Ġunju 2016, tivvaluta jekk l-oġettivi ta' dan ir-Regolament ikunux inkisbu, inkluż jekk ikunux ġew implimentati kompletament il-miżuri strutturali u jekk tkunx żviluppat biżżejjed il-kompetizzjoni fis-suq intern għas-servizzi tar-roaming. Jekk il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kompetizzjoni ma tkunx żviluppat biżżejjed, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposti xierqa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex tiżgura li l-konsumaturi jkollhom salvagwardji adegwati mill-2017.~~

↓ 531/2012 premessa 100  
(adattat)

~~Wara r-reviżjoni msemmija hawn fuq, u sabiex jiġi żgurat il-monitoraġġ kontinwu tas-servizzi tar-roaming fl-Unjoni, il-Kummissjoni għandha kull-sentejn tħejji rapport għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jkun jinkludi sommarju ġenerali tal-aktar xejriet reċenti fis-servizzi tar-roaming u valutazzjoni intermedja tal-progress lejn il-ksib tal-oġettivi ta' dan ir-Regolament u tal-għażliet alternattivi possibbli biex jinkisbu dawn l-oġettivi,~~



ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament ~~introduċi~~  jipprevedi  approċċ komuni  li jiżgura  sabiex jiġi żgurat li l-utenti tan-networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli waqt l-ivvjaġġar fl-Unjoni ma jħallsux prezzijiet eċċessivi għas-servizzi tar-roaming madwar l-Unjoni meta mqabbla mal-prezzijiet nazzjonali kompetittivi, meta jagħmlu u jirċievu telefonati, meta jibagħtu u jirċievu messaġġi SMS u meta jagħmlu komunikazzjonijiet ta' data bil-kommutazzjoni ta' pakketti, u b'hekk jikkontribwixxu għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern u fl-istess ħin jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi, jitrawmu l-kompetizzjoni u t-trasparenza fis-suq, u jiġu offruti inċentivi għall-innovazzjoni u għażla lill-konsumaturi.

~~Dan jistipula r-regoli li jippermettu l-bejgħ separat ta' servizzi regolati tar-roaming minn servizzi domestiċi tal-komunikazzjoni mobbli u jistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-aċċess bl-ingrossa għal networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli għall-finijiet ta' forniment ta' servizzi tar-roaming regolati. Jistipula wkoll regoli tranżitorji fuq it-tariffi li jistgħu jintalbu minn fornituri tar-roaming għall-forniment fl-Unjoni kollha ta' servizzi roaming regolati għal telefonati bil-voċi u messaġġi SMS li joriġinaw u jispiċċaw fi ħdan l-Unjoni u għal servizzi ta' pakkett ta' komunikazzjoni ta' data trażmessa użati minn konsumaturi msiefra waqt roaming fuq network ta' komunikazzjoni mobbli fl-Unjoni. Japplika kemm għat-tariffi mitluba mill-operaturi tan-networks fil-livell bl-ingrossa u anki għat-tariffi mitluba mill-fornituri tar-roaming fil-livell bl-imnut.~~

~~2. Il-bejgħ separat ta' servizzi regolati tar-roaming minn servizzi domestiċi ta' komunikazzjoni mobbli hu pass intermedju neċessarju biex tiżdied il-kompetizzjoni li twassal għat-tnaqqis tat-tariffi tar-roaming għall-konsumaturi sabiex jinholq suq intern għas-servizzi ta' komunikazzjoni mobbli għat- u eventwalment biex ma jkunx hemm differenzi bejn tariffi nazzjonali u dawk tar-roaming.~~

~~23. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll regoli mmirati biex tiżdied it-trasparenza tal-prezzijiet u jitjieb l-għoti tal-informazzjoni dwar it-tariffi lill-utenti tas-servizzi tar-roaming.~~

~~4. Dan ir-Regolament huwa miżura speċifika fis-sens tal-Artikolu 1(5) tad-Direttiva Kwadru.~~

~~35. It-tariffi massimi stabbiliti f'dan ir-Regolament huma espressi bl-ewro.~~

~~46. Meta t-tariffi massimi skont l-Artikoli  9  7,  9 u  12 ikunu denominati b'muniti oħra għajr l-ewro, il-limiti inizjali skont dawk l-Artikoli għandhom ikunu determinati f'dawk il-muniti billi japplikaw ir-rati referenzjali tal-kambju ppubblikati fl-1 ta' Mejju 2012 mill-Bank Ċentrali Ewropew f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.~~

~~Għall-finijiet tal-limiti sussegwenti previsti fl-Artikoli 7(2), 9(1) u 12(1), il-valuri riveduti għandhom jiġu ddeterminati  f'dawk il-muniti  billi tiġi applikata  l-medja  tar-rati tal-kambju ta' referenza kif ippubblikati fl-1 ta' Mejju  fil-15 ta' Jannar, fil-15 ta' Frar u fil-~~

15 ta' Marzu ⇐ tas-sena kalendarja rilevanti ⇨ mill-Bank Ċentrali Ewropew f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ⇨. Għat-tariffi massimi skont l-Artikoli 7(2), 9(1) u 12(1), il-limiti f'muniti għajr l-euro għandhom jiġu riveduti kull sena wara ⇨ 1-2023 ⇐ 1-2015. Il-limiti riveduti kull sena f'dawk il-muniti għandhom japplikaw mill-1 ta' Lulju ⇨ mill-15 ta' Mejju ⇐ ~~fil-waqt li jintużaw ir-rati referenzjali tal-kambju ppubblikati fl-1 ta' Mejju tal-istess sena.~~

~~7. Meta t-tariffi massimi rregolati bl-Artikoli 8, 10 u 13 ikunu denominati b'muniti differenti, il-limiti inizjali skont dawk l-Artikoli għandhom jiġu determinati b'dawk il-muniti billi jiġu applikati r-rati referenzjali medji tal-kambju ppubblikati fl-1 ta' Marzu, l-1 ta' April u l-1 ta' Mejju 2012 mill-Bank Ċentrali Ewropew f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.~~

~~Għall-finijiet tal-limiti sussegwenti previsti fl-Artikoli 8(2), 10(2) u 13(2), il-valuri riveduti għandhom jiġu determinati billi jiġu applikati r-rati referenzjali medji tal-kambju hekk kif ippubblikati fl-1 ta' Marzu, l-1 ta' April u l-1 ta' Mejju tas-sena kalendarja rilevanti. Għat-tariffi massimi taħt l-Artikoli 8(2), 10(2) u 13(2), il-limiti f'muniti differenti li mhumiex l-euro għandhom jiġu riveduti kull sena wara l-2015. Il-limiti riveduti kull sena f'dawk il-muniti għandhom japplikaw mill-1 ta' Lulju bl-użu tar-rati referenzjali medji tal-kambju ppubblikati fl-1 ta' Marzu, l-1 ta' April u l-1 ta' Mejju tal-istess sena.~~

## Artikolu 2

### Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 ~~ta-Direttiva dwar l-Aċċess, fl-Artikolu 2 ta-Direttiva Kwadru, u fl-Artikolu 2 ta-Direttiva Servizz Universalitad-Direttiva (UE) 2018/1972~~.

2. Minbarra d-definizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) “fornitur tar-roaming” tfisser impriża li tipprovdi servizzi tar-roaming bl-imnut regolati lil klijent tar-roaming;

(b) “fornitur domestiku” tfisser impriża li tipprovdi servizzi domestiċi tal-komunikazzjoni mobbli lil klijent tar-roaming;

~~(c) “fornitur alternattiv tar-roaming” tfisser fornitur tar-roaming differenti mill-fornitur domestiku;~~

↓ 531/2012 (adattat)

~~(cd)~~ “network tal-pajjiż tal-oriġini” tfisser network pubbliku tal-komunikazzjoni mobbli li jinsab fi Stat Membru u li jintuża mill-fornitur tar-roaming għall-forniment ta' servizzi tar-roaming bl-imnut regolati lil klijent tar-roaming;

~~(de)~~ “network miżjur” tfisser network pubbliku tal-komunikazzjoni mobbli terrestri li jinsab fi Stat Membru li mhux dak tal-fornitur domestiku tal-klijent tar-roaming u li permezz tiegħu, il-klijent tar-roaming ikun jista' jagħmel jew jirċievi telefonati, jibgħat jew jirċievi messaġġi SMS, jew jagħmel komunikazzjonijiet ta' *data* bil-kommutazzjoni ta' pakketti, permezz ta' arranġamenti mal-operatur tan-network tal-pajjiż tal-oriġini;

~~(ef)~~ “roaming madwar l-Unjoni” tfisser l-użu ta' apparat mobbli minn klijent tar-roaming biex jagħmel jew jirċievi telefonati fl-Unjoni, biex jibgħat jew jirċievi messaġġi SMS fl-Unjoni, jew biex jagħmel komunikazzjonijiet ta' *data* bil-

kommutazzjoni ta' pakketti, meta jkun fi Stat Membru li mhux dak fejn jinsab in-network tal-fornitur domestiku, permezz ta' arranġamenti bejn l-operatur tan-network tal-pajjiż tal-oriġini u l-operatur tan-network miżjur;

(f~~e~~) “klijent tar-roaming” tfisser klijent ta' fornitur tar-roaming ta' servizzi tar-roaming regolati, permezz ta' network pubbliku tal-komunikazzjoni mobbli terrestri li jinsab fl-Unjoni, li l-kuntratt jew l-arranġament tiegħu ma' dak il-fornitur tar-roaming tiegħu jippermettu roaming madwar l-Unjoni;

(g~~h~~) “telefonata tar-roaming regolata” tfisser telefonata bil-vuċi mobbli magħmula minn klijent tar-roaming li tkun toriġina fuq network miżjur u tintemm fuq xi network pubbliku tal-komunikazzjoni madwar l-Unjoni, jew li jirċievi klijent tar-roaming u tkun toriġina fuq network pubbliku tal-komunikazzjoni madwar l-Unjoni u tintemm fuq xi network miżjur;

(h~~i~~) “messaġġ SMS” tfisser messaġġ testwali ta' Servizz ta' Messaġġ Qasir li jkun magħmul l-aktar minn karattri alfabetiċi ~~u~~/jew numeriċi,  jew it-tnejn,  li jista' jintbagħat bejn numri mobbli u/jew fissi assenjati skont pjanijiet nazzjonali tan-numri;

(i~~k~~) “messaġġ SMS tar-roaming regolat” tfisser messaġġ SMS mibgħut minn klijent tar-roaming li jkun joriġina fuq network miżjur u jintemm fuq network pubbliku tal-komunikazzjoni fi ħdan l-Unjoni, jew li jirċievi klijent tar-roaming u jkun joriġina fuq network pubbliku tal-komunikazzjoni fi ħdan l-Unjoni u jintemm fuq network miżjur;

(j~~m~~) “servizz tar-roaming regolat tad-*data*” tfisser servizz tar-roaming li permezz tiegħu jkunu jistgħu jsiru komunikazzjonijiet ta' *data* bil-kommutazzjoni ta' pakketti minn klijent tar-roaming permezz tal-apparat mobbli tiegħu waqt konnessjoni ma' network miżjur. ~~Servizz regolat tar-roaming tad-*data* ma jinkludix~~  għajr  it-trażmissjoni jew il-wasla ta' telefonati jew messaġġi SMS tar-roaming regolati, iżda ~~ma jinkludix~~  inkluż  it-trażmissjoni u l-wasla ta' messaġġi MMS;

(k~~e~~) “aċċess għal roaming bl-ingrossa” tfisser aċċess dirett għal roaming bl-ingrossa jew aċċess għal bejgħ mill-ġdid tar-roaming bl-ingrossa;

(l~~p~~) “aċċess dirett għal roaming bl-ingrossa” tfisser id-disponibbiltà ta' faċilitajiet ~~u~~/jew servizzi  , jew it-tnejn,  minn operatur tan-networks mobbli lil impriża oħra skont kondizzjonijiet definiti, biex dik l-impriża l-oħra tipprovdi servizzi tar-roaming regolati lil klijenti tar-roaming;

(m~~e~~) “aċċess għal bejgħ mill-ġdid tar-roaming bl-ingrossa” tfisser il-forniment ta' servizzi tar-roaming bl-ingrossa minn operatur tan-networks mobbli li huwa differenti mill-operatur tan-networks miżjura lil impriża oħra, biex dik l-impriża l-oħra tipprovdi servizzi tar-roaming regolati lil klijenti tar-roaming;

↓ 2015/2120 Art. 7.1(b)

(n~~e~~) “prezz bl-imnut domestiku” tfisser it-tariffa bl-imnut domestika għal kull unità tal-fornitur tar-roaming applikabbli għat-telefonati magħmula u għall-messaġġi SMS mibgħuta (li t-tnejn joriġinaw u jintemmu fuq networks differenti tal-komunikazzjoni pubblika fl-istess Stat Membru), u għad-*data* kkonsmata minn klijent; jekk ma jkun hemm l-ebda tariffa bl-imnut domestika speċifika għal kull unità, il-prezz bl-imnut domestiku għandu jitqies l-istess mekkaniżmu ta' tariffar bħal dak applikat lill-klijenti għat-telefonati magħmula u għall-messaġġi SMS mibgħuta (li t-tnejn

joriġinaw u jintemmu fuq networks differenti tal-komunikazzjoni pubblika fl-istess Stat Membru), u għad-*data* kkonsmata fl-Istat Membru ta' dak il-klijent.⚡

~~(e) “bejgħ separat ta’ servizzi regolati ta’ roaming tad-*data* bl-innut” ifisser il-forniment ta’ servizzi regolati ta’ roaming tad-*data* furnuti lill-konsumaturi tar-roaming direttament fuq network miżjura minn fornitur alternattiv tar-roaming.~~

↓ 531/2012  
⇒ ġdid

### Artikolu 3

#### Aċċess għar-roaming bl-ingrossa

1. L-operaturi tan-networks mobbli għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess għar-roaming bl-ingrossa ⇒ , b’mod partikolari jippermettu lill-fornitur tar-roaming jirreplika s-servizzi mobbli bl-innut offruti domestikament, meta dan ikun fattibbli teknikament ⇐ .
2. L-operaturi tan-networks mobbli jistgħu jirrifjutaw talbiet tal-aċċess għal roaming bl-ingrossa biss abbażi ta’ kriterji oġġettivi.
3. L-aċċess għal roaming bl-ingrossa għandu jkopri l-aċċess għall-elementi kollha tan-networks u l-faċilitajiet assoċjati magħhom, is-servizzi rilevanti, is-sistemi tas-software u tal-informazzjoni, li huma meħtieġa għall-forniment ta’ servizzi tar-roaming regolati lil klijenti ⇒ , fuq kwalunkwe teknoloġija jew ġenerazzjoni tan-network disponibbli ⇐ .

↓ 2017/920 Art. 1.1(a)

4. Ir-regoli dwar it-tariffi tar-roaming bl-ingrossa regolati stabbiliti fl-Artikoli ~~107~~, ~~119~~ u 12 għandhom japplikaw għall-forniment tal-aċċess għall-komponenti kollha tal-aċċess għar-roaming bl-ingrossa msemmija fil-paragrafu 3, sakemm iż-żewġ partijiet għall-ftehim tar-roaming bl-ingrossa ma jkunux qablu espliċitament li kwalunkwe tariffa tar-roaming bl-ingrossa medja li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-ftehim ma tkunx soġġetta għat-tariffa tar-roaming bl-ingrossa regolata massima għall-perjodu ta’ validità tal-ftehim.

↓ 531/2012

Mingħajr preġudizzju għall-ewwel subparagrafu, fil-każ tal-aċċess għal bejgħ mill-ġdid tar-roaming bl-ingrossa, l-operaturi tan-networks mobbli jistgħu jitolbu prezzijiet ġusti u raġonevoli għal komponenti mhux koperti mill-paragrafu 3.

5. L-operaturi tan-networks mobbli għandhom jippubblikaw offerta ta’ referenza li tqis il-linji gwida tal-BEREC imsemmija fil-paragrafu 8, u jagħmluha disponibbli lill-impriża li titlob l-aċċess għar-roaming bl-ingrossa. L-operaturi tan-networks mobbli għandhom jipprovdu kuntratt abbozz lill-impriża li titlob l-aċċess, f’konformità ma’ dan l-Artikolu, dwar dan l-aċċess fi żmien xahar mill-wasla inizjali tat-talba tal-operatur tan-networks mobbli. L-aċċess għar-roaming bl-ingrossa għandu jingħata fi żmien raġonevoli li ma jaqbixx it-tliet xhur mill-konklużjoni tal-kuntratt. L-operaturi tan-networks li jirċievu talba tal-aċċess għar-roaming bl-ingrossa u l-impriżi li jitolbu l-aċċess għandhom jinnegozjaw *in bona fede*.

6. L-offerta ta' referenza msemija fil-paragrafu 5 għandha tkun dettaljata biżżejjed u għandha tinkludi l-komponenti kollha meħtieġa għall-aċċess għar-roaming bl-ingrossa kif imsemmi fil-paragrafu 3, u tipprovdi deskrizzjoni tal-offerti rilevanti għal aċċess dirett għar-roaming bl-ingrossa u aċċess għal bejgħ mill-ġdid tar-roaming bl-ingrossa, u t-termini u l-kundizzjonijiet assoċjati. ⇒ L-offerta ta' referenza għandha tinkludi l-informazzjoni kollha meħtieġa biex il-fornitur tar-roaming ikun jista' jiżgura li l-klijenti tiegħu jkollhom aċċess mingħajr ħlas għas-servizzi ta' emerġenza permezz tal-komunikazzjonijiet ta' emerġenza lill-aktar PSAP xieraq u t-trażmissjoni mingħajr ħlas tal-informazzjoni dwar il-lokalizzazzjoni ta' min jagħmel it-telefonata lill-aktar PSAP xieraq waqt l-użu tas-servizzi tar-roaming. ⇐

Dik l-offerta ta' referenza tista' tinkludi kundizzjonijiet li jipprevjenu r-roaming permanenti jew l-użu anomalu jew abbużiv tal-aċċess għar-roaming bl-ingrossa għal skopijiet għajr il-forniment ta' servizzi tar-roaming regolati lill-klijenti tal-fornituri tar-roaming waqt ivvjaġġar perjodiku fl-Unjoni. Meta jkun speċifikat f'offerta ta' referenza, dawn il-kundizzjonijiet għandhom jinkludu l-miżuri speċifiċi li l-operatur tan-network miżjur jista' jieħu biex jipprevjeni r-roaming permanenti jew l-użu anomalu jew abbużiv tal-aċċess għar-roaming bl-ingrossa u l-kriterji oġġettivi li abbażi tagħhom jistgħu jittieħdu dawn il-miżuri. Dawn il-kriterji jistgħu jirreferu għal informazzjoni aggregata dwar it-traffiku tar-roaming. Ma għandhomx jirreferu għal informazzjoni speċifika relatata ma' traffiku individwali tal-klijenti tal-fornitur tar-roaming.

L-offerta ta' referenza tista', fost l-oħrajn, tipprovdi li, meta l-operatur tan-network miżjur ikollu raġunijiet motivati biex iqis li qed isir roaming permanenti minn porzjon sinifikanti tal-klijenti tal-fornitur tar-roaming jew qed isir użu permanenti, anomalu jew abbużiv tal-aċċess għar-roaming bl-ingrossa, l-operatur tan-network miżjur jista' jitlob lill-fornitur tar-roaming jipprovdi informazzjoni, mingħajr preġudizzju għar-reqwiziti tal-Unjoni jew nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-*data*, li tippermettilu jiddetermina jekk hemmx porzjon sinifikanti tal-klijenti tal-fornitur tar-roaming li qed jagħmlu roaming permanenti jew użu anomalu jew abbużiv tal-aċċess għar-roaming bl-ingrossa fuq in-network tal-operatur miżjur, bħal informazzjoni dwar il-porzjon tal-klijenti li għalihom ikun ġie stabbilit riskju ta' użu anomalu jew abbużiv tas-servizzi tar-roaming bl-immnut regolati pprovduti bi prezz bl-immnut domestiku applikabbli, abbażi ta' indikaturi oġġettivi f'konformita' mar-regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tal-politika ta' użu ġust adottati skont l-Artikolu ~~86d~~.

Bħala l-aħħar miżura, meta l-miżuri inqas stretti ma jirnexxilhomx jindirizzaw is-sitwazzjoni, l-offerta ta' referenza tista' tipprevedi l-possibbiltà ta' terminazzjoni ta' ftehim tar-roaming bl-ingrossa meta l-operatur tan-network miżjur ikun stabbilixxa li, abbażi ta' kriterji oġġettivi, qed isir roaming permanenti minn porzjon sinifikanti tal-klijenti tal-fornitur tar-roaming jew użu anomalu jew abbużiv tal-aċċess għar-roaming bl-ingrossa, u jkun informa dwar dan lill-operatur tan-network tal-pajjiż tal-orijini.

L-operatur tan-network miżjur jista' jidtermina l-ftehim tar-roaming bl-ingrossa b'mod unilaterali għal raġunijiet ta' roaming permanenti jew użu anomalu jew abbużiv tal-aċċess għar-roaming bl-ingrossa biss bl-awtorizzazzjoni minn qabel tal-awtorità regolatorja nazzjonali tal-operatur tan-network miżjur.

Fi żmien tliet xhur mill-wasla ta' talba mingħand l-operatur tan-network miżjur għall-awtorizzazzjoni ta' terminazzjoni ta' ftehim tar-roaming bl-ingrossa, l-awtorità regolatorja nazzjonali tal-operatur tan-network miżjur għandha, wara konsultazzjoni mal-awtorità

regolatorja nazzjonali tal-operatur tan-network tal-pajjiż tal-orìgini, tiddeċiedi jekk tagħtix jew tirrifjutax din l-awtorizzazzjoni u għandha tinforma dwar dan lill-Kummissjoni.

L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-operatur tan-network miżjur u tal-operatur tan-network tal-pajjiż tal-orìgini, kull waħda minnhom tista' titlob lill-BEREC jadotta opinjoni dwar l-azzjoni li trid tittieħed f'konformità ma' dan ir-Regolament. Il-BEREC għandu jadotta l-opinjoni tiegħu fi żmien xahar mill-wasla ta' din it-talba.

Meta l-BEREC ikun ġie kkonsultat, l-awtorità regolatorja nazzjonali tal-operatur tan-network miżjur għandha tistenna u tagħti l-akbar kunsiderazzjoni possibbli lill-opinjoni tal-BEREC qabel tiddeċiedi, soġġetta għall-iskadenza tat-tliet xhur imsemmija fis-sitt subparagrafu, jekk tagħtix jew tirrifjutax l-awtorizzazzjoni ta' terminazzjoni tal-ftehim tar-roaming bl-ingrossa.

L-awtorità regolatorja nazzjonali tal-operatur tan-network miżjur għandha tippubblika l-informazzjoni dwar l-awtorizzazzjonijiet ta' terminazzjoni tal-ftehimiet tar-roaming bl-ingrossa, b'rispett għall-kunfidenzjalità kummerċjali.

Mill-ħames sad-disa' subparagrafi ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għas-setgħa ta' awtorità regolatorja nazzjonali li titlob il-waqfien immedjat ta' ksur tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament, f'konformità mal-Artikolu ~~1816(76)~~ u għad-dritt tal-operatur tan-network miżjur li japplika miżuri adegwati kontra l-frodi.

Jekk meħtieġ, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jimponu bidliet fl-offerti ta' referenza, inkluż fir-rigward ta' miżuri speċifiċi li l-operatur tan-network miżjur jista' jieħu biex jipprevjeni r-roaming permanenti jew l-użu anomalu jew abbużiv tal-aċċess għar-roaming bl-ingrossa, u l-kriterji oġġettivi li abbażi tagħhom l-operatur tan-network miżjur jista' jieħu dawn il-miżuri, biex l-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu jsiru effettivi.

---

↓ 531/2012 (adattat)

7. Meta l-impriża li titlob l-aċċess tkun tixtieq tibda negozjati kummerċjali li jinkludu wkoll komponenti mhux koperti mill-offerta ta' referenza, l-operaturi tan-networks mobbli għandhom iwieġbu din it-talba fi żmien raġonevoli li ma jaqbiż ix-xahrejn mill-wasla inizjali tat-talba. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-paragrafi 2 u 5 ma għandhomx japplikaw.

8. ~~Sat 30 ta' Settembru 2012,~~ ☒ Fi żmien 6 xhur mill-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, ☒ , u biex tikkontribwixxi għal applikazzjoni konsistenti ta' dan l-Artikolu, il-BEREC għandu, wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, ~~tistabilixxi linji~~ ☒ jaġġorna l-linji ☒ gwida għal aċċess għar-roaming bl-ingrossa ☒ stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 3(8) tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 ☒ .

~~9. Il-paragrafi 5 sa 7 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2013.~~

#### Artikolu 4

---

↓ 2015/2120 Art. 7.3(a)

~~Bejgħ separat ta' servizzi regolati ta' roaming tad-data bl-innut~~

↓ 531/2012

~~1. La l-fornituri domestiċi u lanqas dawk tar-roaming m'għandhom iżommu lill-konsumaturi milli jaċċessaw servizzi regolati tar-roaming tad-*data* pprovduti direttament fuq in-network minn fornitur alternattiv tar-roaming.~~

~~2. Il-konsumaturi tar-roaming għandu jkollhom id-dritt li jaqilbu għal fornitur tar-roaming ieħor fi kwalunkwe ħin. Meta-klijent tar-roaming jagħżel li jaqleb għal fornitur tar-roaming ieħor, il-bidla għandha ssir mingħajr dewmien żejjed, u fi kwalunkwe każ fl-iqsar perjodu ta' żmien possibbli skont is-soluzzjoni teknika magħżula għall-implimentazzjoni tal-bejgħ separat tas-servizzi regolati tar-roaming bl-innut, iżda taħt ebda ċirkostanza mhux iżjed minn minn tlett ijiem ta' xogħol mill-konklużjoni tal-ftehim mal-fornitur ġdid tar-roaming.~~

~~3. Il-bidla lejn fornitur alternattiv tar-roaming jew bejn il-fornituri alternattivi tar-roaming, għandha tkun mingħajr ħlas għall-konsumaturi u għandha tkun possibbli taħt kwalunkwe pjan ta' tariffi. Din ma għandha titlob ebda abbonament assoċjat jew tariffi fissi jew rikorrenti addizzjonali relatati ma' elementi tal-abbonament ħliet dak tar-roaming, kif imqabbla mal-kondizzjonijiet prevalenti qabel il-bidla.~~

~~6. Dan l-Artikolu għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2014.~~

#### ~~Artikolu 5~~

↓ 2015/2120 Art. 7.4(a)

#### ~~Implimentazzjoni ta' bejgħ separat ta' servizzi regolati ta' roaming tad-*data* bl-innut~~

↓ 2015/2120 Art. 7.4(b)

~~1. Il-fornituri domestiċi għandhom jimplementaw l-obbligu marbut mal-bejgħ separat ta' servizzi regolati ta' roaming tad-*data* bl-innut previst fl-Artikolu 4 sabiex il-klijenti tar-roaming ikunu jistgħu jużaw servizzi regolati separati ta' roaming tad-*data*. Il-fornituri domestiċi għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha għal aċċess għal faċilitajiet u servizzi ta' appoġġ marbutin rilevanti għall-bejgħ separat ta' servizzi regolati ta' roaming tad-*data* bl-innut. L-aċċess għal dawk il-faċilitajiet u servizzi ta' appoġġ li huma meħtieġa biex jippermettu l-bejgħ separat ta' servizzi regolati ta' roaming tad-*data* bl-innut, inkluż servizzi ta' awtentikazzjoni tal-utent, għandu jkun mingħajr ħlas u ma għandu jinvolvi ebda ħlas dirett impost fuq il-klijenti tar-roaming.~~

↓ 2015/2120 Art. 7.4(c)

~~2. Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti u simultanja madwar l-Unjoni tal-bejgħ separat ta' servizzi regolati ta' roaming tad-*data* bl-innut, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni u wara li tkun ikkonsultat lill-BEREC, tadotta regoli dettaljati dwar soluzzjoni teknika għall-implimentazzjoni tal-bejgħ separat ta' servizzi regolati ta' roaming tad-*data* bl-innut. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' rieżami msemmija fl-Artikolu 6(2).~~

↓ 2015/2120 Art. 7.4(d)

~~3. Is-soluzzjoni teknika biex jiġi implimentat il-bejgħ separat ta' servizzi regolati ta' roaming tad-*data* bl-innut għandha tissodisfa l-kriterji li ġejjin:~~

↓ 531/2012

~~(a) faċilità ta' użu għall-konsumatur, partikolarment li l-konsumaturi jkunu jistgħu jibddu għal fornitur alternattiv ta' roaming faċilment u malajr filwaqt li jżommu n-numru eżistenti tat-telefown ċellulari tagħhom u filwaqt li jużaw l-istess apparat ċellulari;~~

~~(b) kapaċità li sservi l-kategoriji kollha ta' domanda tal-konsumatur fuq termini kompetittivi, inkluż użu intensiv tas-servizzi tad-*data*;~~

~~(c) kapaċità li titrawwem il-kompetizzjoni b'mod effettiv, filwaqt li tiġi kkunsidrata wkoll il-possibbiltà li l-operaturi jisfruttaw l-assi infrastrutturali jew l-arranġamenti kummerċjali tagħhom;~~

~~(d) kosteffettività, filwaqt li jittieħed kont tal-kondiviżjoni tal-ispejjeż bejn il-fornituri domestiċi u l-fornituri alternattivi tar-roaming;~~

~~(e) kapaċità li jitwettqu l-obbligi msemmija fl-Artikolu 4(1) b'mod effiċjenti;~~

~~(f) ikun possibbli livell massimu ta' interoperabbiltà;~~

~~(g) faċilità ta' użu, b'mod partikolari fir-rigward tat-trattament tekniku tal-konsumaturi tat-terminali ċellulari meta jibddu n-networks;~~

~~(h) jiġi żgurat li r-roaming minn konsumaturi tal-Unjoni f'pajjiżi terzi jew minn konsumaturi ta' pajjiżi terzi fl-Unjoni ma jiġix imxekkel;~~

~~(i) jiġi żgurat li r-regoli dwar il-protezzjoni tal-privatezza, id-*data* personali, is-sigurtà u l-integrità tan-networks u t-trasparenza meħtieġa mid-Direttiva Kwadru u d-Direttivi Speċifiċi huma rispettati;~~

~~(j) titqies il-promozzjoni mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-abbiltà tal-utenti finali li jaċċessaw u jiddistribwixxu informazzjoni jew iħaddmu applikazzjonijiet u servizzi tal-għażla tagħhom, skont il-punt (g) tal-Artikolu 8(4) tad-Direttiva Kwadru;~~

~~(k) jiġi żgurat li l-fornituri japplikaw kondizzjonijiet ekwivalenti f'ekwivalenza ekwivalenti.~~

~~4. Is-soluzzjoni teknika tista' tikkombina modalitá teknika waħda jew diversi modalitajiet tekniċi għall-finijiet li jiġu sodisfatti l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3.~~

~~5. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tagħti mandat lil korp Ewropew ta' standardizzazzjoni għall-adattament tal-istandards rilevanti li jkunu meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-bejgħ separat ta' servizzi tar-roaming bl-innut regolati.~~

~~6. Il-paragrafi 1, 3, 4 u 5 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw mill-1 ta' Lulju 2014.~~



↓ 531/2012

*Artikolu ~~6~~ 4*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat tal-Komunikazzjoni stabbilit bl-Artikolu ~~118(1)~~ tad-Direttiva ~~Kwadr~~ (UE) 2018/1972. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

↓ 2015/2120 Art. 7.5 (adattat)

*Artikolu ~~5~~ 6a*

⊗ **Forniment ta' servizzi tar-roaming bl-innut regolati** ⊗

~~Tneħħija ta' ħlasijiet supplementari tar-roaming bl-innut~~

~~B'effett mill-15 ta' Ġunju 2017, dment li l-att leġislativ li għandu jiġi adottat wara l-proposta msemmija fl-Artikolu 19(2) ikun applikabbli f' dik id-data,~~

~~1. Il-fornituri tar-roaming ma għandhom jitolbu l-ebda tariffa supplementari addizzjonali mal-prezz bl-innut domestiku lill-klijenti tar-roaming fi kwalunkwe Stat Membru għal kwalunkwe telefonata bir-roaming regolata magħmula jew riċevuta, għal kwalunkwe messaġġ SMS bir-roaming regolat mibgħut jew riċevut u għal kwalunkwe servizz tar-roaming regolat tad-data użat, inkluż l-MMS, u lanqas xi tariffa ġenerali biex it-tagħmir jew is-servizz terminali jkun jista' jintuża barra mill-pajjiż, soġġett għall-Artikoli ~~6a~~ u ~~7a~~.~~

↓ ġdid

2. Meta jkun fattibbli teknikament, il-fornituri tar-roaming għandhom jiżguraw li s-servizzi tar-roaming bl-innut regolati jiġu pprovduti bl-istess kundizzjonijiet daqslikieku dawn is-servizzi jkunu qed jiġu kkonsumati domestikament, b'mod partikolari fejn tidħol il-kwalità tas-servizz.

↓ 2015/2120 Art. 7.5 (adattat)

*Artikolu ~~6~~ 6b*

**Politika ta' użu ġust**

1. Il-fornituri tar-roaming jistgħu japplikaw f'konformità ma' dan l-Artikolu u mal-atti ta' implimentazzjoni msemmijin fl-Artikolu ~~8a~~ "politika ta' użu ġust" għall-konsum tas-servizzi tar-roaming bl-innut regolati pprovduti fil-livell tal-prezz bl-innut domestiku applikabbli, biex jipprevjenu l-użu abbużiv jew anomalu tas-servizzi tar-roaming bl-innut regolati mill-klijenti tar-roaming, bħall-użu ta' dawn is-servizzi minn klijenti tar-roaming fi Stat Membru għajr dak tal-fornitur domestiku tagħhom għal skopijiet għajr dawk tal-ivvjaġġar perjodiku.

Kwalunkwe politika ta' użu ġust għandha tagħti l-possibbiltà lill-klijenti tal-fornitur tar-roaming li jikkonsmaw volumi ta' servizzi tar-roaming bl-imnut regolati, bil-prezz bl-imnut domestiku applikabbli, li jkunu konsistenti mal-pjanijiet ta' tariffar rispettivi tagħhom.

2. L-Artikolu ~~96e~~ għandu japplika għas-servizzi tar-roaming bl-imnut regolati li jaqbz u kwalunkwe limiti skont kwalunkwe politika ta' użu ġust.

#### Artikolu ~~76e~~

### **Mekkaniżmu ~~ta' tas-sostenibbiltà~~ ta' ~~is-sostenibbiltà~~ ta' ~~ta' tneħħija tal-blasijiet~~ ~~supplimentari tar-roaming bl-imnut~~**

1. F'ċirkostanzi speċifiċi u eċċezzjonali, bil-ħsieb li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-mudell ta' tariffar domestiku tiegħu, meta fornitur tar-roaming ma jkunx jista' jirkupra l-kostijiet ġenerali effettivi u mbassa tiegħu għall-forniment ta' servizzi tar-roaming regolati f'konformità mal-Artikoli ~~56a~~ u ~~66b~~, mid-dħul ġenerali effettiv u mbassar tiegħu mill-forniment ta' servizzi bħal dawn, dak il-fornitur tar-roaming jista' japplika għal awtorizzazzjoni biex japplika tariffa supplimentari. Dik it-tariffa supplimentari għandha tiġi applikata biss sa fejn ikun meħtieġ biex jiġu rkuprati l-kostijiet tal-forniment ta' servizzi tar-roaming bl-imnut regolati, filwaqt li jitqiesu t-tariffi massimi bl-ingrossa applikabbli.

2. Meta fornitur tar-roaming jiddeċiedi li juża l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, dan għandu jressaq applikazzjoni mingħajr dewmien lill-awtorità regolatorja nazzjonali u jagħtiha l-informazzjoni kollha meħtieġa f'konformità mal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu ~~86d~~. Kull 12-il xahar wara dan, il-fornitur tar-roaming għandu jaġġorna dik l-informazzjoni u jressaqha lill-awtorità regolatorja nazzjonali.

3. Malli tasliha applikazzjoni skont il-paragrafu 2, l-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tivvaluta jekk il-fornitur tar-roaming ikunx stabbilixxa li ma jistax ikopri l-kostijiet skont il-paragrafu 1, bil-konsegwenza li ddgħajfet is-sostenibbiltà tal-mudell ta' tariffar domestiku tiegħu. Il-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-mudell ta' tariffar domestiku għandha tkun ibbażata fuq fatturi oġġettivi rilevanti speċifiċi għall-fornitur tar-roaming, fosthom varjazzjonijiet oġġettivi bejn il-fornituri tar-roaming fl-Istat Membru kkonċernat u l-livell tal-prezzijiet u tad-dħul domestiku. L-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tawtorizza t-tariffa supplimentari meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 u f'dan il-paragrafu.

4. Fi żmien xahar minn meta tirċievi applikazzjoni skont il-paragrafu 2, l-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tawtorizza t-tariffa supplimentari sakemm ma jkunx evidenti li l-applikazzjoni hija mingħajr bażi jew li ma tipprovdix informazzjoni biżżejjed. Meta l-awtorità regolatorja nazzjonali jkun jidhrilha li huwa evidenti li l-applikazzjoni hija mingħajr bażi jew li ma tipprovdix informazzjoni biżżejjed, din għandha tiegħu deċiżjoni finali fi żmien xahrejn oħra, wara li tkun tat l-opportunità ta' smiġh lill-fornitur tar-roaming, li tawtorizza, temenda jew tirrifjuta t-tariffa supplimentari.

#### Artikolu ~~86d~~

### **Implimentazzjoni ~~ta' mekkaniżmu~~ ta' ~~politika ta' użu ġust u tas-sostenibbiltà~~ ta' ~~ta' tneħħija tal-blasijiet~~ ~~supplimentari għar-roaming bl-imnut~~**

1. ~~Sal 15 ta' Diċembru 2016, Be~~ ~~il-Kummissjoni għandha, wara konsultazzjoni mal-BEREC, tadotta atti ta' implimentazzjoni~~ ~~u~~ ~~li jstabilixxu regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tal-politika ta' użu ġust u dwar il-metodoloġija għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà~~ ⇒ tal-forniment ~~ta' ta' tneħħija tal-ħlasijiet supplementari~~ tas-servizzi tar-roaming bl-imnut ⇒ bi prezzijiet domestiċi ⇐ u dwar l-applikazzjoni li jrid iressaq il-fornitur tar-roaming għall-finijiet ta' dik il-valutazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu ~~64~~(2).

2. ~~Fir-rigward tal-Artikolu 6b, Mm~~ ~~meta tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabilixxu regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tal-politika ta' użu ġust, il-Kummissjoni għandha tqis dan li ġej:~~

- (a) l-evoluzzjoni tax-xejriet tal-prezzijiet u tal-konsum fl-Istati Membri;
- (b) il-livell ta' konverġenza tal-livelli tal-prezzijiet domestiċi madwar l-Unjoni;
- (c) ix-xejriet tal-ivvjaġġar fl-Unjoni;
- (d) kwalunkwe riskju ċar ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u inċentivi ta' investiment fis-swieq domestiċi u miżjura.

3. ~~Fir-rigward tal-Artikolu 6c, Mm~~ ~~meta tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabilixxu regoli dettaljati dwar il-metodoloġija għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà~~ ⇒ tal-forniment ta' ~~servizzi tar-roaming bl-imnut bi prezzijiet domestiċi ⇐ ta' tneħħija tal-ħlasijiet supplementari tar-roaming bl-imnut~~ għal fornitur tar-roaming, il-Kummissjoni għandha ssejjishom fuq dan li ġej:

- (a) id-determinazzjoni tal-kostijiet ġenerali effettivi u mbassra tiegħu għall-forniment ta' servizzi tar-roaming bl-imnut regolati b'referenza għat-tariffi effettivi tar-roaming bl-ingrossa għat-traffiku żbilanċjat u sehem raġonevoli tal-kostijiet konġunti u komuni meħtieġa għall-forniment ta' servizzi tar-roaming bl-imnut regolati;
- (b) id-determinazzjoni tad-dħul effettiv u mbassar ġenerali mill-forniment ta' servizzi tar-roaming bl-imnut regolati;
- (c) il-konsum tas-servizzi tar-roaming bl-imnut regolati u l-konsum domestiku mill-klijenti tal-fornitur tar-roaming;
- (d) il-livell tal-kompetizzjoni, tal-prezzijiet u tad-dħul fis-suq domestiku, u kwalunkwe riskju ċar li r-roaming bi prezzijiet bl-imnut domestiċi jaffettwa b'mod sinifikanti l-evoluzzjoni ta' dawn il-prezzijiet.

4. ~~Il-Kummissjoni għandha minn żmien għal żmien terġa' teżamina l-atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-paragrafu 1 fid-dawl tal-iżviluppi fis-suq.~~

45. L-awtorità regolatorja nazzjonali għandha ttwettaq monitoraġġ u superviżjoni stretti tal-applikazzjoni tal-politika ta' użu ġust u tal-miżuri dwar is-sostenibbiltà ⇒ tal-forniment ta' servizzi tar-roaming bl-imnut bi prezzijiet domestiċi ⇐ ~~ta' tneħħija tal-ħlasijiet supplementari tar-roaming bl-imnut~~, filwaqt li tqis bir-reqqa l-fatturi oġġettivi rilevanti speċifiċi għall-Istat Membru kkonċernat u l-varjazzjonijiet oġġettivi rilevanti bejn il-fornituri tar-roaming. Mingħajr preġudizzju għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu ~~76e~~(3), l-awtorità regolatorja

nazzjonali għandha tinforza fil-ħin ir-rekwiżiti tal-Artikoli ~~66b~~ u ~~76e~~ u l-atti ta' implimentazzjoni ~~adottati skont il-paragrafu~~  previsti fil-paragrafu  ~~1~~ 2 ta' dan l-Artikolu. L-awtorità regolatorja nazzjonali tista' titlob fi kwalunkwe ħin lill-fornitur tar-roaming jemenda t-tariffa supplimentari jew iwaqqafha jekk din ma tkunx tikkonforma mal-Artikoli ~~66b~~ jew ~~76e~~. Kull sena, l-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tinforma lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli ~~66b~~ u ~~76e~~, u ta' dan l-Artikolu.

↓ ġdid

5. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2286 għandu jibqa' japplika sad-dħul fis-seħħ ta' att ta' implimentazzjoni ġdid adottat skont il-paragrafu 1.

↓ 2015/2120 Art. 7.5 (adattat)  
⇒ ġdid

### Artikolu ~~9~~ 6e

~~Forniment ta' servizzi regolati tar-roaming bl-innut~~  **Applikazzjoni eċċezzjonali ta' tariffi supplimentari bl-innut għall-konsum ta' servizzi tar-roaming bl-innut regolati u l-forniment ta' tariffi alternattivi**

1. Mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu, meta fornitur tar-roaming japplika tariffa supplimentari għall-konsum ta' servizzi tar-roaming bl-innut regolati li taqbeż il-limiti skont xi politika ta' użu ġust, dan għandu jissodisfa dawn ir-rekwiżiti (għajr il-VAT):

(a) kwalunkwe tariffa supplimentari applikata għat-telefonati tar-roaming regolati magħmula, il-messaġġi SMS tar-roaming regolati mibgħuta u servizzi tar-roaming regolati tad-*data* ma għandhiex taqbeż it-tariffi massimi bl-ingrossa previsti fl-Artikoli ~~107~~(2), ~~119~~(1) u 12(1), rispettivament;

~~(b) is-somma tal-prezz domestiku bl-innut u kwalunkwe ħlas supplimentari applikat għal telefonati regolati li jsiru bir-roaming, messaġġi SMS regolati li jintbagħtu bir-roaming u servizzi regolati ta' roaming tad-*data* ma għandhiex taqbeż EUR 0,19 għal kull minuta, EUR 0,06 għal kull messaġġ SMS u EUR 0,20 għal kull megabyte użata, rispettivament;~~

~~(eb)~~ kwalunkwe tariffa supplimentari applikata għat-telefonati tar-roaming regolati riċevuti ma għandhiex taqbeż ⇒ ir-rati massimi uniċi tat-terminazzjoni tat-telefonati bil-vuċi mobbli fl-Unjoni kollha stabbiliti għal dik is-sena f'konformità mal-Artikolu 75(1) tad-Direttiva (UE) 2018/1972. Meta l-Kummissjoni tiddeċiedi, wara r-rieżami tagħha tal-att delegat adottat skont l-Artikolu 75(1) tad-Direttiva (UE) 2018/1972, li l-iffissar ta' rata tat-terminazzjoni tat-telefonati fl-Unjoni kollha ma għadhiex meħtieġa u li ma timponix rata massima tat-terminazzjoni tat-telefonati bil-vuċi mobbli, kwalunkwe tariffa supplimentari applikata għat-telefonati tar-roaming regolati riċevuti ma għandhiex taqbeż ir-rata stabbilita fl-aktar att delegat riċenti adottat skont l-Artikolu 75 ta' dik id-Direttiva ⇐ ~~il-medja ponderata tar-rati massimi għat-terminazzjoni ta' telefonati bil-mobile madwar l-Unjoni stabbiliti skont il-paragrafu 2.~~

Il-fornituri tar-roaming ma għandhom japplikaw l-ebda tariffa supplimentari għall-messaġġi SMS tar-roaming regolati riċevuti jew għall-messaġġi voicemail tar-roaming riċevuti. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għal tariffi applikabbli oħra bħal dawk għas-smiġħ ta' dawk il-messaġġi.

Il-fornituri tar-roaming għandhom jimponu tariffi għat-telefonati tar-roaming magħmula u riċevuti abbażi ta' kull sekonda. Il-fornituri tar-roaming jistgħu japplikaw perjodu minimu inizjali ta' tariffar li ma jkunx jaqbeż it-30 sekonda għat-telefonati magħmula. Il-fornituri tar-roaming għandhom jimponu tariffa fuq il-klijenti tagħhom għall-forniment ta' servizzi tar-roaming regolati tad-*data* abbażi ta' kull kilobyte, għajr għall-messaġġi MMS li jistgħu jiġu ttariffati abbażi ta' kull unità. F'każ bħal dan, it-tariffa bl-imnut li fornitur tar-roaming jista' jimponi fuq il-klijent tar-roaming tiegħu għat-trażmissjoni jew ir-riċeviment ta' messaġġ MMS tar-roaming ma għandhiex taqbeż it-tariffa bl-imnut massima għas-servizzi tar-roaming regolati tad-*data* stabbilita fl-ewwel subparagrafu.

~~Matul il-perjodu msemmi fl-Artikolu 6f(1), dan il-paragrafu m'għandux jipprekludi offerti li jipprovdu lill-klijenti tar-roaming, għal ħlas kuljum jew kwalunkwe ħlas per-jodiku ieħor iffissat, ċertu volum ta' konsum ta' servizzi regolati ta' roaming bil-kundizzjoni li l-konsum tal-ammont sħiħ ta' dak il-volum iwassal għal-prezz tal-unità għat-telefonati magħmula, it-telefonati riċevuti u l-messaġġi SMS regolati mibgħuta bir-roaming u s-servizzi ta' roaming tad-*data* li ma jaqbix il-prezz domestiku bl-imnut rispettiv u l-ħlas supplimentari massimu kif stipulati fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.~~

~~2. Sal 31 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat mal-BEREC u soġġett għat-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstipulaw il-medja ppeżata tar-rati massimi ta' terminazzjoni ta' telefonati bil-mobile imsemmijin fil-punt (e) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tirvedi dawk l-atti ta' implimentazzjoni kull sena. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' rieżami msemmija fl-Artikolu 6(2).~~

~~Il-medja ppeżata tar-rati massimi ta' terminazzjoni ta' telefonati bil-mobile għandha tissejjes fuq il-kriterji li ġejjin:~~

~~(a) il-livell massimu tar-rati ta' terminazzjoni ta' telefonati bil-mobile imposti fis-suq għal terminazzjoni ta' telefonati bil-vuċi bl-ingrossa fuq networks tal-mobile individwali mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali skont l-Artikoli 7 u 16 tad-Direttiva Qafas u l-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar l-Aċċess, u~~

~~(b) l-għadd totali ta' abbonati f'kull Stat Membru.~~

~~23. Il-fornituri tar-roaming jistgħu joffru, u l-klijenti tar-roaming jistgħu jagħżlu deliberatament, tariffa tar-roaming għajr dik stabbilita f'konformità mal-Artikoli 5 ~~6a~~, ~~6b~~, ~~76e~~ u l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, li bis-saħħa tagħha l-klijenti tar-roaming ikunu jgawdu minn tariffa differenti għas-servizzi tar-roaming regolati minn dik li jintalbu mingħajr dik l-għażla. Il-fornitur tar-roaming għandu jfakkar lil dawk il-klijenti tar-roaming dwar in-natura tal-vantaġġi tar-roaming li b'hekk jintilfu.~~

Mingħajr preġudizzju għall-ewwel subparagrafu, il-fornituri tar-roaming għandhom japplikaw tariffa stabbilita f'konformità mal-Artikoli 5 ~~6a~~ u ~~6b~~, u mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-klijenti tar-roaming eżistenti u ġodda kollha b'mod awtomatiku.

Kwalunkwe klijent tar-roaming jista', fi kwalunkwe ħin, jitlob li jaqleb għal jew minn tariffa stabbilita f'konformità mal-Artikoli 5 ~~6a~~, ~~6b~~, ~~76e~~ u mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Meta l-klijenti tar-roaming deliberatament jagħżlu li jaqilbu minn jew lura għat-tariffa stabbilita f'konformità mal-Artikoli 5~~6a~~, ~~6b~~, ~~76e~~ u mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, kwalunkwe qlib għandu jsir fi żmien jum tax-xogħol mill-wasla tat-talba, ikun mingħajr ħlas u ma jkunx jinvolvi kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet li jappartjenu għal elementi tal-abbonamenti għajr ir-roaming. Il-fornituri tar-roaming jistgħu jidumu ma jagħmlu l-qlib sakemm it-tariffa tar-roaming preċedenti tkun ilha effettiva għal perjodu minimu speċifikat li ma jaqbix ix-xahrejn.

34. ⇒ Mingħajr preġudizzju għall-Parti III, it-Titolu III tad-Direttiva (UE) 2018/1972, ⇐ il-fornituri tar-roaming għandhom jiżguraw li kuntratt li jinkludi xi tip ta' servizz tar-roaming bl-innut regolat ikun jispeċifika l-karatteristiċi ewlenin ta' dak is-servizz tar-roaming bl-innut regolat ipprovdut, inkluż partikolarment:

(a) il-pjan jew il-pjanijiet ta' tariffar speċifiċi u, għal kull pjan ta' tariffar, it-tipi ta' servizzi offruti, inkluż il-volumi tal-komunikazzjoni;

(b) kwalunkwe restrizzjoni imposta fuq il-konsum tas-servizzi tar-roaming bl-innut regolati pprovduti fil-livell tal-prezz bl-innut domestiku applikabbli, b'mod partikolari informazzjoni kwantifikata dwar kif kwalunkwe użu tal-politika ta' użu ġust jiġi applikat b'referenza għall-parametri ewlenin tal-prezzijiet, tal-volum jew oħrajn tas-servizz tar-roaming bl-innut regolat ipprovdut ikkonċernat;=

⇓ ġdid

(c) il-kwalità tas-servizz mistenni b'mod raġonevoli waqt ir-roaming fl-Unjoni.

4. Il-fornituri tar-roaming għandhom jiżguraw li l-kuntratti li jinkludi xi tip ta' servizz tar-roaming bl-innut regolat ikunu jipprovdut informazzjoni dwar it-tipi ta' servizzi li jistgħu jkunu soġġetti għal żieda fit-tariffi tar-roaming.

⇓ 2015/2120 Art. 7.5 (adattat)  
⇒ ġdid

5. Il-fornituri tar-roaming għandhom jipubblikaw l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu fil-paragrafi 3 ⇒ u 4 ⇐ .

#### ~~Artikolu 6f~~

#### ~~Ħasijiet supplimentari tranżizzjonali tar-roaming bl-innut~~

~~1. Mit 30 ta' April 2016 sal 14 ta' Ġunju 2017, il-fornituri tar-roaming jistgħu japplikaw has supplimentari flimkien mal-prezz domestiku bl-innut għall-provvista ta' servizzi regolati ta' roaming bl-innut.~~

~~2. Matul il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Artikolu 6c għandu japplika mutatis mutandis.~~

⇓ 531/2012

#### ~~Artikolu 10z~~

#### ~~Tariffi bl-ingrossa għat-telefonati tar-roaming regolati~~

⇓ 2017/920 Art. 1.2 (adattat)  
⇒ ġdid

1. ~~B'effett mill-15 ta' Ġunju 2017, it-tariffa bl-ingrossa medja li l-operatur tan-network miżjur jista' jimponi fuq il-fornitur tar-roaming għall-forniment ta' telefonata tar-roaming regolata li toriġina minn dak in-network miżjur, inkluż, fost l-oħrajn, il-kostijiet tal-oriġini, tat-tranżitu u tat-terminazzjoni, ma għandhiex tkun aktar minn limitu ta' salvagwardja ta' EUR 0,032 ⇒ 0,022 ⇐ kull minuta. Dik it-tariffa massima bl-ingrossa għandha, mingħajr~~

~~preġudizzju għall-Artikolu 19, tibqa' EUR 0,032 sat 30 ta' Ġunju 2022~~ ⇒ tonqos għal EUR 0,019 kull minuta fl-1 ta' Jannar 2025 u għandha, mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 21, 22 u 23, tibqa' EUR 0,019 kull minuta sat-30 ta' Ġunju 2032. ⇐.

2. It-tariffa bl-ingrossa medja msemmija fil-paragrafu 1 għandha tapplika bejn kwalunkwe żewġ operaturi u għandha tiġi kkalkulata fuq perjodu ta' 12-il xahar jew kwalunkwe perjodu iqsar li jkun fadal qabel tmiem il-perjodu tal-applikazzjoni ta' tariffa bl-ingrossa medja massima, kif previst fil-paragrafu 1 jew qabel it-30 ta' Ġunju ~~2022~~ ⇒ 2032 ⇐.

↓ 531/2012

3. It-tariffa bl-ingrossa medja msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi kkalkulata billi d-dħul totali tar-roaming bl-ingrossa jiġi diviż bl-għadd totali tal-minuti tar-roaming bl-ingrossa użati effettivament għall-forniment tat-telefonati tar-roaming bl-ingrossa fl-Unjoni mill-operatur rilevanti tul il-perjodu rilevanti, aggregat abbażi ta' kull sekonda u aġġustat biex titqies il-possibbiltà li l-operatur tan-network miżjur japplika perjodu minimu inizjali ta' tariffar li ma jaqbiż it-30 sekonda.

### *Artikolu 119*

#### **Tariffi bl-ingrossa għall-messaġġi SMS tar-roaming regolati**

↓ 2017/920 Art. 1.3 (adattat)  
⇒ ġdid

1. ~~B'effett mill-15 ta' Ġunju 2017, i~~ It-tariffa bl-ingrossa medja li l-operatur tan-network miżjur jista' jimponi fuq il-fornitur tar-roaming għall-forniment ta' messaġġ SMS tar-roaming regolat li joriġina minn dak in-network miżjur, ma għandhiex tkun aktar minn limitu ta' salvagwardja ta' EUR ~~0,01~~ ⇒ 0,004 ⇐ għal kull messaġġ SMS ⇒. Dik it-tariffa massima bl-ingrossa għandha tonqos għal EUR 0,003 għal kull messaġġ SMS fl-1 ta' Jannar 2025, ⇐ u għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-Artikoli ~~21 u 19~~, ⇒ 22 u 23 ⇐, u tibqa' EUR ~~0,01~~ ⇒ 0,003 ⇐ sat-30 ta' Ġunju ⇒ 2032 ⇐ ~~2022~~.

↓ 531/2012  
⇒ ġdid

2. It-tariffa bl-ingrossa medja msemmija fil-paragrafu 1 għandha tapplika bejn kwalunkwe żewġ operaturi u għandha tiġi kkalkulata fuq perjodu ta' 12-il xahar jew kwalunkwe perjodu iqsar li jkun fadal ⇒ qabel tmiem il-perjodu tal-applikazzjoni ta' tariffa bl-ingrossa medja massima, kif previst fil-paragrafu 1 jew ⇐ qabel it-30 ta' Ġunju ⇒ 2032 ⇐ ~~2022~~.

3. It-tariffa bl-ingrossa medja msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi kkalkulata billi d-dħul totali bl-ingrossa riċevut mill-operatur tan-network miżjur jew mill-operatur tan-network tal-pajjiż tal-orġini għall-orġini u t-trażmissjoni ta' messaġġi SMS tar-roaming regolati fl-Unjoni tul il-perjodu rilevanti jiġi diviż bl-għadd totali ta' messaġġi SMS bħal dawk li joriġinaw u jiġu trażmessi f'isem il-fornitur tar-roaming rilevanti jew l-operatur tan-network tal-pajjiż tal-orġini tul dak il-perjodu.

4. L-operatur tan-network miżjur ma għandu jimponi l-ebda tariffa fuq l-fornitur tar-roaming jew l-operatur tan-network tal-pajjiż tal-orġini ta' klijent tar-roaming, b'mod separat

mit-tariffa msemmija fil-paragrafu 1, għat-terminazzjoni ta' messaġġ SMS tar-roaming regolat mibgħut lil klijent tar-roaming waqt roaming fuq in-network miżjur tiegħu.

#### ~~Artikolu 11~~

#### ~~Karatteristiċi tekniċi ta' messaġġi SMS roaming regolati~~

~~Ebda fornitur tar-roaming, fornitur domestiku, operatur ta' network tal-pajjiż ta' oriġini jew operatur ta' network miżjur ma għandu jibdel il-karatteristiċi tekniċi ta' messaġġi SMS roaming regolati b'tali mod li jagħmilhom differenti mill-karatteristiċi tekniċi ta' messaġġi SMS disponibbli fi ħdan is-suq domestiku tiegħu.~~

#### Artikolu 12

#### Tariffi bl-ingrossa għas-servizzi tar-roaming regolati tad-data

↓ 2017/920 Art. 1.4 (adattat)  
⇒ ġdid

1. ~~B'effett mill-15 ta' Ġunju 2017, i~~It-tariffa bl-ingrossa medja li l-operatur ta' network miżjur jista' jimponi fuq il-fornitur tar-roaming għall-forniment ta' servizzi tar-roaming regolati tad-data permezz ta' dak in-network miżjur ma għandhiex tkun aktar minn limitu ta' salvagwardja ta' EUR ⇒ 2,00 ⇐ ~~7,70~~ għal kull gigabyte ta' data trażmessa. Dik it-tariffa massima bl-ingrossa għandha tonqos għal EUR 6,00 għal kull gigabyte fl-1 ta' Jannar 2018, għal EUR 4,50 għal kull gigabyte fl-1 ta' Jannar 2019, għal EUR 3,50 ⇒ 1,50 ⇐ għal kull gigabyte ☒ ta' data trażmessa ☒ fl-1 ta' Jannar 2020 ⇒ 2025 ⇐ għal EUR 3,00 għal kull gigabyte fl-1 ta' Jannar 2021 u għal EUR 2,50 għal kull gigabyte fl-1 ta' Jannar 2022. Din ☒ u ☒ mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 2119, ⇒ 22 u 23 ⇐ tibqa' EUR ~~2,50~~ ⇒ 1,50 ⇐ għal kull gigabyte ta' data trażmessa sat-30 ta' Ġunju ⇒ 2032 ⇐ ~~2022~~.

↓ 531/2012  
⇒ ġdid

2. It-tariffa bl-ingrossa medja msemmija fil-paragrafu 1 għandha tapplika bejn kwalunkwe żewġ operaturi u għandha tiġi kkalkulata fuq perjodu ta' 12-il xahar jew kwalunkwe perjodu iqsar li jkun fadal ⇒ qabel tmiem il-perjodu tal-applikazzjoni ta' tariffa bl-ingrossa medja massima, kif previst fil-paragrafu 1 jew qabel it-30 ta' Ġunju 2032 ⇐ ~~qabel it-30 ta' Ġunju 2022~~.

3. It-tariffa bl-ingrossa medja msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi kkalkulata billi d-dħul totali bl-ingrossa riċevut mill-operatur tan-network miżjur jew mill-operatur tan-network tal-pajjiż tal-oriġini għall-forniment ta' servizzi tar-roaming regolati tad-data tul il-perjodu rilevanti jiġi diviż bl-għadd totali ta' megabytes tad-data effettivament użati għall-forniment ta' dawk is-servizzi tul dak il-perjodu, aggregat abbażi ta' kull kilobyte f'isem il-fornitur tar-roaming rilevanti jew l-operatur tan-network tal-pajjiż tal-oriġini tul dak il-perjodu.

↓ ġdid

#### Artikolu 13

#### Tariffi bl-ingrossa għall-komunikazzjonijiet ta' emerġenza



Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 10, 11 u 12, l-operatur tan-network miżjur ma għandu jimponi l-ebda tariffa fuq il-fornitur tar-roaming relatata mal-komunikazzjonijiet ta' emerġenza mibdija mill-klijent tar-roaming, u mat-trażmissjoni tal-informazzjoni dwar il-lokalizzazzjoni ta' min jagħmel it-telefonata.

↓ 531/2012 (adattat)

#### Artikolu 14

### Trasparenza ~~tal-tariffi~~ tal-kundizzjonijiet tar-roaming bl-innut tal-telefonati u tal-messaġġi SMS

1. Biex il-klijenti tar-roaming jiġu notifikati dwar il-fatt li se jkunu soġġetti għal tariffi tar-roaming meta jagħmlu jew jirċievu telefonati jew meta jibagħtu messaġġi SMS, kull furnitur tar-roaming għandu, għajr meta l-klijent ikun innotifika l-klijenti jkunu nnotifikaw lill-fornitur tar-roaming tiegħu li tagħhom li ma jeħtiġux dan is-servizz, jipprovdi informazzjoni personalizzata bażika lill-klijenti, b'mod awtomatiku, permezz ta' Servizz ta' Messaġġi, mingħajr dewmien żejjed u mingħajr ħlas, meta jidħol jidħlu fi Stat Membru ieħor li mhux dak tal-fornitur domestiku tiegħu tagħhom dwar il-prezzijiet dwar it-tariffi tar-roaming (inkluża l-VAT) li japplikaw għal dawk il-klijenti biex jagħmlu u jirċievu telefonati u biex jibagħtu messaġġi SMS fl-Istat Membru miżjur.

↓ 2015/2120 Art. 7.7(a)

Dik l-informazzjoni personalizzata bażika dwar il-prezzijiet għandha tingħata bil-munita tal-kont tal-pajjiż tal-oriġini pprovdut mill-fornitur domestiku tal-klijent u għandha tinkludi informazzjoni dwar:

- (a) kwalunkwe politika ta' użu ġust li l-klijent tar-roaming huwa soġġett għaliha fl-Unjoni kollha u t-tariffi supplimentari applikabli għall-użu li jaqbeż kwalunkwe limitu skont dik il-politika ta' użu ġust; u
- (b) kwalunkwe tariffa supplimentari applikata skont l-Artikolu ~~76e~~.

↓ ġdid

Il-fornituri tar-roaming għandhom, għajr meta l-klijent tar-roaming ikun innotifika lill-fornitur tar-roaming li ma jeħtiġux dan is-servizz, jipprovdu informazzjoni personalizzata bażika lill-klijent, permezz ta' Servizz ta' Messaġġi awtomatiċi, mingħajr dewmien żejjed u mingħajr ħlas, meta l-klijent tar-roaming jidħol fi Stat Membru differenti minn dak tal-fornitur domestiku tiegħu, dwar ir-riskju potenzjali ta' żieda fit-tariffi minħabba l-użu ta' servizzi ta' valur miżjud, inkluż link għal paġna web apposta b'informazzjoni dwar it-tipi ta' servizzi li jistgħu jkunu soġġetti għal żieda fil-kostijiet u, jekk disponibbli, informazzjoni dwar il-meded tan-numri għas-servizzi ta' valur miżjud.

↓ 531/2012 (adattat)

~~Hija~~ L-informazzjoni personalizzata bażika dwar il-prezzijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tinkludi wkoll in-numru mingħajr ħlas imsemmi fil-paragrafu 2 biex tinkiseb informazzjoni aktar dettaljata ~~u informazzjoni dwar il-possibbiltà ta' aċċess~~

~~għas-servizzi ta' emerġenza billi wieħed iċċempel in-numru ta' emerġenza Ewropew 112 bla  
hłas.~~

Għal kull messaggġ, klijent għandu jkollu l-opportunità li jinnotifika lill-fornitur tar-roaming, mingħajr hłas u faċilment, li ma jeħtieġx is-Servizz ta' Messaggġi awtomatiċi. Klijent li jinnotifika li ma jeħtieġx is-Servizz ta' Messaggġi awtomatiċi għandu jkollu d-dritt li fi kwalunkwe ħin u mingħajr hłas jitlob lill-fornitur tar-roaming biex jerġa' jipprovdi s-servizz.

Il-fornituri tar-roaming għandhom jipprovdu l-informazzjoni personalizzata bażika dwar il-prezzijiet msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-klijenti neqsin mid-dawl jew li jkollhom vista parzjali, b'mod awtomatiku, permezz ta' telefonata bil-vuċi, mingħajr hłas, jekk jintalbu dan.

↓ 2015/2120 Art. 7.7(b)

L-ewwel, it-tieni, ~~il-hamesir-raba'~~ u ~~s-sitt-ħames~~ subparagrafi, għajr ir-referenza għall-politika ta' użu ġust u t-tariffa supplimentari applikata skont l-Artikolu ~~76e~~, għandhom japplikaw ukoll għas-servizzi tar-roaming bil-vuċi u tal-messaggġi SMS użati mill-klijenti tar-roaming waqt ivvjaġġar barra mill-Unjoni u pprovdu minn fornitur tar-roaming.

↓ 531/2012 (adattat)

2. Minbarra ☒ l-informazzjoni prevista ☒ fil-paragrafu 1, il-klijenti għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu, mingħajr hłas u irrispettivament minn fejn ikunu fl-Unjoni, aktar informazzjoni personalizzata dettaljata dwar it-tariffi tar-roaming applikabbli fin-network miżjur għat-telefonati bil-vuċi u l-messaggġi SMS, u informazzjoni dwar il-miżuri tat-trasparenza, applikabbli skont dan ir-Regolament, permezz ta' telefonata mobbli jew SMS. Din it-talba għandha ssir permezz ta' numru mingħajr hłas assenjat għal dan il-għan mill-fornitur tar-roaming. L-obbligi previsti fil-paragrafi 1 ma għandhomx japplikaw għall-apparati li ma jappoġġax il-funzjonalità tal-SMS.

↓ 2015/2120 Art. 7.7(c)

~~32a.~~ Il-fornitur tar-roaming għandu jibgħat notifika lill-klijent tar-roaming meta jiġi kkunsmat il-volum kollu ta' użu ġust applikabbli għas-servizzi tar-roaming regolati bil-vuċi jew tal-messaggġi SMS jew meta jintlaħaq kwalunkwe limitu massimu għall-użu applikat skont l-Artikolu ~~76e~~. Dik in-notifika għandha tindika t-tariffa supplimentari li se tiġi applikata għal kull konsum addizzjonali tas-servizzi tar-roaming regolati bil-vuċi jew tal-messaggġi SMS, min-naħa tal-klijent tar-roaming. Kull klijent għandu jkollu d-dritt li jitlob lill-fornitur tar-roaming biex ma jibqax jibgħat dawn in-notifiki u għandu jkollu d-dritt li fi kwalunkwe ħin u mingħajr hłas jitlob lill-fornitur tar-roaming biex jerġa' jibda jipprovdi s-servizz.

↓ 2015/2120 Art. 7.7(d)

~~43.~~ Meta jsiru abbonamenti, il-fornituri tar-roaming għandhom jipprovdu l-informazzjoni sħiħa lill-klijenti kollha dwar it-tariffi tar-roaming applikabbli. Għandhom jipprovdu wkoll aġġornamenti lill-klijenti tar-roaming tagħhom dwar it-tariffi tar-roaming applikabbli mingħajr dewmien żejjed kull darba li jinbidlu dawn it-tariffi.

Il-fornituri tar-roaming għandhom jibagħtu tfakkira permezz ta' messaggġ f'intervalli raġonevoli lill-klijenti kollha li jkunu għażlu tariffa oħra.

54. Il-fornituri tar-roaming għandhom jagħmlu disponibbli informazzjoni lill-klijenti ta'għhom dwar kif jistgħu jevitaw ir-roaming involontarju fir-reġjuni tal-fruntieri. Il-fornituri tar-roaming għandhom jieħdu passi raġonevoli biex jiproteġu lill-klijenti ta'għhom milli jħallsu tariffi tar-roaming għal aċċess involontarju għas-servizzi tar-roaming meta jkunu fl-Istat Membru ta'għhom.

*Artikolu 15*

**Mekkaniżmi ta' salvagwardja u ta' trasparenza għas-servizzi tar-roaming bl-immnut tad-data**

1. Il-fornituri tar-roaming għandhom jiżguraw li l-klijenti tar-roaming ta'għhom ikunu infurmati kif xieraq, qabel u wara l-konklużjoni ta' kuntratt, dwar it-tariffi applikabbli għall-użu ta'għhom tas-servizzi tar-roaming regolati tad-data, b'mod li jkun eħfef għall-klijenti biex jifhemu l-konsegwenzi finanzjarji ta' dan l-użu u jkunu jistgħu jimmonitorjaw u jikkontrollaw in-nefqa ta'għhom fuq is-servizzi tar-roaming regolati tad-data skont il-paragrafi 2 u ~~4~~.

Meta jkun xieraq, il-fornituri tar-roaming għandhom jinfirmaw lill-klijenti ta'għhom, qabel il-konklużjoni ta' kuntratt u b'mod regolari wara dan, dwar ir-riskju ta' konnessjoni u tniżżil awtomatiku u bla kontroll ta' servizzi tar-roaming tad-data. Barra minn hekk, il-fornituri tar-roaming għandhom jinnotifikaw lill-klijenti ta'għhom, mingħajr ħlas, b'mod ċar u li jista' jinftiehem faċilment, dwar kif dawn il-konnessjonijiet awtomatiċi tar-roaming tad-data jistgħu jintfew biex jevitaw konsum bla kontroll ta' servizzi tar-roaming tad-data.

2. Messaġġ awtomatiku mill-fornitur tar-roaming għandu jinforma lill-klijent tar-roaming li dan tal-aħħar ikun qed juża servizzi tar-roaming regolati tad-data, u għandu jipprovdi informazzjoni personalizzata bażika dwar it-tariffi (bil-munita tal-kont tal-pajjiż tal-orijini pprovdut mill-fornitur domestiku tal-klijent) applikabbli għall-forniment ta' servizzi tar-roaming regolati tad-data lil dak il-klijent tar-roaming fl-Istat Membru kkonċernat, għajr meta l-klijent ikun innotifika lill-fornitur tar-roaming li huwa ma jeħtieġx dik l-informazzjoni.

Dik l-informazzjoni personalizzata bażika dwar it-tariffi għandha tinkludi informazzjoni dwar:

- (a) kwalunkwe politika ta' użu ġust li l-klijent tar-roaming huwa soġġett għaliha fl-Unjoni kollha u t-tariffi supplimentari applikabbli għall-użu li jaqbeż kwalunkwe limitu skont dik il-politika ta' użu ġust; u
- (b) kwalunkwe tariffa supplimentari applikata skont l-Artikolu ~~7~~ 6e.

L-informazzjoni għandha tintbagħat lill-apparat mobbli tal-klijent tar-roaming, pereżempju b'messaġġ SMS, b'email jew b'pop-up fuq l-apparat mobbli, kull darba li l-klijent tar-roaming jidħol fi Stat Membru li mhux dak tal-fornitur domestiku tiegħu u jibda servizz għall-ewwel darba ta' roaming tad-data f'dak l-Istat Membru partikolari. Din għandha tintbagħat mingħajr ħlas fil-mument meta l-klijent tar-roaming jibda servizz tar-roaming regolat tad-data, permezz ta' mezz xieraq li jista' jasal u jinftiehem faċilment.

Il-klijent li jkun innotifika lill-fornitur tar-roaming tiegħu li huwa ma jeħtieġx l-informazzjoni awtomatika dwar it-tariffi, għandu jkollu d-dritt li fi kwalunkwe ħin u mingħajr ħlas jitlob lill-fornitur tar-roaming biex jerġa' jiprovdi dan is-servizz.

↓ 2015/2120 Art. 7.8(b)

~~32a.~~ Il-fornitur tar-roaming għandu jibgħat notifika meta jiġi kkunsmat il-volum kollu ta' użu ġust applikabbli għas-servizzi tar-roaming regolati tad-*data* jew meta jintlaħaq kwalunkwe limitu massimu għall-użu applikat skont l-Artikolu ~~76e~~. Dik in-notifika għandha tindika t-tariffa supplimentari li se tiġi applikata għal kwalunkwe konsum addizzjonali tas-servizzi tar-roaming regolati tad-*data* min-naħa tal-klijent tar-roaming. Kull klijent għandu jkollu d-dritt li jitlob lill-fornitur tar-roaming biex ma jibqax jibgħat dawn in-notifiki u għandu jkollu d-dritt li fi kwalunkwe ħin u mingħajr hłas jitlob lill-fornitur tar-roaming biex jerġa' jibda jipprovdi s-servizz.

↓ 2015/2120 Art. 7.8(c)

~~43.~~ Kull fornitur tar-roaming għandu jagħti l-opportunità lill-klijenti tar-roaming kollha tiegħu li deliberatament u mingħajr hłas jagħżlu faċilità li tipprovdi informazzjoni fil-ħin dwar il-konsum akkumulat, espressa b'hála volum jew bil-munita tal-fatturar tal-klijent tar-roaming għas-servizzi tar-roaming regolati tad-*data* u li tiggarrantixxi li, mingħajr il-kunsens espliċitu tal-klijent, in-nefqa akkumulata għas-servizzi tar-roaming regolati tad-*data* tul perjodu speċifikat tal-użu, għajr l-MMS iffatturati abbażi ta' kull unità, ma taqbix limitu finanzjarju speċifikat.

↓ 531/2012 (adattat)

Għal ~~dan~~  dak  il-għan, il-fornitur tar-roaming għandu jagħmel disponibbli limitu finanzjarju massimu wieħed jew aktar għal perjodi speċifikati tal-użu, diment li l-klijent ikun informat minn qabel dwar l-ammonti tal-volum korrispondenti. Wieħed minn daww il-limiti (il-limitu finanzjarju awtomatiku) għandu jkun viċin u ma għandux jaqbeż il-EUR 50 ta' tariffi pendenti għal kull perjodu ta' fatturar ta' kull xahar (eskluża l-VAT).

Inkella, il-fornitur tar-roaming jista' jistabbilixxi limiti espressi f'volum, diment li l-klijent ikun informat minn qabel dwar l-ammonti finanzjarji korrispondenti. Wieħed minn daww il-limiti (il-limitu tal-volum awtomatiku) għandu jkollu ammont finanzjarju korrispondenti li ma jaqbix il-EUR 50 ta' tariffi pendenti għal kull perjodu ta' fatturar ta' kull xahar (eskluża l-VAT).

Barra minn hekk, il-fornitur tar-roaming jista' joffri limiti oħra lill-klijenti tar-roaming tiegħu b'limiti massimi finanzjarji differenti ta' kull xahar, jiġifieri, oġhla jew aktar baxxi.

Il-limiti awtomatiċi msemmija fit-tieni u t-tielet subparagrafi għandu jkun applikabbli għall-klijenti kollha li ma jkunux għażlu limitu ieħor.

Kull fornitur tar-roaming għandu wkoll jiżgura li tintbagħat notifika xierqa lill-apparat mobbli tal-klijent tar-roaming, pereżempju b'messaġġ SMS, b'email, jew b'pop-up fuq il-kompjuter, meta s-servizzi tar-roaming tad-*data* jkun laħqu t-80 % tal-limitu finanzjarju jew tal-volum miftiehem. Kull klijent għandu jkollu d-dritt li jitlob lill-fornitur tar-roaming biex ma jibqax jibgħat notifiki ta' dan it-tip u għandu jkollu d-dritt li fi kwalunkwe ħin u mingħajr hłas jitlob lill-fornitur biex jerġa' jibda s-servizz.

Meta l-limitu finanzjarju jew tal-volum jinqabeż mod ieħor, għandha tintbagħat notifika lill-apparat mobbli tal-klijent tar-roaming. Dik in-notifika għandha tindika l-proċedura li trid tintuża jekk il-klijent jixtieq jissokta l-forniment ta' dawn is-servizzi u jerfa' l-kost assoċjat ma' kull unità addizzjonali kkonsmata. Jekk il-klijent tar-roaming ma jweġibx kif mitlub fin-

notifika li rċieva, il-fornitur tar-roaming għandu jwaqqaf minnufih il-forniment u l-impożizzjoni tat-tariffi għas-servizzi tar-roaming regolati tad-*data* lill-klijent tar-roaming, sakemm il-klijent tar-roaming ma jkunx talab li jissokta jew jiġġedded il-forniment ta' dawn is-servizzi, għat-tul mitlub minnu.

Kull meta klijent tar-roaming jitlob li jagħżel jew ineħħi faċilità ta' limitu finanzjarju jew tal-volum, il-bidla għandha ssir fi żmien jum wieħed tax-xogħol mill-wasla tat-talba, għandha tkun mingħajr ħlas, u ma għandhiex tinvolvi kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet relatati ma' elementi oħra tal-abbonament.

54. Il-paragrafi 2 u 43 ma għandhomx japplikaw għall-apparati minn magna għal magna li jużaw komunikazzjoni mobbli tad-*data*.

65. Il-fornituri tar-roaming għandhom jieħdu passi raġonevoli biex jipproteġu lill-klijenti tagħhom milli jħallsu tariffi tar-roaming għal aċċess involontarju għas-servizzi tar-roaming meta jkunu fl-Istat Membru tagħhom. Dan għandu jinkludi informazzjoni lill-klijenti dwar kif jistgħu jevitaw ir-roaming involontarju fir-reġjuni tal-fruntieri.

↓ 2015/2120 Art. 7.8(d) (adattat)

76. Dan l-Artikolu, għajr il-paragrafu 65, ~~ta'~~ it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 u ~~ta'~~ l-paragrafu 32a, u soġġett għat-tieni u t-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu, għandu japplika wkoll għas-servizzi tar-roaming tad-*data* użati mill-klijenti tar-roaming waqt ivvjaġġar barra mill-Unjoni u pprovduti minn fornitur tar-roaming.

↓ 531/2012

Meta l-klijent jagħżel il-faċilità msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3, ir-rekwiżiti previsti fil-paragrafu 43 ma għandhomx japplikaw jekk l-operatur tan-network miżjur fil-pajjiż miżjur barra mill-Unjoni ma jkunx jippermetti lill-fornitur tar-roaming jimmonitorja l-użu tal-klijenti tiegħu f'ħin reali.

F'dak il-każ, il-klijent għandu jiġi nnotifikat b'messaġġ SMS meta jidħol f'pajjiż bħal dan, mingħajr dewmien żejjed u mingħajr ħlas, li l-informazzjoni dwar il-konsum akkumulat u l-garanzija li ma jinqabixx limitu finanzjarju speċifikat, mhijiex disponibbli.

↓ ġdid

## Artikolu 16

### Trasparenza dwar il-mezzi ta' aċċess għas-servizzi ta' emerġenza

Il-fornituri tar-roaming għandhom jiżguraw li l-klijenti tar-roaming tagħhom jinżammu infurmati kif xieraq dwar il-mezzi ta' aċċess għas-servizzi ta' emerġenza fl-Istat Membru miżjur.

Messaġġ awtomatiku mingħand il-fornitur tar-roaming għandu jinforma lill-klijent tar-roaming li dan tal-aħħar jista' jaċċessa s-servizzi ta' emerġenza mingħajr ħlas billi jċempel in-numru uniku Ewropew ta' emerġenza "112" u b'mezzi alternattivi ta' aċċess għas-servizzi ta' emerġenza permezz tal-komunikazzjonijiet ta' emerġenza ordnati fl-Istat Membru miżjur. L-informazzjoni għandha tintbagħat lill-apparat mobbli tal-klijent tar-roaming b'messaġġ SMS, kull darba li l-klijent tar-roaming jidħol fi Stat Membru differenti minn dak tal-fornitur domestiku tiegħu. Din għandha tintbagħat mingħajr ħlas fil-mument meta l-klijent tar-

roaming jibda servizz tar-roaming, permezz ta' mezz xieraq li jista' jasal u jinftiehem faċilment.

#### Artikolu 17

#### Bażi tad-data għall-meded tan-numri għas-servizzi ta' valur miżjud

Il-BEREC għandu jistabbilixxi u jżomm bażi tad-data ċentralizzata tal-UE għall-meded tan-numri għas-servizzi ta' valur miżjud f'kull Stat Membru, li trid tkun aċċessibbli għall-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u għall-operaturi. Il-bażi tad-data għandha tiġi stabbilita sal-31 ta' Diċembru 2023. Għal dak il-għan, l-NRA jew awtoritajiet kompetenti oħra għandhom, b'mezzi elettroniċi, jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa u l-aġġornamenti rilevanti lill-BEREC mingħajr dewmien żejjed.

↓ 531/2012

#### Artikolu 18 ~~16~~

#### Superviżjoni u infurzar

1. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom iwettqu monitoraġġ u superviżjoni tal-konformità fit-territorju tagħhom ma' dan ir-Regolament.

↓ 2015/2120 Art. 7.9(a)

L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom iwettqu monitoraġġ u superviżjoni stretti tal-fornituri tar-roaming li jużaw l-Artikoli ~~66b~~, ~~76e~~ u ~~96e~~(3).

↓ 2017/920 Art. 1.5(a)

2. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u, meta rilevanti, il-BEREC għandhom jippubblikaw informazzjoni aġġornata dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-Artikoli ~~56a~~, ~~66b~~, ~~76e~~, ~~96e~~, ~~107~~, ~~119~~, u 12, b'mod li l-partijiet interessati jkun jista' jkollhom aċċess faċli għaliha.

↓ 531/2012 (adattat)

3. Bħala preparazzjoni għar-rieżami previst fl-Artikolu ~~1921~~, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jimmonitorjaw l-iżviluppi fit-tariffi bl-ingrossa u bl-imnut għall-forniment ta' servizzi bil-voċi u tad-data, inkluż SMS u MMS, lill-klijenti tar-roaming, anke fl-aktar reġjuni periferiċi msemmija fl-Artikolu 349 tat-Trattat ~~dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea~~. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom ukoll jiġu notifikati dwar il-każ partikolari ta' roaming involontarju fir-reġjuni tal-fruntieri ta' Stati Membri ġirien u jimmonitorjaw jekk ikunux qed jintużaw tekniki ta' ġestjoni tat-traffiku b'mod żvantaġġuż għall-klijenti.

L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jimmonitorjaw u jiġbru informazzjoni dwar ir-roaming involontarju u jieħdu miżuri xierqa.

4. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandu jkollhom is-setgħa li jeżiġu li l-impriżi soġġetti għall-obbligi skont dan ir-Regolament, jipprovdu kull informazzjoni rilevanti għall-

implimentazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament. Dawk l-impriżi għandhom jipprovdu din l-informazzjoni minnufih meta mitluba, u sal-iskadenzi u bil-livell ta' dettall meħtieġ mill-awtorità regolatorja nazzjonali.

↓ 2017/920 Art. 1.5(b)

~~54a~~. Meta awtorità regolatorja nazzjonali jidhrilha li f'konformità mar-regoli tal-Unjoni jew nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità kummerċjali, ċertu informazzjoni tkun kunfidenzjali, il-Kummissjoni, il-BEREC u kwalunkwe awtorità regolatorja nazzjonali kkonċernata oħra għandhom jiżguraw dik il-kunfidenzjalità. Il-kunfidenzjalità kummerċjali ma għandhiex tipprevjeni il-kondiviżjoni fil-ħin tal-informazzjoni bejn l-awtorità regolatorja nazzjonali, il-Kummissjoni, il-BEREC u kwalunkwe awtorità regolatorja nazzjonali kkonċernata oħra għall-finijiet ta' rieżami, monitoraġġ u superviżjoni tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

↓ 531/2012

~~65~~. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistgħu jintervjenu b'inizjattiva tagħhom stess biex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament. Għandhom, b'mod partikolari u meta meħtieġ, jużaw is-setgħat skont l-Artikolu ~~615~~ tad-Direttiva ~~dwar l-Aċċess~~ (UE) 2018/1972 biex jiżguraw aċċess u interkonnessjoni adegwati ħalli jiżguraw konnettività end-to-end u interoperabbiltà tas-servizzi tar-roaming, pereżempju meta l-klijenti ma jkunux jistgħu jagħmlu skambju ta' messaġġi SMS tar-roaming regolati ma' klijenti ta' network pubbliku tal-komunikazzjoni mobbli terrestri fi Stat Membru ieħor minħabba n-nuqqas ta' ftehim li jippermetti t-twassil ta' dawk il-messaġġi.

~~76~~. Meta awtorità regolatorja nazzjonali ssib li jkun sar ksur tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament, din għandu jkollha s-setgħa teżiġi l-waqfien immedjat ta' dan il-ksur.

#### Artikolu ~~1917~~

### Soluzzjoni tat-tilwim

1. Fil-każ ta' tilwim konness mal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament bejn l-impriżi li jipprovdu networks jew servizzi tal-komunikazzjoni elettronika fi Stat Membru, għandhom japplikaw il-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim stabbiliti fl-Artikoli ~~2620~~ u ~~2721~~ tad-Direttiva ~~Kwadro~~ (UE) 2018/1972.

↓ 2017/920 Art. 1.6

⇒ ġdid

It-tilwim bejn l-operaturi tan-network miżjur u operaturi oħra dwar ir-rati applikati għall-inputs meħtieġa għall-forniment ta' servizzi tar-roaming bl-ingrossa regolati jista' jitressaq quddiem l-awtorità jew l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kompetenti skont l-Artikolu ~~2620~~ jew ⇒ u ⇐ ~~2721~~ tad-Direttiva Qafas (UE) 2018/197. F'każ bħal dan, l-awtorità jew l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kompetenti ~~jistgħu jikkonsultaw~~ ⇒ għandhom jinnotifikaw it-tilwim ⇐ lill-BEREC ⇒ biex tinstab soluzzjoni konsistenti għat-tilwim ⇐ ~~dwar l-azzjoni li trid tittieħed skont id-Direttiva Qafas, id-Direttivi Speċifiċi jew dan ir-Regolament għar-risolwiment tat-tilwima~~. Meta l-BEREC ikun ġie kkonsultat, l-awtorità jew l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kompetenti għandhom jistennew l-opinjoni tal-BEREC qabel ma jieħdu azzjoni biex isolvu t-tilwim.

↓ 531/2012 (adattat)  
⇒ ġdid

2. Fil-każ tat-tilwim mhux solvut li jinvolvi klient jew utent finali u li jikkonċerna kwistjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jiżguraw id-disponibbiltà tal-proċeduri għal soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti stabbiliti fl-Artikolu 2534 tad-Direttiva dwar Servizz Universali (UE) 2018/1972.

#### Artikolu 2018

##### **Penali**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament, u jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ⇒, mingħajr dewmien, ⇐ ~~dawk id-dispożizzjonijiet~~ lill-Kummissjoni ~~sat 30 ta' Ġunju 2013~~ ☒ b'dawk ir-regoli u l-miżuri ☒ u ~~għandhom mingħajr dewmien jinnotifikawha~~ b'kull emenda sussegwenti li taffettwahom.

↓ 2015/2120 Art. 7.10 (adattat)

#### Artikolu 2119

##### **Rieżami**

~~1. Sad 29 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni għandha tnedi rieżami tas-suq tar-roaming bl-ingrossa bil-ħsieb li tivvaluta l-miżuri meħtieġa biex tkun possibbli t-tneħħija tal-ħlasijiet supplimentari għar-roaming bl-innut sal-15 ta' Ġunju 2017. Il-Kummissjoni għandha teżamina, fost affarijiet oħra, il-livell ta' kompetizzjoni fis-swieq nazzjonali bl-ingrossa, u partikolarment għandha tivvaluta l-livell tal-ispejjeż bl-ingrossa mġarrba u l-ħlasijiet bl-ingrossa applikati, u s-sitwazzjoni kompetittiva tal-operatori b'ambitu ġeografiku limitat, inklużi l-effetti ta' ftehimiet kummerċjali fuq il-kompetizzjoni kif ukoll fuq il-ħila tal-operatori li jieħdu vantaġġ mill-ekonomiji ta' skala. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll l-iżviluppi fil-kompetizzjoni fis-swieq tar-roaming bl-innut u kwalunkwe riskji ċari ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u inċentivi ta' investiment fis-swieq domestiċi u dawk miżjura. Fil-valutazzjoni tal-miżuri meħtieġa sabiex jippermettu t-tneħħija tal-ħlasijiet supplimentari għar-roaming bl-innut, il-Kummissjoni għandha tqis il-ħtieġa li jiġi zżurat li l-operatori tan-network miżjura jkunu jistgħu jirkupraw l-ispejjeż kollha tal-provvista ta' servizzi regolati tar-roaming bl-ingrossa, inkluż l-ispejjeż konġunti u komuni. Il-Kummissjoni għandha tqis ukoll il-ħtieġa li jiġi pprevenut roaming permanenti jew użu anomalju jew abbużiv ta' aċċess għar-roaming bl-ingrossa għal skopijiet għajr il-provvista ta' servizzi regolati tar-roaming lill-klijenti tal-fornituri tar-roaming filwaqt li dawn l-utenti jivvjaġġaw perijodikament fl-Unjoni.~~

~~2. Sal-15 ta' Ġunju 2016, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-sejbiet tar-rieżami msemmi fil-paragrafu 1.~~

~~Dak ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva xierqa ppreċeduta minn konsultazzjoni pubblika, biex jiġu emendati l-ħlasijiet bl-ingrossa għas-servizzi regolati tar-roaming stipulati f'dan ir-Regolament jew biex tiġi pprovduta soluzzjoni oħra biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet identifikati fil-livell bl-ingrossa bil-ħsieb li jitneħħew il-ħlasijiet supplimentari tar-roaming regolat sal-15 ta' Ġunju 2017.~~



↓ 2017/920 Art. 1.7(a) (adattat)  
⇒ ġdid

~~31. Addizzjonalment, il-Kummissjoni għandha, sal-15 ta' Diċembru 2018, tibgħat rapport interim lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jiġbor fih l-effetti tal-abolizzjoni tat-tariffi supplimentari għar-roaming bl-imnut, filwaqt li jaqis kwalunkwe rapport rilevanti tal-BEREC. Il-Kummissjoni għandha sussegwentement, tikkonsulta lill-BEREC u tressaq rapport interim ⇒ żewġ rapporti ⇐ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, ~~akkompanjati, jekk xieraq, permezz ta' proposta leġislattiva li temenda~~ ⇒ Meta meħtieġ, wara s-sottomissjoni ta' kull rapport, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat skont l-Artikolu 22 li jemenda ⇐ t-tariffi massimi bl-ingrossa għas-servizzi tar-roaming regolati stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-ewwel rapport ta' dan it-tip għandu jiġi ppreżentat ~~sal-15 ta' Diċembru 2019~~ ⇒ sat-30 ta' Ġunju 2025 u t-tieni sat-30 ta' Ġunju 2029 ⇐.~~

~~Dawk ir-rapporti ta' kull sentejn~~ ☒ Ir-rapporti ☒ għandhom jinkludu, fost l-oħrajn, valutazzjoni ta':

(a) id-disponibbiltà u l-kwalità tas-servizzi, inkluż dawk li huma alternattiva għas-servizzi tar-roaming regolati bil-vuċi, tal-messaġġi SMS u tad-*data*, b'mod partikolari fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi ⇒ tal-aċċess għal teknoloġiji u ġenerazzjonijiet differenti tan-network ⇐;

(b) il-livell ta' kompetizzjoni fis-swieq tar-roaming bl-imnut u bl-ingrossa, b'mod partikolari ⇒ r-rati effettivi bl-ingrossa mħallsa mill-operaturi u ⇐ s-sitwazzjoni kompetittiva ta' operaturi żgħar, indipendenti jew li għadhom kemm bdew, u l-MVNOs, inkluż l-effetti tal-ftehimiet kummerċjali fuq il-kompetizzjoni u l-livell ta' interkonnessjoni bejn l-operaturi, ⇒ tat-traffiku nnegożjat fuq il-pjattaformi tan-negożjar u strumenti simili ⇐ u l-livell ta' interkonnessjoni bejn l-operaturi;

↓ ġdid

(c) l-evoluzzjoni tar-roaming minn magna għal magna;

↓ 2017/920 Art. 1.7(a)

~~(ed)~~ il-punt sa fejn l-implimentazzjoni tal-miżuri ~~strutturali~~ previsti fl-Artikoli 3 u 4, b'mod partikolari, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, tal-proċedura għal awtorizzazzjoni minn qabel stabbilita fl-Artikolu 3(6), kisbet riżultati fl-iżvilupp tal-kompetizzjoni fis-suq intern għas-servizzi tar-roaming regolati;

~~(de)~~ l-evoluzzjoni tal-pjanijiet ta' tariffar bl-imnut disponibbli;

~~(ef)~~ il-bidliet fix-xejriet tal-konsum tad-*data* għas-servizzi domestiċi u tar-roaming;

~~(fg)~~ l-abbiltà tal-operaturi tan-network tal-pajjiż tal-oriġini li jsostnu l-mudell ta' tariffar domestiku tagħhom u sa liema punt it-tariffi supplimentari tar-roaming bl-imnut eċċezzjonali ġew awtorizzati skont l-Artikolu ~~7~~6e;

~~(għ)~~ l-abbiltà tal-operaturi tan-networks miżjura li jirkupraw il-kostijiet imġarrba b'mod effiċjenti talli jipprovdu servizzi tar-roaming bl-ingrossa regolati;

(~~hi~~) l-impatt tal-applikazzjoni tal-politiki ta' użu għust minn operaturi f'konformità mal-Artikolu ~~86d~~, inkluż l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe inkonsistenza fl-applikazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' dawn il-politiki ta' użu għust;

↓ ġdid

(j) il-punt sa fejn il-klijenti tar-roaming u l-operaturi jiffaċċjaw problemi fir-rigward tas-servizzi ta' valur miżjud;

(k) l-applikazzjoni tal-miżuri ta' dan ir-Regolament dwar il-komunikazzjonijiet ta' emerġenza.

↓ 2017/920 Art. 1.7(b)

⇒ ġdid

24. Biex jivvaluta l-iżviluppi kompetittivi fis-swieq tar-roaming fl-Unjoni kollha, il-BEREC għandu jiġbor *data* regolarment mingħand l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali dwar l-iżviluppi fit-tariffi bl-immnut u bl-ingrossa għas-servizzi tar-roaming regolati bil-vuċi, tal-messaġġi SMS u tad-*data*, inkluż it-tariffi bl-ingrossa applikati għat-traffiku tar-roaming bilanċjat u mhux bilanċjat, rispettivament ⇒, dwar l-użu tal-pjattaformi tan-negożjar u strumenti simili, dwar l-iżvilupp tar-roaming minn magna għal magna, u dwar kemm il-ftehimiet tar-roaming bl-ingrossa jkopru l-kwalità tas-servizz u jagħtu aċċess għal teknoloġiji u ġenerazzjonijiet differenti tan-network. Il-BEREC għandu jiġbor regolarment ukoll *data* mingħand l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali dwar l-applikazzjoni tal-politika ta' użu għust min-naħa tal-operaturi, l-iżviluppi ta' tariffi domestiċi biss, l-applikazzjoni tal-mekkaniżmi tas-sostenibbiltà u l-ilmenti dwar ir-roaming. Meta jiġi kkonsultat skont il-paragrafu 1, il-BEREC għandu jiġbor u jipprovdi informazzjoni addizzjonali dwar it-trasparenza, l-applikazzjoni ta' miżuri dwar il-komunikazzjoni ta' emerġenza u dwar is-servizzi ta' valur miżjud ⇐.

Għandu jiġbor ukoll *data* dwar il-ftehimiet tar-roaming bl-ingrossa li mhumiex soġġetti għat-tariffi tar-roaming bl-ingrossa massimi previsti fl-Artikoli ~~107~~, ~~119~~ jew 12 u dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri kuntrattwali fil-livell bl-ingrossa li huma mmirati biex jipprevjenu r-roaming permanenti jew l-użu anomalu jew abbużiv tal-aċċess għar-roaming bl-ingrossa għal skopijiet għajr il-forniment ta' servizzi tar-roaming regolati lill-klijenti tal-fornituri tar-roaming waqt ivvjaġġar perġodiku fl-Unjoni.

Dik id-*data* għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni tal-anqas ⇒ darba ⇐ ~~darba~~ fis-sena. Il-Kummissjoni għandha tippubblikaha.

Abbażi tad-*data* miġbura, il-BEREC għandu jirrapporta regolarment dwar l-evoluzzjoni tax-xejriet tal-prezzijiet u tal-konsum fl-Istati Membri kemm għas-servizzi domestiċi kif ukoll għas-servizzi tar-roaming, l-evoluzzjoni tar-rati effettivi tar-roaming bl-ingrossa għat-traffiku żbilanċjat bejn il-fornituri tas-servizzi tar-roaming, u dwar ir-relazzjoni bejn il-prezzijiet bl-immnut, it-tariffi bl-ingrossa u l-kostijiet bl-ingrossa għas-servizzi tar-roaming. Il-BEREC għandu jivvaluta kemm dawk l-elementi jirrelataw mill-qrib ma' xulxin.

~~Il-BEREC għandu wkoll ta' kull sena jiġbor informazzjoni mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali dwar it-trasparenza u l-komparabbiltà ta' tariffi differenti offruti mill-operaturi lill-klijenti tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik id-*data* u dawk is-sejbiet.~~

## Artikolu 22

### Reviżjoni tat-tariffi massimi bl-ingrossa

Il-Kummissjoni għandha, filwaqt li tikkunsidra l-opinjoni tal-BEREC, tadotta atti delegati skont l-Artikolu 23 biex temenda t-tariffi massimi bl-ingrossa li operatur tan-network miżjur jista' jimponi fuq il-fornitur tar-roaming għall-forniment ta' servizzi tar-roaming regolati bil-vuċi, tal-messaġġi SMS jew tad-data permezz ta' dak in-network miżjur skont l-Artikoli 10, 11 u 12.

Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha:

- (a) tikkonforma mal-prinċipji, mal-kriterji u mal-parametri previsti fl-Anness I;
- (b) tqis ir-rati medji bl-ingrossa ttariffati attwalment fl-Unjoni u l-ħtieġa li jitħalla spazju ekonomiku xieraq biex is-suq kummerċjali jevolvi;
- (c) tqis l-informazzjoni dwar is-suq ipprovduta mill-BEREC, mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, jew direttament, mill-impriżi li jipprovdu networks u servizzi tal-komunikazzjoni elettronika; u

## Artikolu 23

### Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikoli 21 u 22 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mill-1 ta' Jannar 2025.
3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikoli 21 u 22 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti deżinjati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 21 u 22 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 24 ~~20~~*

**Rekwiżiti ta' notifika**

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-identità tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali responsabbli għat-twettiq tal-kompiti skont dan ir-Regolament.

*Artikolu 25 ~~21~~*

**Revoka**

Ir-Regolament ~~(KE) Nru 717/2007~~  (UE) Nru 531/2012  huwa mħassar ~~qegħ jthassar~~ ~~fl-konformità mal-Anness I b'effett mill-1 ta' Lulju 2012.~~

Ir-referenzi għar-Regolamenti revokati għandhom jinftiehem bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

*Artikolu 26 ~~22~~*

**Dħul fis-seħħ u skadenza**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ ~~fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea~~  fl-1 ta' Lulju 2022  ~~u d-dispożizzjonijiet tiegħu għandhom japplikaw minn dak il jum sakemm ma jiġix previst mod ieħor f'Artikoli speċifiċi.~~

Dan għandu jiskadi fit-30 ta' Ġunju ~~2022~~ ⇒ 2032 ⇐.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

#### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-roaming fuq networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (riformulazzjoni).

#### 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) (*Raggruppament ta' programmi*)

Is-Suq Uniku  
Komunikazzjoni elettronika – Politika tal-UE dwar ir-roaming  
Programm ta' Ħidma 2020 – Ewropa għall-Era Diġitali – Diġitali għall-konsumaturi

#### 1.3. Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma':

- azzjoni ġdida
- azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja<sup>87</sup>
- l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti
- fużjoni jew dirottat ta' azzjoni waħda jew aktar lejn/ma' azzjoni oħra jew azzjoni ġdida

#### 1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

##### 1.4.1. *Rekwiżit/i li jridu jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil, inkluż skeda ta' żmien dettaljata għat-tneġġja tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Il-proposta għandha l-għan li testendi r-regoli li jirregolaw is-suq tar-roaming fl-UE kollha lil hinn mill-2022, u fl-istess ħin temenda t-tariffi massimi bl-ingrossa, tintroduċi miżuri ġodda li jiżguraw esperjenza ġenwina ta' "roaming daqslikieku f'pajjiżek" (RLAH) waqt ir-roaming, u tirrevoka miżuri oħra li ma għadhomx meħtieġa. Fl-interess taċ-ċarezza, il-proposta hija ppreżentata fil-forma ta' riformulazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 531/2012, li ġie emendat diversi drabi fl-aħħar snin.

Ir-Regolament il-ġdid se jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2022, filwaqt li jiżgura l-kontinwità mar-Regolament (UE) Nru 531/2012 preċedenti, li jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2022. Bħala Regolament, l-att legali se japplika b'mod awtomatiku u b'mod uniformi għall-pajjiżi kollha tal-UE mad-dħul fis-seħħ, mingħajr il-ħtieġa tat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali. Se jkun jorbot fl-intier tiegħu fuq il-pajjiżi kollha tal-UE.

Rigward il-bażi tad-*data* ċentralizzata tal-UE għall-meded tan-numri għas-servizzi ta' valur miżjud, il-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (il-BEREC) għandu mandat biex jistabbilixxiha sal-31 ta' Diċembru 2023.

Ir-Regolament (UE) 2018/1971 (ir-Regolament tal-BEREC) jipprevedi b'mod espliċitu li r-Regolament (UE) Nru 531/2012 (ir-Regolament dwar ir-roaming soġġett għal din ir-riformulazzjoni) jikkumplimenta u jappoġġa, sa fejn hu kkonċernat ir-roaming fl-UE kollha, ir-regoli previsti mill-qafas regolatorju għall-komunikazzjoni elettronika u jistabbilixxi ċerti kompiti għall-BEREC.

<sup>87</sup> Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

L-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2018/1971, li jistabbilixxi l-oġġettivi tal-BEREC, jipprevedi li l-BEREC jaġixxi fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 531/2012. L-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/1971, li jistabbilixxi l-kompiti regolatorji tal-BEREC, jistipula wkoll li dan iwettaq kompiti oħra assenjati lil mill-atti legali tal-UE, b'mod partikolari mir-Regolamenti (UE) Nru 531/2012.

Għalhekk, ir-Regolament (UE) 2018/1971 jagħti mandat lill-BEREC biex iwettaq il-kompiti assenjati lil mir-Regolament dwar ir-roaming. Il-BEREC se jwettaq il-kompiti, inkluż il-ħolqien u ż-żamma tal-bażi tad-*data* għall-meded tan-numri għas-servizzi ta' valur miżjud, mingħajr riżorsi umani u finanzjarji addizzjonali.

- 1.4.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jinkiseb minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza tad-dritt, effettività akbar jew il-kumplimentarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" hu l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li hu addizzjonali għall-valur li inkella kien jinholq mill-Istati Membri weħidhom.*

Raġunijiet għal azzjoni fil-livell Ewropew (*ex ante*)

Kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-Kawża storika C-58/08 Vodafone, "id-differenzi fil-prezz bejn it-telefonati li jsiru fl-Istat Membru proprju u t-telefonati li jsiru waqt ir-roaming jistgħu raġonevolment jitqiesu li jiskoraġġixxu l-użu ta' servizzi transfruntieri bħar-roaming. Dan l-iskoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri għandu l-potenzjal li jimpedixxi l-istabbiliment ta' suq intern li jiżgura l-moviment liberu tal-oġġetti, tas-servizzi u tal-kapital. Fil-fatt, fis-settur tat-telekomunikazzjoni mobbli ma hemm l-ebda attività transfruntiera aktar ċara mir-roaming innifsu."<sup>88</sup>

Il-fatt li s-servizzi huma transfruntieri jiġġustifika azzjoni meħuda fil-livell tal-UE għax l-Istati Membri waħedhom ma jistgħux jindirizzaw il-kwistjoni b'mod effettiv u l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali ma setgħux jindirizzaw il-problemi b'mod awtonomu<sup>89</sup>.

Fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Ġunju 2010 tal-Kawża C-58/08 Vodafone imsemmija hawn fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja sabet li, fil-passat, "il-livell għoli ta' prezzijiet bl-imnut ġie kkunsidrat bħala problema persistenti mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (NRAs), mill-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll mill-għaqdiet ta' difiża tal-konsumaturi fil-Komunità kollha u t-tentattivi sabiex din il-problema tiġi solvuta fuq il-bażi tal-kuntest ġuridiku eżistenti ma kellhomx bħala effett li jnaqqsu l-prezzijiet."<sup>90</sup>

Bl-istess mod, il-kwistjonijiet indirizzati mill-miżuri l-ġodda inklużi fil-proposta huma wkoll relatati strettament man-natura transfruntiera tar-roaming, u huma affettwati minnha. Għalhekk dawn ma jistgħux jiġu indirizzati b'mod adegwat mill-Istati Membri, u azzjoni fil-livell tal-UE tkun aktar effettiva minn azzjoni fil-livell nazzjonali. Fil-fatt, il-problemi sottostanti li l-miżuri ġodda proposti jipprovaw issolvu, jistgħu potenzjalment iwasslu biex jiskoraġġixxu l-użu tar-roaming, joħlqu ostakli fl-użu tas-servizzi u tal-applikazzjonijiet mobbli waqt l-ivvjaġġar fis-suq uniku, jew b'mod ġenerali jfixklu l-funzjonament bla xkiel tas-suq tar-roaming fl-UE

<sup>88</sup> Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro datata l-1 ta' Ottubru 2009 fil-Kawża C-58/08 ECLI:EU:C:2009:596.

<sup>89</sup> Ara l-ittra tal-ERG ta' Diċembru 2005 lid-Direttorat Ġenerali tad-DĠ għas-Soċjetà tal-Infommazzjoni tal-Kummissjoni.

<sup>90</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Ġunju 2010, Vodafone, C-58/08, ECLI:EU:C:2010:321, il-paragrafu 40.

kollha. Skont il-ġurisprudenza rilevanti, dan hu objettiv li jrid jiġi segwit u li jintlaħaq l-aħjar fil-livell tal-UE<sup>91</sup>.

Valur miżjud tal-UE li mistenni jiġi ġġenerat (*ex post*)

Il-valur miżjud tal-UE li din il-proposta mistennija tiġġenera huwa li (i) żżomm il-benefiċċji diġà miksuba bir-regoli tal-UE dwar ir-roaming mil-lat ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi, aktar fiduċja u kunfidenza, u għażla usa' għall-utenti finali, (ii) tiżgura forniment sostenibbli tal-RLAH u rkupru tal-kostijiet fil-livell tal-operaturi, u (iii) tindirizza kwistjonijiet mhux solvuti waqt ir-roaming, li xorta jistgħu jitqiesu raġonevolment li jiskoraġġixxu lin-nies milli jużaw dan is-servizz tipikament transfruntier.

#### 1.4.3. *Tagħlimiet minn esperjenzi simili fl-imġhoddi*

Ir-regoli tal-UE dwar ir-roaming ikkontribwew għal livell għoli ta' protezzjoni lill-konsumaturi, u dan jippromwovi l-fiduċja u l-kunfidenza u għażla usa' għall-utenti. Iż-żieda malajr u qawwija fit-traffiku tar-roaming minn Ġunju 2017 tixhed li r-riforma tal-RLAH laħqet l-objettiv tagħha li tissodisfa d-domanda kbira għall-konsum mobbli mill-vjaġġgaturi fl-UE. B'mod speċifiku, bejn is-sajf tal-2016 u s-sajf tal-2018, it-traffiku tar-roaming bl-imnut ittriplika għat-telefonati bil-vuċi u żied bi tmax-il darba għad-*data*. F'dan is-sens, ir-rieżami jikkonferma s-suċċess tar-riforma, u li bir-regoli dwar ir-roaming, b'mod ġenerali, is-suq tar-roaming jiffunzjona sew. Il-proposta għandha l-għan li tkompli tħaddem l-approċċ ta' tnaqqis gradwali fil-limiti massimi tal-prezzijiet bl-ingrossa u li tiżgura l-irkupru tal-kostijiet, peress li dawn il-miżuri, flimkien mal-mekkaniżmi ta' salvagwardja (derogi għas-sostenibbiltà u politika ta' użu ġust) kienu essenzjali biex jiġi żgurat il-forniment sostenibbli tal-RLAH.

#### 1.4.4. *Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn*

It-tneħħija tat-tariffi supplimentari tar-roaming bl-imnut kienet pass essenzjali biex jinħoloq suq uniku diġitali fl-UE kollha, u biex dan jiffunzjona sew.

B'mod partikolari, ir-regolamentazzjoni tas-suq tar-roaming li tistabbilixxi l-RLAH fl-UE kollha se tgħin biex jintlaħaq l-objettiv ta' politika li jkun żgurat li bi swieq jiffunzjonaw sew, jingħata aċċess għal infrastruttura tal-broadband mingħajr fili ta' prestazzjoni għolja bi prezzijiet affordabbli fl-UE kollha.

Għaldaqstant fit-30 ta' Ġunju 2022, meta jiskadi r-Regolament (UE) Nru 531/2012, jeħtieġ ikun evitat li jiġu mminati l-kisbiet li saru. Għalhekk, il-proposta ta' rieżami tar-regoli eżistenti dwar ir-roaming ġiet inkluża fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2020 taħt l-ambizzjoni ewlenija "Ewropa lesta għall-Era Diġitali" u l-objettiv speċifiku "Diġitali għall-konsumaturi".

Il-proposta tikkomplimenta l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (EECC)<sup>92</sup> li l-Istati Membri kellhom jittrasponu sal-21 ta' Diċembru 2020. L-EECC mhux biss għandu l-għan li jippermetti konnettività għolja u l-iskjerament tal-5G għall-benefiċċju tal-Ewropej kollha, iżda anki li jipprovdi protezzjoni effettiva lill-konsumaturi fil-kuntest tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u jsaħħaħ l-għażla tagħhom

<sup>91</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Ġunju 2010, Vodafone, C-58/08, ECLI:EU:C:2010:321, paragrafi 76-78

<sup>92</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (riformulazzjoni) (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36-214).

billi jżid il-livell tat-trasparenza tal-informazzjoni u b'regoli speċifiċi dwar it-tul massimu tal-kuntratti u l-portabbiltà tan-numri. L-EECC għandu l-għan ukoll li jipprovdi aċċess mingħajr ħlas lill-utenti finali għas-servizzi ta' emerġenza permezz tal-komunikazzjonijiet ta' emerġenza, u li jiżgura d-disponibbiltà tal-informazzjoni dwar il-lokalizzazzjoni ta' min jagħmel it-telefonata. L-EECC huwa mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar ir-roaming (qabel din il-proposta minqaxa fir-Regolament (UE) Nru 531/2012).



## 1.5. Durata u impatt finanzjarju

### durata limitata

- fis-seħħ mill-01/07/2022 sat-30/06/2032
- Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

### durata mhux limitata

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.6. Modi ta' ġestjoni ppjanati<sup>93</sup>

### Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

- mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

- mill-aġenziji eżekuttivi

### Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

### Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

- lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nominati minnhom;
- lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;
- lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- lill-korpi tal-liġi pubblika;
- lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, ipprovi d-dettalji fit-taqsimha "Kummenti".*

### Kummenti

Il-BEREC se jwettaq l-attivitajiet tal-ġbir u r-rappurtar tad-*data*, u barra minn hekk sal-31 ta' Diċembru 2023 se jstabbilixxi u jżomm bażi tad-*data* ċentralizzata tal-UE għall-meded tan-numri għas-servizzi ta' valur miżjud. Il-bażi tad-*data* hija maħsuba bħala għodda tat-trasparenza li tagħti aċċess dirett lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (NRAs) u lill-operaturi għal informazzjoni dwar il-meded tan-numri li jistgħu jiġġeneraw kostijiet (rati tat-terminazzjoni) ogħla fl-Istati Membri kollha. Il-mandat tal-BEREC ikopri l-kompiti msemmija hawn fuq. Il-BEREC se jwettaq il-

<sup>93</sup> Dettalji dwar il-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit tal-BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>

kompiti, inkluż il-ħolqien u ż-żamma tal-bażi tad-*data* għall-meded tan-numri għas-servizzi ta' valur miżjud, mingħajr riżorsi umani u finanzjarji addizzjonali.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rappurtar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Il-Kummissjoni, il-BEREC u l-NRAs se jimmonitorjaw u jirrapportaw b'mod konġunt dwar il-funzjonament tas-suq tar-roaming u l-implimentazzjoni tal-miżuri inklużi fir-Regolament dwar ir-roaming, kif previst fl-Artikolu 18 dwar is-superviżjoni u l-infurzar u fl-Artikolu 21 dwar ir-rieżami, li jiddefinixxu wkoll sistema tal-ġbir u r-rappurtar tad-data.

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

#### 2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, il-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet ta' pagament u l-istrateġija ta' kontroll proposta

Mhux rilevanti għax l-inizjattiva timplika prinċipalment nefqiet amministrattivi taħt l-intestatura 7.

#### 2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

Idem.

#### 2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)

Idem.

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija ta' Kontra l-Frodi.*

Idem.

### 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

#### 3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji ġodda tan-nefqa proposti

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Intestatura.....]	Diff./Mhux diff <sup>94</sup> .	mill-pajjiżi tal-EFTA <sup>95</sup>	mill-pajjiżi kandidati <sup>96</sup>	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju
7	Numru: 20 02 06 Intestatura 7: Ġestjoni tan-nefqa					
1	Numru: 02.200403 Intestatura 1: Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali Definizzjoni u implimentazzjoni tal-politka tal-Unjoni fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika	/Mhux diff.	/LE	/LE	/LE	/LE

<sup>94</sup> Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati/ Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

<sup>95</sup> EFTA: l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

<sup>96</sup> Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

### 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

#### 3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

miljuni ta' EUR (aġġustata 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

<b>Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	<b>1</b>	Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali
--	----------	------------------------------------

			2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Post 2027	TOTAL
Appropriazzjonijiet operazzjonali (maqsumin skont il-linji baġitarji elenkati taħt 3.1)  Definizzjoni u implimentazzjoni tal-politka tal-Unjoni fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika 02.200403	Impenji	(1)	0	0,150	0	0,705	0	0,150	0	0,855	1,860
	Pagamenti	(2)	0	0	0,075	0,155	0,550	0,075	0,075	0,930	1,860
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett tal-programm <sup>97</sup>	Impenji = Pagamenti	(3)	0	0	0	0	0	0	0	0	0
<b>TOTAL ta' appropriazzjonijiet għall-pakkett tal-programm</b>	Impenji	=1+3	0	0,150	0	0,705	0	0,150	0	0,855	1,860
	Pagamenti	=2+3	0	0	0,075	0,155	0,550	0,075	0,075	0,930	1,860

<sup>97</sup> Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

<b>Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	<b>7</b>	<b>“Nefqa amministrattiva”</b>
--	----------	--------------------------------

miljuni ta' EUR (aġġustata 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Post 2027	TOTAL
Riżorsi umani			0,216	0,431	0,431	0,431	0,431	0,431	1,940	4,310
Nefqa amministrattiva oħra		0	0	0,020	0,020	0	0	0,020	0,020	0,080
<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	(Total ta' impenji = Total ta' pagamenti)	0	0,216	0,451	0,451	0,431	0,431	0,451	1,960	4,390

miljuni ta' EUR (aġġustata 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Post 2027	TOTAL
<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet fi-INTESTATURI tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	Impenji	0	0,366	0,431	1,156	0,451	0,581	0,431	2,835	6,250
	Pagamenti	0	0,216	0,506	0,606	1,001	0,506	0,506	2,910	6,250

3.2.2. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- Il-proposta/l-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (aġġustata 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL inkluż sal- 2032
------	------	------	------	------	------	------	------	------------------------------

INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	0	0,216	0,431	0,431	0,431	0,431	0,431	4,310
Nefqa amministrattiva oħra	0	0	0,020	0,020	0	0	0,020	0,060
<b>Subtotal għall- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	<b>0</b>	<b>0,216</b>	<b>0,451</b>	<b>0,451</b>	<b>0,431</b>	<b>0,431</b>	<b>0,451</b>	<b>4,370</b>

Barra mill- INTESTATURA 7 <sup>98</sup> of the multiannual financial framework								
Riżorsi umani								
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	0	0	0	0	0	0	0	0
<b>Subtotal barra mill- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>

<b>TOTAL</b>	<b>0</b>	<b>0,216</b>	<b>0,451</b>	<b>0,451</b>	<b>0,431</b>	<b>0,431</b>	<b>0,451</b>	<b>4,370</b>
--------------	----------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u nfiq ieħor ta' natura amministrattiva se jiġu ssodisfati b'appropriazzjonijiet mid-DĠ li jkunu diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew kienu ġew ridistribwiti fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ewlieni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Il-baġit previst għall-2022 iqis biss nofs sena, peress li r-Regolament (UE) Nru 531/2012 jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2022.

<sup>98</sup> Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

### 3.2.2.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani.
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għal full-time*

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
<b>• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)</b>							
Kwartieri ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni		2	2	2	2	2	2
Delegazzjonijiet							
Riċerka							
<b>• Persunal estern (f'unità ekwivalenti għal full-time: FTE) - AC, AL, END, INT u JPD<sup>99</sup></b>							
Intestatura 7							
Iffinanzjati mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	- fil-Kwartieri Ġenerali		1,5	1,5	1,5	1,5	1,5
	- fid-Delegazzjonijiet						
Iffinanzjati mill-pakkett tal-programm <sup>100</sup>	- fil-Kwartieri Ġenerali						
	- fid-Delegazzjonijiet						
Riċerka							
Oħrajn (speċifika)							
<b>TOTAL</b>		<b>3,5</b>	<b>3,5</b>	<b>3,5</b>	<b>3,5</b>	<b>3,5</b>	<b>3,5</b>

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DG li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riasenjat fid-DG, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DG tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali temporanju u persunal	<p>2 FTEs fis-sena, analizzati kif ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>- il-koordinazzjoni tar-rieżami tar-roaming u rapporti relatati tal-Kummissjoni, ir-rieżami tal-atti ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni, il-komitoloġija (CoCoM), it-tħejjija u l-adozzjoni ta' atti delegati, l-istabbiliment ta' grupp ta' esperti esterni, il-kooperazzjoni mal-BEREC u l-ġħajnuna għall-iżvilupp ta' Linji Gwida.</li> <li>- il-monitoraġġ, il-koordinazzjoni tal-ġbir u l-analiżi tad-<i>data</i>, it-twettiq ta' sħarriġiet COM-BEREC konġunti, il-kooperazzjoni mal-BEREC, u l-koordinazzjoni tal-JRC;</li> <li>- analiżi li tħares' il quddiem (tal-iżviluppi teknoloġiċi u kummerċjali);</li> <li>- l-iżgurar tal-akkwist, tal-koordinazzjoni u tal-ġestjoni ta' studji esterni (inkluż ftehimiet amministrattivi mal-JRC, studju dwar l-iżviluppi teknoloġiċi, mudelli tal-kostijiet għall-valutazzjoni tal-limiti massimi fil-livell bl-ingrossa);</li> <li>- analiżi legali, tweġibiet għall-mistoqsijiet parlamentari u mistoqsijiet oħra, trattament tal-ilmenti mingħand iċ-ċittadini u lmenti oħra, proċedimenti ta' ksur.</li> </ul>
---------------------------------	--

<sup>99</sup> AC= Persunal Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Esperti Nazzjonali Sekondati; INT = persunal tal-aġenzija; JPD = Esperti Professionali fid-Delegazzjonijiet.

<sup>100</sup> Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprijazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").



Persunal estern	<p>0,5 FTE CA u 1 FTE END biex jikkontribwixxu għal dawn il-kompiti li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>- il-ġbir u l-analiżi tad-<i>data</i>, analiżi legali, tweġibiet għall-mistoqsijiet parlamentari u mistoqsijiet oħra, it-trattament tal-ilmenti;</li> <li>- kontribut għar-rieżami tar-roaming u analiżi li tħares 'il quddiem (tal-iżviluppi teknoloġiċi u kummerċjali);</li> <li>- l-iżgurar tal-koordinazzjoni u tal-ġestjoni ta' studji esterni (inkluż ftehimiet amministrattivi mal-JRC, studju dwar l-iżviluppi teknoloġiċi, mudelli tal-kostijiet għall-valutazzjoni tal-limiti massimi fil-livell bl-ingrossa).</li> </ul>
-----------------	---

### 3.2.3. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

Il-proposta/l-inizjattiva:

- ma tipprevedix il-kofinanzjament minn partijiet terzi
- tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprijazzjonijiet f' miljuni ta' EUR (aġġustata 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-approprijazzjonijiet kofinanzjati								

### 3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

Il-proposta/l-inizjattiva:

- tista' tiġi ffinanzjata għalkollox b'riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

L-ispejjeż operazzjonali msemmija fl-punt 3.2.1 se jiġu koperti b'riallokazzjoni fi ħdan il-programmazzjoni finanzjarja tal-linja baġitarja operazzjonali 02 20 04 03.

- teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali definiti fir-Regolament dwar il-QFP.
- teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- Il-proposta/inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
  - fuq ir-riżorsi proprji
  - fuq dħul ieħor

indika jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (aġġustata 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva <sup>101</sup>						
	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
Artikolu .....							

Għad-dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Rimarki oħra (eż. metodu/formula użati għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

<sup>101</sup> Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % tal-kostijiet tal-ġbir.